# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0406/2008**

15.10.2008

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tas-sistema ta' l-UE għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra
(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Avril Doyle

Rapporteur għal opinjoni:
Lena Ek, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

(*) Kumitati assoċjati - Regola 47 tar-Regoli ta' Proċedura

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi fuq il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................70

ANNESS - LISTA TA' KONTRIBUTI MILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI ......................73

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ........78

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI .........................125

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI.........162

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI ..........................................208

PROĊEDURA ...............................................................................................................234

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tas-sistema ta' l-UE għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra**
**(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2008)0016),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0043/2008),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0406/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal Direttiva – att li jemenda**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-*Kambjamenti tal-*Klima, | (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-*Bidla fil-*Klima, huwa li |

| | |
|---|---|
| huwa li tinkiseb stabbilizzazzjoni fil-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjeni indħil perikoluż antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda kumplessiva globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. L-aħħar rapport Valutattiv tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC 4AR, juri li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra għandhom jilħqu l-quċċata tal-limitu sa l-2020. Dan jimplika żieda fl-isforzi min-naħa tal-Komunità u l-involviment malajr ta' pajjiżi żviluppati u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li qegħdin fi żvilupp fil-proċess tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. | tinkiseb stabbilizzazzjoni fil-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjeni indħil perikoluż antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda kumplessiva globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. L-aħħar rapport Valutattiv tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC 4AR, juri li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra għandhom jilħqu l-quċċata tal-limitu sa l-2020. ***Sejbiet xjentifiċi reċenti juru li l-konċentrazzjoni atmosferika tad-dijossidu tal-karbonju trid titnaqqas għal inqas minn 350 parti għal kull miljun, li timplika tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 60% sal-2035.*** Dan jimplika żieda fl-isforzi min-naħa tal-Komunità u l-involviment malajr ta' pajjiżi żviluppati ***u reċentament industrijalizzati*** u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li qegħdin fi żvilupp fil-proċess tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ladarba s-sitwazzjoni klimatika hija iżjed serja minn qabel għalkemm il-forum reċenti li sar f'Tällberg, l-Iżvezja, bil-parteċipazzjoni tax-xjentisti tan-NASA u tal-Istitut għall-Ambjent ta' Stokkolma, jissuġġerixxi li għandna nnaqqsu s-*$CO_2$ *atmosferiku għal livelli inqas minn 350ppm (partijiet għal kull miljun) sabiex jiġu evitati l-effetti katastrofiċi. Sa dan l-aħħar, il-kunsens xjentifiku stipula zona ta' sikurezza sabiex jiġu evitati l-agħar effetti fuq il-bidla fil-Klima ma' 450ppm filwaqt li sejbiet ġodda issa qed juru li l-livelli kritiċi diġà jibdew mat-350ppm. Dan ikun ifisser tnaqqis ta' talanqas 60% tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 u ta' 100% sal-2050.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l- | (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l- |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità b'talanqas 20% taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30% sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm dawk l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp jikkontribwixxu b'mod xieraq skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jonqsu b'talanqas 50% taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. | emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità b'talanqas 20% taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30% sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm dawk l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp jikkontribwixxu b'mod xieraq skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jonqsu b'talanqas 50% taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet, ***inklużi dawk ta' tbaħħir u ta' l-avjazzjoni. L-avjazzjoni qed tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' 20% u 30% (sakemm pajjiżi żviluppati oħra u emitturi ewlenin oħra tal-gassijiet serra jipparteċipaw fil-ftehima internazzjonali futura) permezz tal-inklużjoni tagħha fl-iskema tal-Komunità. Sakemm it-tbaħħir jiġi inkluż fl-iskema tal-Komunità, l-emissjonijiet mit-tbaħħir iridu jiġu inklużi fid-Deċiżjoni bl-isforz ta' l-Istati Membri biex sa l-2020 jitwettqu l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' kjarifika.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima (COP 13 u COP/MOP 3), il-Parlament Ewropew fakkar il-pożizzjoni tiegħu li l-pajjiżi industrijalizzati*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandhom jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra mill-inqas b'30% sal-2020 u b'60-80% sal-2050 meta mqabbla mal-figuri tal-1990. Minħabba l-fatt li tantiċipa riżultat pożittiv għan-negozjati COP 15 li se jsiru f'Kopenħagen fl-2009, l-Unjoni Ewropea għandha tibda tipprepara miri iktar stretti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u għal wara u għandha tfittex li tiżgura li, wara l-2013, l-iskema tal-Komunità tippermetti, jekk hemm bżonn, għal limiti tal-emissjonijiet iktar strinġenti, bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal ftehima internazzjonali ġdida.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu enfasizzati l-ambizzjonijiet kbar tal-Parlament fir-rigward tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. L-aħjar mezz biex jintlaħaq dan huwa permezz ta' ftehima internazzjonali, li trid issir f'Kopenħagen sa tmiem l-2009. Din il-proposta trid titqies bħala prova tal-impenn b'saħħtu tal-UE f'dan ir-rigward, imma wkoll bħala sinjal li l-UE qed tipprepara għal miri iżjed stretti li jiddaħħlu mal-ftehima l-ġdida.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Fejn hemmm fis-seħħ miżuri ekwivalenti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari it-tassazzjoni, għal *stallazzjonijiet* żgħar li l-emissjonijiet tagħhom ma jaqbżux limitu ta' ***10 000*** tunnellata ta' CO2 fis-sena, għandu jkun hemm proċedura li tippermetti l-Istati Membri jeskludu *stallazzjonijiet* żgħar bħal dawn minn sistema għall-iskambu tal-kwoti ta' l-emissjonijiet għal kemm żmien dawk il-miżuri jdumu japplikaw . ***Relattivament*** *dan* il-limitu joffri r-rendiment massimu f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi għal kull tunnellata eskluża mis-sistema***, għal*** | (10) Fejn hemmm fis-seħħ miżuri ekwivalenti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari it-tassazzjoni, għal *installazzjonijiet* żgħar li l-emissjonijiet tagħhom ma jaqbżux limitu ta' ***25,000*** tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena, għandu jkun hemm proċedura li tippermetti l-Istati Membri jeskludu***, fuq talba tal-operatur,*** *installazzjonijiet* żgħar bħal dawn minn sistema għall-iskambu tal-kwoti ta' l-emissjonijiet għal kemm żmien dawk il-miżuri jdumu japplikaw . ***L-isptarijiet ukoll jistgħu jiġu esklużi jekk jieħdu l-miżuri ekwivalenti.*** *Dan* il-limitu ***huwa l-iktar għażla vantaġġjuża f'sens*** |

| | |
|---|---|
| ***raġunijiet ta' simplifikar amministrattiv***. Bħala konsegwenza tal-bidla tal-perjodi ta' allokazzjoni ta' ħames snin, u sabiex jissaħħu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà, għandhom jiġu *stabbiliti* dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tar-reviżjoni tal-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra. | ***ekonomiku u*** joffri r-rendiment massimu f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi għal kull tunnellata eskluża mis-sistema Bħala konsegwenza tal-bidla tal-perjodi ta' allokazzjoni ta' ħames snin, u sabiex jissaħħu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà, għandhom jiġu *stipulati* dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tar-reviżjoni tal-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Dan il-kontribut huwa ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet fl-2020 skond l-iskema Komunitarja ta' 21% taħt il-livelli rappurtati ta' l-2005, inkluż l-effett ta' l-ambitu estiż mill-perjodu 2005 sa 2007 għall-perjodu 2008 sa 2012 u ċ-ċifri ta' emissjoniiet għall-2005 għas-settur ta' l-iskambju tal-kwoti li ntuża għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-perjodu 2008 sa 2012, li jirriżulta fil-ħruġ ta' massimu ta' 1720 miljun kwota fis-sena 2020. Ladarba l-Istati Membri jkunu ħarġu l-kwoti skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni tagħhom għall-perjodu 2008 sa 2012 *jiġi* kkalkulati kwantitajiet eżatti ta' emissjonijiet, għaliex l-approvazzjoni ta' l-allokazzjoniet għal xi *stallazzjonijiet* kienet marbuta mal-ġustifikazzjoni u l-verifikar ta' l-emissjonijiet tagħhom. Ladarba jkun seħħ il-ħruġ tal-kwoti għall-perjodu 2008 sa 2012, il-Kummissjoni se tippubblika l-kwantità ta' madwar il-Komunità kollha. Għandhom isiru aġġustamenti għall-kwantità ta' madwar il-Komunità kollha fir-rigward ta' *stallazzjonijiet* li jiddaħħlu fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 | (12) Dan il-kontribut huwa ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet fl-2020 skond l-iskema Komunitarja ta' 21% taħt il-livelli rappurtati ta' l-2005, inkluż l-effett ta' l-ambitu estiż mill-perjodu 2005 sa 2007 għall-perjodu 2008 sa 2012 u ċ-ċifri ta' emissjoniiet għall-2005 għas-settur ta' l-iskambju tal-kwoti li ntuża għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-perjodu 2008 sa 2012, li jirriżulta fil-ħruġ ta' massimu ta' 1720 miljun kwota fis-sena 2020. Ladarba l-Istati Membri jkunu ħarġu l-kwoti skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' allokazzjoni tagħhom għall-perjodu 2008 sa 2012 *jiġu* kkalkulati kwantitajiet eżatti ta' emissjonijiet, għaliex l-approvazzjoni ta' l-allokazzjoniet għal xi *installazzjonijiet* kienet marbuta mal-ġustifikazzjoni u l-verifikar ta' l-emissjonijiet tagħhom. Ladarba jkun seħħ il-ħruġ tal-kwoti għall-perjodu 2008 sa 2012, il-Kummissjoni se tippubblika l-kwantità ta' madwar il-Komunità kollha. Għandhom isiru aġġustamenti għall-kwantità ta' madwar il-Komunità kollha fir-rigward ta' *installazzjonijiet* li jiddaħħlu fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 |

| | |
|---|---|
| sa 2012 jew mill-2013 *'l* quddiem. | sa 2012 jew mill-2013 *'il* quddiem ***jew li jiġu esklużi minnha***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhux biss l-aġġustamenti 'l fuq għandhom bżonn isiru. Huwa importanti li jitnaqqas l-ammont totali ta' kwoti meta l-installazzjonijiet ikunu esklużi mill-EU ETS sabiex jiġi evitat milli jintreħa l-limitu għall-installazzjonijiet li jkun baqa'.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-Istati Membri kollha se jkollhom jagħmlu investimenti sostanzjali biex sa l-2020 inaqqsu l-intensità tal-karbonju ta' l-ekonomiji tagħhom u f'dawk l-Istati Membri fejn il-livell tad-dħul kull ras għadu notevolment taħt il-medja tal-Komunità u li l-ekonomiji tagħhom huma fil-proċess li jlaħħqu ma' l-Istati Membri aktar rikki se jkollhom jagħmlu sforz sinifikanti biex itejbu l-effiċjenza fl-enerġija tagħhom. L-għanijiet ta' l-eliminazzjoni ta' tagħwiġ għal kompetizzjoni intra Komunitarja u biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' effiċjenza ekonomika fit-trasformazzjoni ta' l-ekonomija ta' l-UE għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jagħmilha xierqa li s-setturi ekonomiċi jiġu ttrattati b'mod differenti skond l-iskema Komunitarji fl-Istati Membri individwali. Għalhekk jeħtieġ li jiġu żviluppata mekkaniżmi oħra li jappoġġjaw l-isforzi ta' dawk l-Istati Membri b'livell ta' dħul relattivament baxx kull ras u bi prospetti ogħla. 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati għandu jitqassam fost l-Istati Membri skond is-sehem relattiv tagħhom ta' l-emmissjonijiet għall-***2005 fl-iskema Komunitarja***. 10% ta' din il-kwantità għandu jitqassam għall-benefiċċju ta' dawn l-Istati Membri għall-finijiet tas-solidarjetà u t-tkabbir fil-Komunià, biex jintuża għat- | (14) L-Istati Membri kollha se jkollhom jagħmlu investimenti sostanzjali biex sa l-2020 inaqqsu l-intensità tal-karbonju ta' l-ekonomiji tagħhom u f'dawk l-Istati Membri fejn il-livell tad-dħul kull ras għadu notevolment taħt il-medja tal-Komunità u li l-ekonomiji tagħhom huma fil-proċess li jlaħħqu ma' l-Istati Membri aktar rikki se jkollhom jagħmlu sforz sinifikanti biex itejbu l-effiċjenza fl-enerġija tagħhom. L-għanijiet ta' l-eliminazzjoni ta' tagħwiġ għal kompetizzjoni intra Komunitarja u biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' effiċjenza ekonomika fit-trasformazzjoni ta' l-ekonomija ta' l-UE għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jagħmilha xierqa li s-setturi ekonomiċi jiġu ttrattati b'mod differenti skond l-iskema Komunitarji fl-Istati Membri individwali. Għalhekk jeħtieġ li jiġu żviluppata mekkaniżmi oħra li jappoġġjaw l-isforzi ta' dawk l-Istati Membri b'livell ta' dħul relattivament baxx kull ras u bi prospetti ogħla. 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati għandu jitqassam fost l-Istati Membri skond is-sehem relattiv tagħhom ta' l-emmissjonijiet ***mill-2005 sal-2007***. 10% ta' din il-kwantità għandu jitqassam għall-benefiċċju ta' dawn l-Istati Membri għall-finijiet tas-solidarjetà u t-tkabbir fil-Komunià, biex jintuża għat-tnaqqis ta' l- |

| | |
|---|---|
| tnaqqis ta' l-emissjonijiet u għall-adattament għall-effetti *tat-tibdil* fil-klima. Din id-distribuzzjoni ta' 10% għandha tqis il-livelli ta' dħul kull ras fis-sena 2005 u l-prospetti għat-tkabbir ta' l-Istati Membri,u għandha tkun ogħla għall-Istati Membri b'livell ta' dħul baxx kull ras u bi prospetti ta' tkabbir għoljin. L-Istati Membri b'livell medja ta' dħul kull ras li jkun aktar minn 20% ogħla mill-medja tal-Komunità għandhom jikkontribwixxu għal din id-distribuzzjoni, ħlief meta l-ispejjeż diretti stmati tal-pakkett globali fis-SEC(2008)85 jaqbżu ż-0.7% tal-PGD. | emissjonijiet u għall-adattament għall-effetti *tal-bidla* fil-klima. Din id-distribuzzjoni ta' 10% għandha tqis il-livelli ta' dħul kull ras fis-sena 2005 u l-prospetti għat-tkabbir ta' l-Istati Membri,u għandha tkun ogħla għall-Istati Membri b'livell ta' dħul baxx kull ras u bi prospetti ta' tkabbir għoljin. L-Istati Membri b'livell medja ta' dħul kull ras li jkun aktar minn 20% ogħla mill-medja tal-Komunità għandhom jikkontribwixxu għal din id-distribuzzjoni, ħlief meta l-ispejjeż diretti stmati tal-pakkett globali fis-SEC(2008)85 jaqbżu ż-0.7% tal-PGD. |

*Ġustifikazzjoni*

*Minflok tintuża d-data għal sena individwali, it-tqassim tal-kwoti tal-emissjonijiet għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' valuri medji għal mill-inqas sentejn. Il-kwantitajiet tal-emissjonijiet minn sena għall-oħra jistgħu jvarjaw ukoll minħabba raġunijiet naturali: dan jimplika li għandu jittieħed bħala punt ta' riferiment perjodu, iktar milli sena. Il-proposta tal-Kummissjoni tgħid, barra minn hekk, li l-Kummissjoni lesta li meta tkun qed tipparagunahom, taqsam f'fatturi ċ-ċifri tal-emissjonijiet tal-2006, malli dawn ikunu disponibbli. Huwa importanti li wieħed jiftakar li bażi ta' kalkolu li jkopri bosta snin mhux se jaltera t-total tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-Komunita.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra *t-tibdil* fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli *tiegħu*, huwa xieraq li ***talanqas 20%*** tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jintużaw ***għat-tnaqqis ta'*** l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti *tat-tibdil* fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp ***għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta enerġiji rinovabbli biex*** jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji *rinovabbli* ta' | (15) Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra *l-bidla* fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli *tagħha*, huwa xieraq li ***50%*** tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jintużaw ***f'fond internazzjonali dedikat biex jonqsu*** l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti *tal-bidla* fil-klima, ***u*** għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp ***biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u jkun hemm addattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu rratifikaw il-ftehima*** |

| | |
|---|---|
| 20%, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20%, għall-ġbir u l-ħżin *ġeoloġika* ta' gassijiet serra, biex issir kontribuzzjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni ***u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp,*** u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal ***żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet.*** Barraminhekk, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat. | ***internazzjonali. Id-dħul li jibqa' mill-irkant għandu jintuża biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-bidla fil-klima fl-Unjoni Ewropea, fost l-oħrajn biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex jiġu addattati l-impatti tal-bidla fil-klima, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis fl-emissjonijiet u l-addattament, biex jiġu żviluppati enerġiji rinnovabbli ħalli*** jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji *rinnovabbli* ta' 20%, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20%, għall-ġbir u l-ħżin *ġeoloġiku* ta' gassijiet serra, biex issir kontribuzzjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal ***faqar fl-enerġija.*** Barraminhekk, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat. |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Meta jitqiesu l-ħeffa u l-firxa wiesgħa tad-diforestazzjoni globali huwa essenzjali li d-dħul minn irkant fl-iskema tal-Komunità jintuża biex titnaqqas id-*** |

***diforestazzjoni u jiżdiedu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni b'mod sostenibbli. Barra minn hekk, l-UE għandha taħdem sabiex tistabbilixxi sistema internazzjonali rikonoxxuta għat-tnaqqis tad-diforestazzjoni u għaż-żieda fl-afforestazzjoni u r-rijafforestazzjoni. Id-dħul għandu jingħata mill-Istati Membri għal ġo fond dedikat li jintnefaq effettivament għal dan l-iskop jew għal skopijiet internazzjonali oħrajn.***

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Minħabba l-fatt li d-dħul mill-irkant immirat għad-diforestazzjoni, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni mhuwiex biżżejjed biex iwaqqaf id-diforestazzjoni globali, hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn inkunu realistiċi u ma nippretendux li se nsolvu l-problema msemmija hawn fuq b'20% mid-dħul tal-irkant.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) Sabiex titħeġġeġ distribuzzjoni ekwa u effettiva fir-rigward spejjeż ta' proġetti f'pajjiżi terzi u t-tixrid tal-aħjar prattika rigward l-attivitajiet kollha msemmija fil-Premessa 15, hemm bżonn jitwaqqfu mekkaniżmi biex jiġi żgurat l-iskambju effettiv tal-informazzjoni rigward il-proġetti li jieħdu f'idejhom Stati Membri*** |

***differenti.***

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li l-proġetti tal-Istati Membri intenzjonati li jissodisfaw l-obbligi skont l-Artikolu 10(3) ikunu kkoordinati sew sabiex jiġi żgurat li l-fondi jintużaw għall-iżjed proġetti neċessarji u bżonnjużi u li d-duplikazzjoni tiġi evitata.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Bħala konsegwenza, mill-2013 *'l* quddiem r-regola għandha tkun l-irkant sħiħ għas-settur ta' l-enerġija u għar-raffineriji, minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża żejda tas-CO2***, u għandha tingħata allokazzjoni bi ħlas biss għall-ġabra u l-ħażna tal-karbonju għaliex l-inċentiv għal dan joħroġ mill-fatt li ma jkunux hemm il-ħtieġa li dawn jiġu ċeduti fir-rigward ta' l-emissjonijiet maħżuna.*** Ġeneraturi ta' l-elettriku ***jistgħu*** jirċievu kwoti mingħajr ħlas għas-sħana prodotta permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE ***fil-każ li sħana bħal din minn stallazzjonijiet f'setturi oħra kellha tingħata allokazzjonijiet mingħajr ħlas biex jiġi evitat tagħwiġ tal-kompetizzjoni.*** | (16) Bħala konsegwenza, mill-2013 *'il* quddiem ir-regola għandha tkun l-irkant sħiħ għas-settur ta' l-enerġija u għar-raffineriji, minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża żejda tas-$CO_2$, Ġeneraturi ta' l-elettriku ***għandhom*** jirċievu kwoti mingħajr ħlas ***għal sħana tad-distretti, u*** għas-sħana prodotta permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE ***fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana u tat-tkessiħ, sal-livell tal-aħjar teknoloġiji disponibbli, u l-elettriku prodott jew f'konnessjoni mas-sħana industrijali permezz ta' koġeneraturi ta' effiċjenza għolja kif definit fid-Direttiva 2004/8/KE jew minn residwi minn proċess industrijali li juża l-aħjar teknoloġiji disponibbli, sakemm din tkun prodotta għall-konsum tal-operaturi tal-installazzjonijiet stess; dawn kollha għandhom jirċievu allokazzjoni taħt l-istess prinċipju kif applikat għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) L-inċentiva ewlenija fuq tul ta' żmien twil għaż-żamma u l-ħżin tal-karbonju u għat-teknoloġiji rinnovabbli ġodda hija li l-kwoti ma jkollhomx bżonn jintilfu għall-emissjonijiet tas-C0$_2$ mill-ġenerazzjoni tal-enerġija li jinħażnu b'mod permanenti, jew evitati. Barra minn hekk, biex tiżdied l-implimentazzjoni tal-ewwel faċilitajiet kummerċjali, għandu jintuża d-dħul mill-irkant u għandhom jiġu sseparati l-kwoti mir-riżerva għal dawk li jidħlu ġodda biex jiffinanzjaw somma garantita għat-tunnellati tas-CO$_2$ maħżuna jew evitati għall-ewwel faċilitajiet bħal dawn fl-UE jew kwalunkwe pajjiż terz li jkun irratifika l-ftehima internazzjonali futura dwar il-bidla fil-klima sakemm ikun hemm ftehima dwar il-qsim tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali għat-teknoloġija.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-teknoloġiji rinnovabbli ġodda li ma jkunux ġew ittestjati b'mod kummerċjali huma inkorporati fil-mekkaniżmu tal-iffinanzjar ulterjuri. 180GW ta' kapaċità ġdida tal-enerġija mir-riħ sa tmiem l-2020 tevita ammont ta' emissjonijiet li tikkorrispondi għal 70% tal-mira proposta għat-tnaqqis tal-ETS b'21%. L-appoġġ għall-innovazzjonijiet ġodda fuq skala għolja fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli joffri opportunitajiet reali sabiex jiġu mibdija t-teknoloġiji li se jagħtu kontribut sinifikattiv għall-kisba tal-miri kemm fl-UE kif ukoll globalment.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim kif suppost tas-swieq tal-karbonju u tal-elettriku, l-irkant tal-kwoti għall-perjodu mill-2013 'il quddiem għandu jibda samhux iktar tard mill-2011 u għandu jkun ibbażat fuq prinċipji ċari u oġġettivi*** |

| | |
|---|---|
| | ***definiti sew minn qabel.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li s-suq tal-karbonju jaħdem fil-ħin, b'mod effettiv u b'biżżejjed likwidità sabiex tiġi appoġġjata l-operazzjoni effiċjenti tas-suq tal-elettriku. Ladarba dan is-suq huwa kkaratterizzat minn kuntratti bil-quddiem, l-irkant attwali għandu jibda sew qabel il-perjodu. Barra minn hekk, il-prinċipji tal-irkant u d-dispożizzjonijiet dettaljati tad-disinn għandhom jiġu ppubbliċizzati sew minn qabel sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jottimmizzaw l-istrateġiji għall-offerti waqt l-irkant.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas għal *stallazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità ***("punti ta' riferiment")*** kollha sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom ***iqisu*** *t-*tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji *rinovabbli* u l-ġabra u l-ħażna tal-*ġassijiet* serra. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet ***u*** *għandha tiżgura* li proporzjoni dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. Allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *stallazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *stallazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr | (18) Allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas għal *installazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità kollha ***li jwaqqfu punti ta' riferiment settorjali speċifiċi ex ante***, sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fil-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom ***ikunu bbażati fuq*** *it-*tekniki ***u t-teknoloġiji*** li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji *rinnovabbli* u l-ġabra u l-ħażna tal-*gassijiet* serra ***u biex jitqiesu l-potenzjal, inkluż il-potenzjal tekniku, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet***. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet ***globali jew għal kull unità ta' produzzjoni****.* ***Huma*** *għandhom jiżguraw* li proporzjoni dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. ***Għal kull settur, il-punt ta' riferiment għandu jiġi kkalkulat fuq il-prodott finali biex jiżdied għall-massimu t-tfaddil tal-emissjoni tal-gassijiet serra u mill-effiċjenza tal-enerġija fil-proċess sħiħ tal-produzzjoni tas-settur ikkonċernat.*** Allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' |

ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati.

jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *installazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *installazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. ***"Dik li tidħol ġdida" tfisser installazzjoni li tkun akkwistat permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra wara li tkun ippreżentat il-lista msemmija fl-Artikolu 11(1) lill-Kummissjoni, jew aġġornament tal-permess tal-emissjoni tal-gassijiet serra tagħha minħabba estensjoni ta' mill-inqas 20% fil-kapaċità tal-installazzjoni jew bidla sinifikanti fin-natura u t-tħaddim tagħha. Fid-definizzjoni tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-punti ta' riferiment ex ante f'setturi individwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mas-setturi kkonċernati.*** Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati.

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż li *jikseb* l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali ***f'dan ir-rigward***. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u entitajiet oħrajn li huma sorsijiet kbar ta' gassijiet serra ma jipparteċipawx f'***dan il-ftehim*** | (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż ***u/jew ftehimiet settorjali internazzjonali*** li *jiksbu* l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali ***hekk kif il-pajjiżi fl-Anness I tal-Protokoll ta' Kyoto ffirmaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra*** |

internazzjonali, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra *f'pajjiż* terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("rilaxx tal-karbonju"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sotto setturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali f'żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' jdgħajjef l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju, il-Komunità se talloka kwoti mingħajr ħlas sa 100% għal ***setturi jew sottosetturi*** li jilħqu l-kriterji rilevanti. Id-definizzjoni ta' dawn ***is-setturi jew sotto setturi*** u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk ***is-setturi jew sotto setturi*** speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju tar-rilaxx tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi proporzjoni għoli ta' spejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti.

***bejn l-25% u l-40% sa l-2020 meta mqabbel ma' l-1990***. ***Biex tinżamm it-tmexxija f'dak il-grupp ta' pajjiżi, l-UE teħtieġ li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra fil-parti ta' fuq ta' mira perċentwali.*** Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u entitajiet oħrajn li huma sorsijiet kbar ta' gassijiet serra ma jipparteċipawx ***fi ftehimiet*** internazzjonali ***bħal dawn***, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ***minn installazzjoni li huma anqas effiċjenti fir-rigward tal-karbonju*** *f'pajjiżi* terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("rilaxx tal-karbonju"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sotto setturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali f'żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' jdgħajjef l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju, ***il-Kummissjoni għandha tappoġġja t-tfassil tal-ftehimiet settorjali globali u, fejn ftehimiet bħal dawn mhumiex possibbli,*** il-Kummissjoni għandha tappoġġa t-twaqqif ta' ftehimiet settorjali globali u, fejn ftehimiet bħal dawn ma jkunux possibbli, il-Komunità għandha talloka kwoti mingħajr ħlas sa 100% ***sotto setturi jew installazzjonijiet*** li jilħqu l-kriterji rilevanti. Id-definizzjoni ta' dawn ***is-sotto setturi u l-installazzjonijiet*** u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk ***is-sotto setturi jew l-installazzjonijiet*** speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi proporzjon għoli ta' l-ispejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-

| | |
|---|---|
| | kwantità tal-kwoti. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Għalhekk mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011*** il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sottosetturi ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju ***mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010***. Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni tan-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu *l*-ispiża tal-kwoti meħtieġa fil-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq favur installazzjonijiet barra l-UE li ma jieħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Industriji intensivi fl-enerġija determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell installazzjonijiet mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal installazzjonijiet ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti. Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, | (20) Għalhekk mhux aktar tard minn ***Ġunju 2010*** il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha ***fl-istess ħin,*** tidentifika liema sotto setturi jew installazzjonijiet ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju. Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni tan-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu ***ż-żieda*** *fl*-ispiża tal-kwoti meħtieġa fil-prezz tal-prodott ***minħabba d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva*** bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq favur installazzjonijiet barra l-UE li ma jieħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Industriji intensivi fl-enerġija determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell installazzjonijiet mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal installazzjonijiet ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti. Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun |

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi, filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO. | f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikolari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi, filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fil-Komunità, għandu jiġi armonizzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto mal-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) mill-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. Ladarba jkun hemm ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu addizzjonali tat-Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u ta' l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) minn dawk il-pajjiżi li jkunu | (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fil-Komunità, għandu jiġi armonizzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto mal-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) mill-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. Ladarba jkun hemm ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu addizzjonali tat-Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u ta' l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) minn dawk il-pajjiżi li jkunu |

| | |
|---|---|
| kkonkludew tali ftehim. Fl-assenza ta' tali ftehim, kundizzjonijiet li jippromwovu aktar użu tas-CERs u l-ERUs inaqqsu mill-effett ta' dan l-inċentiv u jagħmluha aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet Komunitarji dwar aktar użu ta' l-enerġija rinnovabbli. L-użu tas-CERs u ta' l-ERUs għandu jkun konsistenti ma' l-għan tal-Komunità li sa l-2020 20% ta' l-enerġija jiġu ġġenerati minn sorsi rinnovabbli, u għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jistimolaw investimenti favur it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw fi tnaqqis reali u addizzjonali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li jixprunaw l-innovazzjoni fil-kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn pajjiż wieħed. Mal-konklużjoni ta' ftehima internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanja fil-livell tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' l-iskema Komunitarja. | kkonkludew tali ftehim. ***Il-proġetti CER u ERU approvati taħt ftehim internazzjonali futur dwar il-bidla fil-klima għandhom japoġġaw is-sotenibilità ambjentali u soċjali, juru benefiċċju ambjentali, jevitaw ir-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju u jinkludu mekkaniżmu trasparenti ta' validazzjoni u verifika.*** Fl-assenza ta' tali ftehim, kundizzjonijiet li jippromwovu aktar użu tas-CERs u l-ERUs inaqqsu mill-effett ta' dan l-inċentiv u jagħmluha aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet Komunitarji dwar aktar użu ta' l-enerġija rinnovabbli. L-użu tas-CERs u ta' l-ERUs għandu jkun konsistenti ma' l-għan tal-Komunità li sa l-2020 20% ta' l-enerġija jiġu ġġenerati minn sorsi rinnovabbli, u għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jistimolaw investimenti favur it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw fi tnaqqis reali u addizzjonali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li jixprunaw l-innovazzjoni fil-kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn pajjiż wieħed. Mal-konklużjoni ta' ftehima internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanja fil-livell tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' l-iskema Komunitarja. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proġetti CDM u JI approvati wara ftehim internazzjonali futur dwar il-bidla fil-klima għandhom ikunu ta' kwalità għolja u kapaċi juru benefiċċju ambjentali u soċjali.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Sabiex ikun hemm prevedibbiltà, l-operaturi *għandhom ikollhom* ċertezza dwar il-potenzjal tagħhom wara l-*2013* għall-użu tas-CERs u l-ERUs ***sal-bqija tal-livell li tħallew jużaw fil-perjodu 2008 sa 2012, minn tipi ta' proġetti li kienu aċċettati mill-Istati Membri kollha fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012.*** Minħabba li qabel l-2015 ma jistax ikun hemm trasferiment min-naħa ta' l-Istati Membri tas-CERs u l-ERUs ('l-ibbankjar' tas-CERs u l-ERUs) miżmuma mill-operaturi bejn il-perjodi ta' l-*impenji* skond il-ftehimiet internazzjonali, u biss fil-każijiet meta l-Istati Membri jagħżlu li jippermettu l-ibbankjar ta' dawn is-CERs u l-ERUs fil-kuntest tad-drittijiet limitati biex jibbankjaw tali krediti, din iċ-ċertezza għandha tingħata billi l-Istati Membri jiġu rikjesti jippermettu lill-operaturi jiskambjaw tali CERs u ERUs maħruġa skond it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet qabel l-2012 għal kwoti validi mill-2013 'il quddiem. Madankollu, peress li l-Istati Membri ma għandhomx jiġu obbligati jaċċettaw is-CERs u l-ERUs li ma humiex ċerti li se jkunu jistgħu jużaw għall-impenji eżistenti internazzjonali tagħhom, dan ir-rekwiżit m'għandux jiġi estiż aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014. Fir-rigward tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem l-operaturi għandhom ikollhom l-istess ċertezza dwar tali CERs maħruġin minn proġetti li ġew stabbiliti qabel l-2013. | (22) ***L-iskema tal-Komunità u s-sistemi ta' skambju ta' emissjonijiet ta' pajjiżi oħrajn għandhom jiffaċilitaw it-talba għal krediti minn tnaqqis reali, verifikabbli, addizzjonali u permanenti minn progetti f'pajjiżi li jikkontribwixxu b'mod kostruttiv biex tiġi affrontata l-bidla fil-klima. Wara li l-pajjiżi jkunu rratifikaw il-ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, krediti bħal dawn minn dawk il-pajjiżi għandhom ikunu aċċettabbli għas-sistemi kollha ta' skambju ta' emissjonijiet.*** Sabiex ikun hemm prevedibbiltà, l-operaturi *għandu jkollhom* ċertezza dwar il-potenzjal tagħhom wara l-*2012* għall-użu tas-CERs ta' kwalità għolja u l-ERUs ***ta' kwalità għolja li jagħtu inċentiv lir-rabta ta' bejn is-sistemi ta' skambju. L-operaturi għandhom jitħallew jużaw krediti bħal dawn sa medja ta' 4% ta' l-emissjonijiet tagħhom għall-perjodu bejn l-2013 u l-2020, sakemm jużaw anqas minn 6.5% ta' ERUs u CERs meta mqabbla ma' l-emissjonijiet tagħhom għall-2005 matul il-perjodu 2008-2020 u sakemm ma jitrasferixxux kwoti skont l-Artikolu 11a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE. Din is-sistema għandha tiżgura li matul il-perjodu 2008-2020 jista' jintlaħaq sa 40% tal-isforz permezz tal-użu ta' CERs u ERUs.*** Minħabba li qabel l-2015 ma jistax ikun hemm trasferiment min-naħa ta' l-Istati Membri tas-CERs u l-ERUs ('l-ibbankjar' tas-CERs u l-ERUs) miżmuma mill-operaturi bejn il-perjodi ta' l-*impenn* skond il-ftehimiet internazzjonali, u biss fil-każijiet meta l-Istati Membri jagħżlu li jippermettu l-ibbankjar ta' dawn is-CERs u l-ERUs fil-kuntest tad-drittijiet limitati biex jibbankjaw tali krediti, din iċ-ċertezza għandha tingħata billi l-Istati Membri jiġu rikjesti jippermettu lill-operaturi jiskambjaw tali CERs u ERUs maħruġa |

skond it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet qabel l-2012 għal kwoti validi mill-2013 'il quddiem. Madankollu, peress li l-Istati Membri ma għandhomx jiġu obbligati jaċċettaw is-CERs u l-ERUs li ma humiex ċerti li se jkunu jistgħu jużaw għall-impenji eżistenti internazzjonali tagħhom, dan ir-rekwiżit m'għandux jiġi estiż aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014. Fir-rigward tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem l-operaturi għandhom ikollhom l-istess ċertezza dwar tali CERs maħruġin minn proġetti li ġew stabbiliti qabel l-2013.

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (23) Fil-każ ta' dewmien tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonal, għandha tkun prevista il-possibbiltà dwar l-użu ta' tali krediti minn proġetti ta' kwalità għolja fis-sistema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti permezz ta' ftehim ma' pajjiżi terzi. Tali ftehimiet, li jistgħu jkunu bilaterali jew multilateral, jistgħu jiffaċilitaw li proġetti jibqgħu jiġu rikonoxxuti fl-iskema Komunitarja li ġġenerat l-ERUs sa l-2012 iżda li ma jistgħux jibqgħu jagħmlu hekk skond il-qafas ta' Kyoto. | (23) Fil-każ ta' dewmien tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonal, għandha tkun prevista il-possibbiltà dwar l-użu ta' tali krediti minn proġetti ta' kwalità għolja fis-sistema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti permezz ta' ftehim ma' pajjiżi terzi. Tali ftehimiet, li jistgħu jkunu bilaterali jew multilateral, jistgħu jiffaċilitaw li proġetti jibqgħu jiġu rikonoxxuti fl-iskema Komunitarja li ġġenerat l-ERUs sa l-2012 iżda li ma jistgħux jibqgħu jagħmlu hekk skond il-qafas ta' Kyoto. ***Dawn il-proġetti għandhom jappoġġaw sostenibilità ambjentali u soċjali, juru benefiċċju ambjentali, jevitaw rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju u jinkludu mekkaniżmu trasparenti ta' validazzjoni u verifika.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proġetti miftehma ma' pajjiżi terzi fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali futur dwar il-bidla fil-klima għandhom ikunu ta' kwalità għolja u kapaċi juru benefiċċju ambjentali u soċjali.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-Pajjiżi Lanqas Żviluppati huma speċjalment vulnerabbli għall-effetti *tat-tibdil* fil-klima u huma responsabbli għal livell baxx ħafna biss ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati billi d-dħul iġġenerat mill-irkant jiġi użat biex jiffaċilita l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti *tat-tibdil* fil-klima. Minħabba li ftit li xejn proġetti tas-CDM ġew stabbiliti f'dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li jkun hemm ċertezza dwar l-approvazzjoni ta' krediti minn proġetti li bdew hemmhekk wara l-2012, ukoll jekk fl-assenza ta' ftehim internazzjonali. Dan id-dritt għandu jkun japplika għall-Pajjiżi Lanqas Żviluppati sa l-2020 sakemm sa dak iż-żmien ikunu ratifikaw jew ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima jew ftehim bilaterali jew multilaterali ġewwa l-Komunità. | (24) Il-Pajjiżi Lanqas Żviluppati huma speċjalment vulnerabbli għall-effetti *tal-bidla* fil-klima u huma responsabbli għal livell baxx ħafna biss ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati billi d-dħul iġġenerat mill-irkant jiġi użat biex jiffaċilita l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti *tal-bidla* fil-klima. Minħabba li ftit li xejn proġetti tas-CDM ġew stabbiliti f'dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li jkun hemm ċertezza dwar l-approvazzjoni ta' krediti minn proġetti li bdew hemmhekk wara l-2012, ukoll jekk fl-assenza ta' ftehim internazzjonali***, meta dawn il-proġetti jkunu b'mod ċar addizzjonali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli***. Dan id-dritt għandu jkun japplika għall-Pajjiżi Lanqas Żviluppati sa l-2020 sakemm sa dak iż-żmien ikunu ratifikaw jew ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima jew ftehim bilaterali jew multilaterali ġewwa l-Komunità. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Ladarba ftehim internazzjonali dwar it-*tbdil* fil-klima għall-ġejjieni jkun ***intlaħaq***, il-krediti tas-CDM minn pajjiżi terzi għandhom ikunu approvati fl-iskema Komunitarja meta dawk il-pajjiżi jkunu ratifikaw il-ftehim internazzjonali. | (25) Ladarba ftehim internazzjonali dwar it-*tibdil* fil-klima għall-ġejjieni jkun ***ġie rratifikat mill-Komunità, jkunu jistgħu jintużaw krediti addizzjonali sa nofs it-tnaqqis addizzjonali li jkun qed isir fl-iskema tal-Komunità***, ***u*** *l*-krediti tas-CDM ***ta' kwalità għolja*** minn pajjiżi terzi għandhom ikunu approvati fl-iskema Komunitarja meta dawk il-pajjiżi jkunu ratifikaw il-ftehim internazzjonali. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 31 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Pajjiżi terzi li jmissu mal-Unjoni għandhom jitħeġġu jingħaqdu mal-iskema tal-Komunità jekk dawn jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz fin-negozjati mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali u l-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinanza, u għandha tagħmel kull sforz fl-għoti ta' għajnuna finanzjarja u teknika lilhom biex tħeġġeġ dan l-għan. Dan jiffaċilita t-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien lejn dawn il-pajjiżi, li huwa mezz importanti li jipprovdi benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali lil kulħadd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li l-pajjiżi terzi li jmissu mal-UE jitħeġġu jingħaqdu mal-EU ETS. Dan mhuwiex biss importanti mil-lenti ambjentali u tal-iżvilupp, imma jindirizza wkoll il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-karbonju minn kumpaniji tal-UE li jaqsmu l-fruntiera.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) [Fir-rigward ta' l-approċċ għall-allokazzjoni l-avjazzjoni għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal industriji oħra li jirċievu allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas aktar milli bħala ġeneraturi ta' l-elettriku. ***Dan ifisser li 80% tal-kwoti għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fl-2013, u minn hemm 'il quddiem l-*** | (33) [Fir-rigward ta' l-approċċ għall-allokazzjoni l-avjazzjoni għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal industriji oħra li jirċievu allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas aktar milli bħala ġeneraturi ta' l-elettriku. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu jilħqu ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu |

| | |
|---|---|
| ***allokazzjoni mingħajr ħlas għall-avjazzjoni titnaqqas kull sena b'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss.*** Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu jilħqu ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni u għandhom jirrevedu s-sitwazzjoni ta' dan is-settur bħala parti mir-reviżjoni li jmiss ta' l-iskema Komunitarja.] | l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni u għandhom jirrevedu s-sitwazzjoni ta' dan is-settur bħala parti mir-reviżjoni li jmiss ta' l-iskema Komunitarja.] |

*Ġustifikazzjoni*

*L-avjazzjoni taqa' taħt s-setturi l-oħra kollha, li għalihom l-espożizzjoni tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ tkun stabbilita, f'każ li ebda ftehim internazzjonali ma jintlaħaq.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) Huwa importanti li l-iskema tiġi estiża fil-futur sabiex tinkludi sorsi sinifikanti oħra tal-gassijiet serra, speċjalment fis-settur tat-trasport, bħal ma huma l-operaturi tal-ġarr u possibilment anki s-setturi ta' l-iskart u ta' tħaffir taħt l-art. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, tipproponi emendi xierqa, flimkien ma' evalwazzjoni ta' l-impatt, bil-għan li s-settur tal-ġarr jingħaqad mal-iskema tal-Komunità sa l-2013 u tistabbilixxi data għall-inklużjoni tat-trasport fit-toroq.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasport fuq it-triq u l-ġarr għandhom ikunu inkorporati fl-UE ETS, kif għandhom, possibilment jiġu nklużi s-setturi ta' l-iskart u tat-tħaffir taħt l-art.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33b) Sabiex jiġu żguratu kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha, jekk hu xieraq, toħroġ linji gwida jew proposti preżenti bil-għan li jkun hemm armonizzazzjoni ulterjuri fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, per eżempju rigward id-definizzjonijiet, il-ħlasijiet u l-penali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex ikun hemm iżjed ċertezza legali u biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali veri fl-UE, tista' tiġi prevista iżjed armonizzazzjoni, per eżempju fir-rigward ta' definizzjonijiet (għeluq) u ħlasijiet u penali mwaqqfa mill-Istati Membri.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizju ta' setgħat ta' l-implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. B'mod partikolari għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri għall-irkant tal-kwoti, għall-allokazzjoni tranżitorja tal-kwoti madwar il-Komunità kollha, għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' l-emissjonijiet, għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u għall-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati għal proġetti. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux | (34) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizju ta' setgħat ta' l-implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. B'mod partikolari għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri għall-irkant tal-kwoti, għall-allokazzjoni tranżitorja tal-kwoti madwar il-Komunità kollha, għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' l-emissjonijiet, ***għall-armonizzazzjoni tar-regoli dwar id-definizzjoni ta' dawk li jidħlu ġodda,*** għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u għall-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati għal proġetti. Peress li dawk il-|

| | |
|---|---|
| essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. | miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 34 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) L-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Sabiex l-impriżi, u b'mod partikolari l-SMEs, jiġu megħjuna biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċentri ta' informazzjoni nazzjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Imdaħħal fir-rapport mingħajr votazzjoni skont l-Artikolu 47. Ħafna mill-kumpaniji li huma koperti mill-EU ETS huma SMEs li m'għandhomx biżżejjed riżorsi u li jista' jkollhom żvantaġġ meta mqabbla mal-kumpaniji l-kbar fl-akkwist tal-kwoti permezz tal-irkant u l-kummerċ. Il-minimu li jista' jsir huwa li jiġu fornuti b'informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar ir-rekwiżiti dettaljati. L-aħjar soluzzjoni prattika biex dan isir ivarja minn Stat Membru għal ieħor, skont il-qafas istituzzjonali speċifiku, kif kien sar fid-Direttiva REACH.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 1 - paragrafu ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Se jipprovdi wkoll li jiżdied it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex jikkontribwixxi għall-livelli tat-tnaqqis ikkunsidrati meħtieġa xjentifikament biex jimpedixxu t-tibdil fil-klima perikoluż. | Se jipprovdi wkoll li jiżdied it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex jikkontribwixxi għall-livelli tat-tnaqqis ikkunsidrati meħtieġa xjentifikament biex jimpedixxu t-tibdil fil-klima perikoluż. ***Il-Komunità għandha tgħaddi għall-implimentazzjoni tat-tnaqqis ta' 30% taħt il-livelli ta' 1990 li jidħol fis-seħħ mat-tmiem tal-proċedura ta' ratifikazzjoni mill-Komunità tal-ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar il-bidla fil-klima.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt (b)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt (h)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *stallazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1); | (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *installazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1)***, jew aġġornament tal-permess tal-emissjoni tal-gassijiet serra tagħha minħabba estensjoni ta' mill-inqas 20% fil-kapaċità tal-installazzjoni jew bidla sinifikanti fin-natura u t-tħaddim tagħha***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt (c)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt [(v)] (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***[(v)] 'ftehima internazzjonali' tfisser ftehima komprensiva bejn il-pajjiżi fil-kuntest tal-UNFCCC li timmira għal tnaqqis tal-emissjonijiet globali fuq l-iskala meħtieġa biex issolvi b'mod effettiv il-problema tal-bidla fil-klima billi tillimita ż-żieda fit-temperatura globali b'2%, li jkollha, għall-UE, impenji għal sforzi komparabbli minn pajjiżi żviluppati oħra u kontributi adegwati minn pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkunu ekonomikament iżjed avvanzati, skont ir-responsabilitajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 c – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 3c(2) huwa sostitwit b'li ġej:*** |
| | ***"2. Għall-2013, u [...] għal kull sena sussegwenti, il-kwantità totali ta' kwoti li jridu jiġu allokati għall-operaturi tal-ajruplani għandhom jonqsu minn 95% skond il-fattur ta' tnaqqis lineari kif definit fl-Artikolu 9."*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 b (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 d – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2b) L-Artikolu 3d(2) huwa sostitwit b'li*** |

***ġej:***

***"2. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 5 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c(2)] fl-2013 għandu jkun 80% tal-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u wara dan l-allokazzjoni bla ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm tirriżulta fi'kwota bi ħlas biss fl-2020. Mill-2014, l-allokazzjoni b'xejn għall-operaturi ta' l-avjazzjoni skont dan il-paragrafu għandhom jonqsu b'ammonti indaqs li jirriżultaw f'ebda kwota b'xejn fl-2020."***

*Ġustifikazzjoni*

*Tikkorrispondi għal ftehima tal-Kunsill u tal-Parlament dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-Iskema għall-Iskambju tal-Kwoti. Il-Ftehima tgħid illi l-ammont ta' irkantar jista' jiżdied bħala parti mir-reviżjoni ġenerali. L-awturi tal-emenda irreferew għal din il-possibilità u jappoġġjaw l-idea li l-Kummissjoni Ewropea qajmet fir-reviżjoni ġenerali.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | **"Artikolu 4** |
| | **Il-permessi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, mill-1 ta' Jannar 2005, l-ebda installazzjoni ma twettaq attività elenkata fl-Anness I li tirriżulta fl-emissjonijiet speċifikati fejn tidħol din l-attivita għajr jekk l-operatur tagħha jkollu permess maħruġ minn awtorità kompetenti skond*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-Artikoli 5 u 6, jew l-installazzjoni tkun [...] eskluża mill-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 27."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija bidla teknika għad-Direttiva 2003/87/KE għal artikolu li ma kienx emendat mill-proposta tal-Kummissjoni. Din tiċċara li l-eżenzjonijiet mogħtija lill-installazzjonijiet iż-żgħar skont l-Artikolu 27 mhux ser jibqgħu aktar temporanji, iżda ser isiru permanenti fil-Fażi III.*

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 5 – punt (d)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***il-miżuri ppjanati sabiex jimmontorjaw u jirrappurtaw l-emissjonijiet*** *skond* ir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 14. | (d) ***pjan ta' mintoraġġ u miżuri oħrajn li jissodisfaw ir-rekwiżiti*** *skont* ir-Regolament imsemmi fl-Artikolu 14. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pjan ta' monitoraġġ huwa rekwiżit legali kritiku għall-kisba ta' permess ta' gassijiet serra. Għalhekk għandu jissemma fl-Artikolu 5 tad-Direttiva EU ETS. Dan il-pjan għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' regolament ġdid ta' monitoraġġ u rrappurtar imsemmi fl-Artikolu 14.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sat-***30 ta' Ġunju 2010***, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità assoluta tal-kwoti għall-2013, ibbażata fuq il-kwantitajiet totali tal-kwoti maħruġa mill- | Sat-***30 ta' Settembru 2009***, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità assoluta tal-kwoti għall-2013, ibbażata fuq il-kwantitajiet totali tal-kwoti maħruġa ***jew li*** |

| | |
|---|---|
| Istati Membri skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' l-kwota tagħhom għall-perjodu 2008 sa 2012. | ***jridu joħorġu*** mill-Istati Membri skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali ta' l-allokazzjoni tagħhom għall-perjodu 2008 sa 2012. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ammont ta' kwoti li jridu joħorġu mill-Istati Membri taħt il-pjanijiet nazzjonali ta' l-allokazzjoni għall-2008-2012 għandhom jiġu ffinalizzati qabel l-2010, ħalli din id-data tkun tista' titressaq 'il quddiem.*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-fattur lineari mhux aktar tard mill-***2025***. | Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-fattur lineari mhux aktar tard mill-***2020***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa preferibbli li jiġi rivedut il-fattur lineari qabel ma jibda l-perjodu l-ġdid. Sal-2020 se jkollna informazzjoni ġdida li tindika jekk hijiex neċessarja/fattibbli jew le li tittieħed linja ta' tnaqqis iżjed stringenti. M'hemmx raġuni għaliex għandna nistennew sal-2025.*

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fir-rigward ta' *stallazzjonijiet* li ddaħħlu biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' tali *stallazzjonijiet* ***jistgħu*** jippreżentaw lill-awtorità kompetenti rilevanti ***indipendentement*** mid-dejta ***verifikat*** ta' l-emissjonijiet sabiex jiġu kkunsidrati għall- | 2. Fir-rigward ta' *installazzjonijiet* li ddaħħlu biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' tali *installazzjonijiet* jippreżentaw lill-awtorità kompetenti rilevanti dejta ta' l-emissjonijiet ***sostanzjata kif suppost u vverifikata b'mod indipendenti*** sabiex jiġu kkunsidrati |

| | |
|---|---|
| kwantità tal-kwoti li għandhom jinħarġu. | għall-kwantità tal-kwoti li għandhom jinħarġu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Trid tkun mandatorja jekk dejta bħal din suppost titqies għall-kwantità ta' kwoti li jridu jinħarġu.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 9a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantitiajiet aġġustati msemmija fil-paragrafi 1 u 2. | 3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantitiajiet aġġustati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ***sal-30 ta' Settembru 2010***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija biex tiċċara d-data sa liema l-Kummissjoni għandha tippublika d-data ppreżentata mill-Istati Membri li tirrigwarda installazzjonijiet li ddaħħlu waqt il-Fazi II, jew inklużi mill-2013.*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Fir-rigward ta' installazzjonijiet li huma esklużi mill-iskema Komunitarja skont l-Artikolu 27 jew minħabba għeluq, il-kwanititità ta' kwoti li jridu joħorġu fl-1 ta' Jannar 2013 għandha tiġi aġġustata 'l isfel bil-medja totali ta' emissjonijiet verifikati ta' dawk l-installazzjonijiet bejn l-2005 u l-2007 wara li jitnaqqsu 21% ta' dawk l-emissjonijiet; dan l-ammont jikkorispondi mat-tnaqqis meħtieġ mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***installazzjonijiet fi ħdan l-iskema Komunitarja biex jinkiseb tnaqqis ta' talanqas 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mil-livelli tal-1990. Meta tiġi konkluża ftehima internazzjonali, il-kwantità ta' kwoti li huma aġġustati l-isfel f'dan il-paragrafu għandu jitnaqqas sabiex jirrifletti t-tnaqqis rivedut fl-emissjonijiet ta' gas serra taħt il-livelli ta' l-1990.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tirrelata għall-emenda għall-Artikolu 27 li żżid il-limitu tal-emissjonijiet għal 25,000. Dan ineħħi 6300 (iżjed milli 4200) installazzjoni żgħira mill-piż amministrattiv tas-sistema iżda jneħħi biss 2.4% tal-emissjonijiet totali. Emenda għall-Artikolu 9a teħtieġ li tagħmel aġġustament 'l isfel korrispondenti għal-limitu totali.*

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Mill-***2013 ***'il quddiem***, l-Istati Membri għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas *skond* l-Artikolu 10a. | ***1. Għal perjodi li jibdew mill-***2013***,*** l-Istati Membri għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas *skont* l-Artikolu 10a. ***Sal-31 ta' Diċembru 2010 l-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' rapporti ppreżentati u l-Artikolu 10a(6), tiddetermina u tippubblika l-ammont antiċipat tal-Komunità sħiħa tal-kwoti li jridu jiġu rkantati għall-perjodu 2013 sa 2020.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kritiku għall-iffunzjonar xieraq ta' kemm l-ETS u s-settur ta' l-elettriku li rkanti ta' kwoti għall-2013 'il quddiem isiru sew minn qabel l-1 ta' Jannar 2013.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem *ta' l-*emissjonijiet verifikati skond l-iskema Komunitarja fl-***2005*** ta' l-Istat Membru kkonċernat; | (a) 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem ***tal-medja*** *tal-*emissjonijiet verifikati skond l-iskema Komunitarja fl-***2005-2007*** ta' l-Istat Membru kkonċernat; |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **3.** Talanqas *20%* tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, ***inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu,*** *għandhom jiġu użati* kif ġej: | *3.* Talanqas ***50%*** tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2 *għandu jiġi użat* ***f'fond internazzjonali ddedikat*** kif ġej: |
| ***(a) għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż billli jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, inkluż il-parteċipazzjoni f'inizjattivia fi ħdan il-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija;*** | ***(a) kwart għall-miżuri biex jikkontribwixxu għall-fondi ħalli tiġi evitata d-diforestazzjoni u jiżdiedu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-ftehima internazzjonali futura billi jitqiesu:*** |
| | ***- id-drittijiet u l-bżonnijiet tal-popli indiġeni;*** |
| | ***- il-preservazzjoni tal-bijodiversità; kif ukoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***- l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti;*** |
| ***(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinovabbli biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għall-użu ta' 20% ta' enerġiji rinovabbli, u biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għaż-żieda ta' l-effiċjenza fl-enerġija b'20%.*** | ***(b) kwart biex jitnaqqsu l-emissjonijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-ftehima internazzjonali futura, u ħalli tiġi trasferita t-teknoloġija lejn dawk il-pajjiżi, eż. permezz tal-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli;*** |
| ***(c) għall-ġabra u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet serra, b'mod partikolari minn impjanti ta' l-enerġija tal-faħam.*** | ***(c) nofs biex jiġi ffaċilitat l-adattament għall-effetti negattivi tal-bidla fil-klima f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-ftehima internazzjonali futura dwar il-bidla fil-klima;*** |
| ***(d) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjon, b'mod partikolari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati;*** <br> ***(e) biex jiġi faċilitat l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil fil-klima;*** <br> ***(f) biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali fl-entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju, per eżempju biż-żieda fl-effiċjenza u l-insulazzjoni tagħhom; kif ukoll*** <br> ***(g) biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja.*** | |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Dħul mhux użat skont il-paragrafu 3, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-paragrafu 2(b), għandu jintuża biex isolvi l-kwistjonijiet dwar il-bidla fil-klima, fost l-oħrajn:*** |

*(a) għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, inkluż il-parteċipazzjoni f'inizjattivi fi ħdan il-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija u tal-Pjattaformi Ewropew dwar it-Teknoloġija;*

*(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għall-użu ta' 20% ta' enerġiji rinnovabbli;*

*(c) biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għaż-żieda ta' l-effiċjenza fl-enerġija b'20%.*

*(d) għall-ġabra ambjentalment sikura u l-ħażna ġeoloġika tal-gassijiet b'effett serra, mill-impjanti tal-enerġijia bil-faħam u firxa ta' setturi u sotto-setturi industrijali;*

*(e) biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp fl-effiċjenza fl-enerġija u f'teknoloġiji nodfa fis-setturi koperti mill-iskop tad-direttiva;*

*(f) għal miżuri addizzjonali biex jevitaw id-deforestazzjoni, biex jitħeġġeġ it-tisġir sostenibbli u l-immaniġġjar tal-foresti fl-Ewropa u biex tiġi prodotta u mobilizzata bijomassa sostenibbli fil-Komunità;*

*(g) biex jiġi indirizzat il-faqar tal-enerġija, per eżempju permezz ta' miżuri finanzjarji biex jitħeġġu l-effiċjenza u l-iżolament miżjuda tal-enerġija;*

*(h) biex jitħeġġeġ iċ-ċaqliq favur forom ta' trasport b'emissjonijiet baxxi, inkluż il-moviment modali, u biex titnaqqas l-ispiża miżjuda għall-potenza li hemm bżonn għall-ġbid elettriku fis-settur ferrovjarju;*

*(i) biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja; kif ukoll*

| | |
|---|---|
| | ***(j) għall-installazzjonijiet għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx tal-karbonju, inklużi fost l-oħrajn, l-enerġija rinnovabbli, il-ġabra u l-ħażna ġeoloġika tal-gassijiet b'effett serra u iżjed proċessi għall-produzzjoni effiċjenti tal-enerġija, b'mod proporzjonat mal-emissjonijiet indiretti mill-użu tal-elettriku ta' dawk l-installazzjonijiet u bi qbil mar-regoli dwar l-Għajnuna Statali.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **4.** L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed ***minn dawn l-***għanijiet fir-rapport ppreżentati *skond* id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. | 4. L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed ***mill-***għanijiet ***stipulati fil-paragrafi 3 u 3a*** fir-rapport ppreżentati *skont* id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - Punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Sal-31 ta' Diċembru 2010***, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament dwar l-istimi taż-żmien, l-*aministrazzjoni* u aspetti oħra *ta' l-*irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. ***L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li l-operaturi, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ikollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jdgħajjifx l-*** | 5. ***Sat-30 ta' Settembru 2010***, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament***, bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3),*** dwar l-istimi taż-żmien, l-*amministrazzjoni* u aspetti oħra *tal-*irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. ***Is-sistema tal-irkant għandha tiġi mfassla b'mod li tippermetti suq dejjem trasparenti u b'rata għolja ta'*** |

***operat ta' l-irkant. Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)].***

***likwidita.***

***Sabiex dawn l-objettivi jkunu jistgħu jinkisbu, ir-Regolament imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu għandu jiġi bbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:***

***- għandha tintuża sistem waħda, li tkun aċċessibbli mill-bogħod, li tkun effettiva u disponibbli bi prezz aċċettabbli, u mmexxija minn maniġer wieħed fuq livell Komunitarju sabiex tiġi garantita l-integrita tagħha;***

***- għandhom isiru aċċessibbli l-irkanti, bi prezz minimu, lil kwalunkwe parti interessata li toffri evidenza ta' solvenza u li għandha kont miftuħ fir-reġistru tal-kwoti;***

***- ir-Regolament għandu jistipula skeda ta' volumi li jistgħu jiġu rkantati, li tkun konsistenti mal-iskadenzi ta' pagament mill-ġdid li japplikaw għall-kwoti, u mar-restrizzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus imposti fuq il-kumpaniji; l-iskeda għandha telimina l-possibbilta ta' rkant wieħed għall-perjodu kollu konċernat.***

***Ir-Regolament għandu jipprovdi biex is-suq ikun ikkontrollat minn organizzazzjoni eżistenti jew futura, li d-dmirijiet tagħha jkunu simili għal dawk assenjati lil korp superviżorju tas-suq tal-merkanzija.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-UE għandha tkun f'pożizzjoni li tinvesti aktar f'teknoloġiji relatati mal-enerġija u mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ sabiex tħejji t-triq għall-isforzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ imwettqa bejn il-preżent u l-2050. Jekk id-dħul jintuża f'livell Komunitarju, ir-riċerka Ewropea tkun tista' tiġi organizzata sew u titqiegħed fuq l-istess bażi bħal pereżempju dik fl-Istati Uniti jew fil-Ġappun.*

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, jistgħu jawtorizzaw aġenzija jew istituzzjoni komuni biex taġixxi f'isimhom fl-irkant tal-kwoti. Dħul li jirriżulta mill-irkant li jkun sar minn aġenzija jew istituzzjoni komuni għandu jitqassam fost l-Istati Membri bi qbil mal-paragrafu 2 kemm jista' jkun malajr hekk kif ikun prattiku wara kull irkant.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwantum totali fil-Komunità sħiħa tal-kwoti għall-irkant irid jiġi determinat u rrappurtat biex l-Istati Membri jkunu permessi jikkalkulaw l-ammont tal-kwoti li jistgħu jirkantaw skond l-Artikolu 10(2). Il-kumplessità u l-ispiża amministrattiva biex isiru l-irkanti fis-27 Stat Membru għandhom jitqiesu fir-rigward tar-Regolament li ġej dwar l-Irkant tal-Kummissjoni.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju ***2011***, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata. | 1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ***2010***, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata. |

*Ġustifikazzjoni*

*Me tinkiseb l-ebda ċarezza ulterjuri permezz tar-riferiment għall-paragrafi 2 sa 6 u 8, minħabba li t-tielet subparagrafu diġà fih sistema armonizzata ta' parametri ta' referenza.*

*Għandha tittieħed deċiżjoni dwar is-sistemi ta' limiti ta' referenza sa nofs l-2010, minħabba s-sigurtà fl-ippjanar. L-emedna tenfasizza l-użu u l-karatteristiċi importanti tal-parametri ta' referenza.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, safejn ikun fattibbli, ***għandhom*** jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis tal-emissjonijiet, ***billi tqis*** it-tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni***,*** l-użu tal-bijomassa u ***tal-***ġabra u l-ħażna tal-gass serra, ***u*** *ma għandhiex tagħti* inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku. | Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu ***għandhom***, safejn ikun fattibbli, ***jinkludu t-twaqqif ta' limiti ta' referenza ex ante armonizzati, speċifiċi għas-settur, mal-Komunità kollha biex*** jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis tal-emissjonijiet. ***Dawn għandhom ikunu bbażati fuq*** it-tekniki ***u t-teknoloġiji*** l-aktar effiċjenti, ***u għandhom iqisu l-potenzjal, inkluż dak teknoloġiku, għat-tnaqqis tal-emmissjonijiet,*** is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni ***u*** l-użu tal-bijomassa***, il-koġenerazzjoni*** u ***l-***ġabra***, l-użu*** u l-ħażna tal-gass serra.<br><br>***Għal kull settur, fejn huwa possibbli, il-limitu ta' referenza għandu jiġi kkalkulat fuq il-prodott finali, u mhux sempliċement fuq l-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati l-iffrankar ta' emmissjonijiet ta' gass b'effett serra u l-effiċjenza tal-enerġija matul il-proċess ta' produzzjoni kollu tas-settur ikkonċernat.***<br><br>***Il-miżuri*** *m'għandhomx jagħtu* inċentivi biex jiżdiedu l-emmissjonijiet ***għal kull unità ta' produzzjoni***. ***Barra minn hekk, dawn ir-regoli armonizzati jistgħu jqisu wkoll emissjonijiet marbuta mal-użu ta' gassijiet ta' skart kombustibbli meta l-produzzjoni ta' dawn il-gassijiet ta' skart ma jkunux jistgħu jiġu evitati fil-proċess ta' produzzjoni industrijali; f'dan ir-*** |

***rigward ir-regoli jistgħu jipprovdu biex kwoti jiġu allokati b'xejn għal operaturi ta' installazzjonijiet li jaħarqu l-gassijiet ta' skart ikkonċernati jew għal operaturi tal-installazzjonijiet fejn dawn il-gassijiet orġinaw.***

***M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas*** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku ***ħlief għall-elettriku prodott jew b'konnessjoni mas-sħana industrijali permezz tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif ġie definit fid-Direttiva 2004/8/KE jew minn residwi li jirriżultaw minn proċess industrijali li juża l-aħjar teknoloġiji disponibbli, sakemm dan ikun prodott għall-konsum proprja tal-operaturi tal-installazzjonijiet; dawn kollha għandhom jirċievu l-allokazzjonijiet skont l-istess prinċipji ta' dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness I.***

***Meta tiġi biex tiddefinixxi l-prinċipji għall-iffissar ta' limiti ta' referenza ex ante f'setturi individwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mas-setturi kkonċernati.***

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletamenti fid-dawl ta' dak il-ftehim. | Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali ***futur*** dwar *il-bidla* fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletamenti fid-dawl ta' dak |

il-ftehim.

*Ġustifikazzjoni*

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Suġġett għall-***paragrafu 3***, allokazzjoni bi ħlas biss tingħata għal ġeneraturi ta' l-elettriku, għal *stallazzjonijiet* għall-ġabra, għal pajpijiet għat-trasport tal-gass jew għal siti tal-ħażna ta' l-emissjonijiet ta' gass serra. | 2. Suġġett għall-***paragrafi 3 u 6b***, m'għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas għal ġeneraturi tal-elettriku, għal *installazzjonijiet* għall-ġabra, għal pajpijiet għat-trasport tal-gass jew għal siti tal-ħażna tal-emissjonijiet ta' gass serra bbażati fuq fjuwils fossili. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kombustjoni simultanja bil-bijomassa jew - l-iskart fl-impjanti li jaħdmu bil-faħam hija possibilità effettiva f'sens ta' spejjeż biex jiżdied is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fl-Ewropa. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-kombustjoni simultanja tibqa' possibilità attraenti flimkien mas-CSS. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat investiment fis-CSS qed jiġi ssuġġerit li għandu jkun possibbli li wieħed jiġi kkreditat għall-ħżin ta' emmissjonijiet ta' gass serra minn fjuwil li jkun newtrali f'sens ta' $CO_2$ u li filfatt inaqqas l-emmissjonijiet ta' gass serra mill-atmosfera.*

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***tista'*** tingħata għal ġeneraturi ***ta' l-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana permezz ta'*** koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament | 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***għandha*** tingħata għal ***sħana tad-distretti u*** koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata***, fir-rigward tal-produzzjoni*** |

| | |
|---|---|
| iġġustifikata ***biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana***. F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal *stallazzjonijiet* bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. | ***tas-sħana u t-tiksiħ***. F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal *installazzjonijiet* bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ammont massimu ta' kwoti li huwa l-bażi għall-kalkolu ta' allokazzjonijiet għal *installazzjonijiet* li jwettqu attivitajiet fl-2013 u li rċevew allokazzjoni mingħajr ħlas fil-perjodu 2008 sa 2012 ma għandux jaqbeż, bħala proporzjon tal-kwantità totali madwar il-Komunità kollha, il-perċentwali tal-emissjonijiet korrispondenti fil-perjodu 2005 sa 2007 għal dawk l-installazzjonijiet li kienu sorsijiet ta' emissjoni. Għandu japplika fattur ta' korrezzjoni kull fejn meħtieġ. | 4. L-ammont massimu ta' kwoti li huwa l-bażi għall-kalkolu ta' allokazzjonijiet għal *installazzjonijiet* li jwettqu attivitajiet fl-2013 u li rċevew allokazzjoni mingħajr ħlas fil-perjodu 2008 sa 2012 ma għandux jaqbeż, bħala proporzjon tal-kwantità totali madwar il-Komunità kollha, il-perċentwali ta' l-emissjonijiet korrispondenti fil-perjodu 2005 sa 2007 għal dawk l-installazzjonijiet li kienu sorsijiet ta' emissjoni. Għandu japplika fattur ta' korrezzjoni ***intersettorjali uniformi*** kull fejn meħtieġ. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tista' tippermetti li xi setturi jżidu l-emissjonijiet tagħhom u jgħaddu l-piż tal-isforz ta' tnaqqis tagħhom lil setturi oħra. Fattur ta' korrezzjoni intersettorjali uniformi jiżgura li s-setturi kollha jieħdu sehem fl-attività ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.*

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Soġġett għar-regoli dwar l-allokazzjoni bla ħlas f'dan l-Artikolu, l-ammont totali ta' kwoti identifikati fil-paragrafi 4 u 5 għandu jinqasmu bejn setturi fuq il-bażi tal-partijiet tagħhom ta' emissjonijiet verifikati bejn l-2005 u l-2007. Kull installazzjoni fi ħdan settur tista' tirċievi allokazzjoni mill-ammont attribwibbli għas-settur tagħha taħt il-miżuri adottati skont il-paragrafu 1.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni qed tipproponi sistema minn isfel għal fuq biex jiġi kkalkulat kemm qed jiġu allokati kwoti mingħajr ħlas lil kull installazzjoni: it-twaqqif ta' punti ta' riferiment, l-evalwazzjoni ta' kif dawn jirriżultaw ladarba jiġu tradotti għal installazzjonijiet u l-aġġustament mill-ġdid tagħhom jekk jaqbżu l-limitu massimu globali. Sabiex jitħaffef il-proċess u sabiex tiġi pprovduta prevedibilità akbar għal kull settur, sistema minn fuq għal isfel hi preferibbli. Il-Kummissjoni għandha l-ewwel taqsam il-limitu massimu globali bejn setturi bbażati fuq emissjonijiet verifikati u mbagħad tistipula punti ta' riferiment settorjali sabiex jiġi stabbilit kemm tirċievi kwoti kull installazzjoni f'settur.*

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 6 - subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir*** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni *ta' l-*elettriku minn min jidħol ġdid. | ***M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas*** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni *tal-*elettriku minn min jidħol ġdid ***ħlief għall-elettriku prodott jew b'konnessjoni mas-sħana industrijali permezz tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif ġie definit fid-Direttiva 2004/8/KE jew minn residwi li jirriżultaw minn proċess industrijali li juża l-aħjar teknoloġiji disponibbli, sakemm dan ikun prodott għall-konsum proprja tal-operaturi tal-installazzjonijiet; dawn kollha għandhom jirċievu l-allokazzjonijiet skont l-istess*** |

| | |
|---|---|
| | ***prinċipji ta' dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness I.*** |
| | ***Madankollu, meta gass tal-iskart minn process ta' produzzjoni jintuża bħala fjuwil, l-allokazzjonijiet kollha għandhom jingħataw bla ħlas lill-operatur tal-installazzjoni li tkun qed tiġġenera l-gass tal-iskart skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-AnnessI.*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2010 tadotta regoli armonizzati, b'mod sħiħ u mal-Komunità kollha, dwar id-definizzjoni ta' min jidħol ġdid, inkluż dwar id-definizzjoni tal-'estensjoni tal-kapaċità b'mill-inqas 20%' u ta' 'bidla sinifikanti fin-natura u t-tħaddim tagħha'.'*** |
| | ***Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 23(3).*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 6 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6b. Sa massimu ta' 500 miljun kwota mir-riżerva ta dawk li jidħlu ġodda għandhom jingħataw lil proġetti ta' dimostrazzjoni kummerċjali fuq skala kbira li bdew jaqbdu b'mod kummerċjali u jaħżnu ġeoloġikament l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju fit-territorju tal-UE jew fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni lil hinn mill-UE li jirratifikaw il-ftehima internazzjonali fil-ġejjieni.*** |
| | ***Il-kwoti għandhom jingħataw lil proġetti li jipprovdu għall-iżvilupp, bl-aħjar spiża ta' valur u f'postijiet ibbilanċjati ġeografikament fl-UE, b'varjetà wiesgħa ta' teknoloġiji li jiġbru u jaħżnu l-karbonju li jagħmlu użu minn siti ta' ħażna ġeoloġiċi differenti. L-għoti tagħhom għandu jkun jiddependi fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ permezz tal-użu ta' ħażna ġeoloġika.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tipproponi strutturi u proċeduri għall-identifikazzjoni tal-proġetti u għall-għoti tal-kwoti. Hija għandha tara li jsir progress konvinċenti għall-għoti ta' kuntratti għall-kostruzzjoni ta' 12-il proġett ta' dimostrazzjoni kummerċjali fuq skala kbira u li dan il-progress jista' jintwera qabel il-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC li se ssir f'Kopenħagen f'Novembru 2009.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-UE għandha tkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' teknoloġija ta' qbid u ta' ħażna jekk biex jirnexxielha tikkonvinċi liċ-Ċina u lil pajjiżi maġġuri oħra li jużaw il-faħam sabiex jirratifikaw il-ftehima internazzjonali sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'mod sostanzjali. Din l-emenda taħdem fi ħdan il-limiti massimi ta' emissjonijiet tal-UE sabiex tipprovdi mekkaniżmu immedjat, ċert u finanzjarju Ewropew biex l-ewwel promoturi tal-proġetti CCS jissodisfaw l-ispejjeż ta' żvilupp li fil-bidu jagħmlu t-teknoloġija kummerċjalment mhux vijabbli. Hija se tipprovdi l-bażi għal negozjati sussegwenti dwar id-dettalji mal-Kunsill.*

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skont il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***80%*** tal-kwantità determinata skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. | 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***85%*** tal-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. ***Mill-2014, l-allokazzjoni mingħajr ħlas lill-operaturi tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(2) se jonqos b'ammonti indaqs li se jwasslu għal nuqqas totali ta' allokazzjoni mingħajr ħlas sa l-2020.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti sa l-2020, *stallazzjonijiet* f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti *ningħajr* ħlas sa *100 filmija* tal-kwantità determinata skont il-paragrafi 2 sa *7*. | 8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti sa l-2020, *installazzjonijiet* f'setturi ***jew sotto-setturi*** esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti *mingħajr* ħlas sa *100%* tal-kwantità determinata skont il-paragrafi 2 sa *6*. ***Il-perċentwali għandha tqis sa liema punt l-installazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat jistgħu jnaqqsu l-livelli ta' emissjonijiet billi jiġu applikati l-ikat tekniki effiċjenti u billi jitqies il-konsum ta' elettriku li ma jistax jiġi evitat fil-proċess tal-produzzjoni.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Sa mhux aktar tard ***mit-30 ta' Ġunju*** 2010 u mbagħad kull ***3*** snin ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. | 9. Sa mhux aktar tard ***mill-31 ta' Marzu*** 2010 u mbagħad kull ***4*** snin ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-setturi u s-sotto-setturi kkonċernati u partijiet oħra relevanti oħra.*** |
| Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)]. | Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)]. |
| Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm huwa possibbli għas-settur jew sotto settur ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fil-prezzijiet tal-prodott, mingħajr telf sinifikanti tas-sehem tas-suq favur *stallazzjonijiet* barra l-Komunità li huma anqas effiċjenti fir-rigward tal-karbonju, filwaqt li ***tqis dan li ġej***: | Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm huwa possibbli ***fil-livell Komunitarju*** għas-settur jew sotto settur ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fil-prezzijiet tal-prodott, mingħajr telf sinifikanti tas-sehem tas-suq favur *installazzjonijiet* barra l-Komunità li huma anqas effiċjenti fir-rigward tal-karbonju, filwaqt li ***jitqiesu l-kriterji kwantitattivi li ġejjin***: |
| (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni; | (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni ***kkalkulata bħala proporzjon tal-Valur Miżjud Gross jew, meta din id-dejta ma tkunx disponibbli f'livell adegwat, bħala proporzjon tal-ispejjeż totali tal-produzzjoni***; |
| | ***(b) livell magħruf ta' importazzjonijiet u esportazzjonijiet fis-settur jew sottosettur ikkonċernat;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(c) is-sehem tas-suq tas-setturi jew sottosetturi kkonċernati;***<br><br>***(d) profittabilità bħala indikatur potenzjali ta' investiment fuq medda twila ta' żmien u/jew deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni;***<br><br>***(e) l-effett li l-ispejjeż tas-$CO_2$ jgħaddu fuq l-ispejjeż tal-prodotti tas-settur jew sottosettur ikkonċernat; kif ukoll***<br><br>***(f) l-effetti tal-ispejjeż tal-kwoti li jiġu riflessi fil-prezzijiet tal-elettriku għas-settur jew sottosettur ikkonċernat.***<br><br>***Għal setturi jew sottosetturi li, mill-evalwazzjoni kwantitattiva, jidhru li jinsabu f'riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-karbonju, għandu jkun hemm evalwazzjoni kwalitattiva sabiex jiġi determinat jekk dawn is-setturi jew sottosetturi humiex realment f'riskju, u biex id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 10b ikunu infurmati. Dan għandu jinkludi:*** |
| ***(b)*** safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet pereżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti; | ***(a)*** safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet pereżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti; |
| ***(c)*** *l-*istruttura tas-suq, ***is-suq*** tal-prodotti rilevanti u ġeografiku, l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali; | ***(b) evalwazzjoni*** *tal-*istruttura tas-suq ***(attwali u ppjanata), is-swieq*** tal-prodotti rilevanti u ġeografiku, ***l-ispejjeż tat-trasport,*** l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali***, ostakoli fuq medda twila u qasira ta' żmien għall-kummerċ u fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet dwar il-post (inkluża d-differenzjazzjoni fil-kwalità ta' prodott jew il-livell ta' servizz mogħti mill-produtturi fil-Komunità, l-istandards tal-prodott, l-importanza tal-viċinanza għas-swieq tal-prodotti u tal-fatturi, u r-riskji tar-rilokazzjoni)***; |
| ***(d)*** l-effett *tat-tibdil* fil-klima u l-politiki | ***(c)*** l-effett *tal-bidla* fil-klima u l-politiki |

| | |
|---|---|
| dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati; | dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati. |
| Għall-finijiet tal-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-istallazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. | Għall-finijiet tal-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-istallazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u tal-estent sa fejn dawn iwasslu għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta mal-imsieħba soċjali rilevanti kollha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li jkunu ġew determinati li huma esposti għal riskji sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa***, li jistgħu jinkludu:*** | Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2010***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u ta' l-estent safejn dawn iwasslu għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa**.** |
| ***L-aġġustament tal-proporzjon tal-kwoti riċevuti mingħajr ħlas minn dawk is-setturi jew sotto setturi taħt l-Artikolu 10a;*** | |
| ***L-inklużjoni fl-iskema Komunitarja ta' importaturi ta' prodotti minn setturi jew sotto setturi determinati skond l-Artikolu 10a.*** | |
| Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma | Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma |

adegwati għandu jitqies ***ukoll*** kull ftehim settorjali vinkolanti li jwassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jista' jiġi monitorjat, huwa verifikabbli u suġġett għal arranġamenti ta' infurzar."

adegwati għandu jitqies kull ftehim settorjali vinkolanti li jwassal għal tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jista' jiġi monitorjat, huwa verifikabbli u suġġett għal arranġamenti ta' infurzar."

***Fl-assenza ta' ftehima internazzjonali u ftehim settorjali li jorbot, kif speċifikat hawn fuq, il-Kummissjoni għandha teżamina b'mod speċifiku, fir-rapport imsemmi hawn fuq, il-fattibilità li jiġi aġġustat il-proporzjon ta' kwoti rċevuti mingħajr ħlas minn dawk is-setturi jew sottosetturi skont l-Artikolu 10a, il-fattibilità li jiġu inklużi l-importaturi tal-prodotti magħmula mis-setturi u s-sottosetturi determinati bi qbil mal-Artikolu 10a fl-iskema tal-Komunità jew it-twaqqif ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Fruntieri.***

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-***30 ta' Settembru 2011***, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni lista ta' stallazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva fit-territorju tagħha u kull *allokazzjoni mingħajr* ħlas għal kull stallazzjoni fit-territorju tagħha kkalkolata skont ir-regoli kif stipulat fl-Artikolu 10a(1). | ***1. Sat-30 ta' Ġunju 2011***, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni ***miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali li jelenkaw*** lista ta' stallazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva fit-territorju tagħha u kull *kwota bla* ħlas għal kull stallazzjoni fit-territorju tagħha ***għal kull sena fil-perjodu kopert,*** kkalkolata skont ir-regoli kif stipulat fl-Artikolu 10a(1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu għandu jiċċara li l-lista jkun fiha l-kwota annwali għal kull sena mill-2013 sa l-2020.*

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom biss jagħtu kwoti bla ħlas skont il-paragrafu 2 jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali jiġu aċċettati mill-Kummissjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li l-Kummissjoni jkollha rwol fl-approvazzjoni tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni Nazzjonali (NIMs) sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri qed japplikaw ir-regoli tal-kwoti bla ħlas għall-installazzjonijiet b'mod konsistenti.*

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11 - paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-kwantità tal-kwoti li għandhom jiġu distribwiti għal dik is-sena, ikkalkolata skond l-Artikoli 10 u 10a. | 2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti***, skond il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom,*** għandhom joħorġu l-kwantità tal-kwoti li għandhom jiġu distribwiti għal dik is-sena, ikkalkolata skond l-Artikoli 10 u 10a. |
| Stallazzjoni li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra. | Stallazzjoni li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra. |
| | ***2a. M'għandhomx jingħataw allokazzjonijiet bla ħlas lil installazzjonijiet meta l-attività tal-Anness I fl-installazzjoni ma tkunx għadha topera jew meta l-kapaċità tal-attività tal-Anness I fl-installazzjoni tkun waqgħet taħt il-limiti msemmija f'dak l-Anness.*** |
| | ***Il-Kummissjoni, fil-miżuri adottati skont*** |

***l-Artikolu 10a(1), għandha tinkludi l-miżuri li jiddefinixxu l-installazzjonijiet li, parzjalment jew temporanjament, jieqfu joperaw. Dawn l-installazzjonijiet jistgħu jibqgħu jirċievu allokazzjonijiet bla ħlas skont il-miżuri dwar il-kwoti mingħajr ħlas adottati skont l-Artikolu 10a(1).***

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 11a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Ladarba jkun intlaħaq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima,*** is-CERs biss ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw ***dak*** il-ftehim għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja. | 7. ***Mill-2013 'il quddiem,*** is-CERs ***ta' kwalità għolja u l-ERUs ta' kwalità għolja li jagħtu inċentiv għar-rabta bejn is-sistemi ta' kummerċ*** biss ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw il-ftehim ***internazzjonali futur dwar il-bidla fil-klima*** għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja. ***Fil-perjodu bejn l-2008 u l-2012, l-allokazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għandhom ikunu ta' 6.5% inqas mill-emissjonijiet fl-2005. L-operaturi kollha li f'dan il-perjodu jkunu użaw persentaġġ aktar baxx ta' ERUs u CERs meta mqabbla mal-emissjonijiet tagħhom u sakemm ma jitrasferux intitolamenti skont il-paragrafu 2, ikunu jistgħu jużaw dawn il-krediti sa 4% tal-emissjonijiet tagħhom kull sena tul il-perjodu mill-2013 sa l-2020, u dan japplika wkoll għal dawk li jidħlu ġodda u s-setturi ġodda. Dan għandu jirrappreżenta sa 40% tat-tnaqqis li huma meħtieġa jagħmlu matul il-perjodu mill-2008 sal-2020.***<br><br>***CERs ta' kwalità għolja u l-ERUs ta' kwalità għolja li jagħtu inċentiv għar-rabta bejn is-sistemi ta' kummerċ huma krediti li:*** |

*(a) jirrappreżentaw tnaqqis tal-emissjonijiet reali, verifikabbli, addizzjonali u permanenti minn proġetti b'benefiċċji ċari ta' żvilupp sostenibbli u mingħajr impatti negattivi sinifikanti fuq livell soċjali u ambjentali;*

*(b) joriġinaw proġetti f'pajjiżi li jikkontribwixxu kif xieraq għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet skont ftehim internazzjonali futur li jkunu rratifikaw; kif ukoll*

*(c) huma aċċettati, jew li għandhom ċans tajjeb li jiġu aċċettati f'sistemi ewlenin oħra tal-kummerċ tal-emissjonijiet, billi tiġi kkunsidrata b'mod partikolari l-aċċettazzjoni possibbli tagħhom fis-Sistema tal-Kummerċ tal-Emissjonijiet federali tal-Istati Uniti.*

*Miżuri armonizzati li jikkonfermaw liema proġetti jew tipi ta' proġetti jirrispettaw dawn il-kriterji għandhom ikunu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3).*

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11a - paragrafu 7 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Sabiex tinżamm l-integrità ambjentali tal-iskema tal-Komunità u biex ikun żgurat li t-tnaqqis domestiku Ewropew isir fil-livell indikat mill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, volum totali ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-UE (EUA) daqs il-volum ta' CERs, ERUs u krediti ekwivalenti, l-installazzjonijiet ikunu permessi li jintużaw għandhom jiġu kkanċellati. Dan il-volum ta' EUAs se jitnaqqas minn dawk li inkella kienu se jkunu destinati għall-irkant.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li tiżdied l-effiċjenza f'sens ta' infiq. Dan għaliex, fl-emenda korrispondenti, huwa propost li jiżdied l-ammont ta' krediti CDM u Ji. Fl-istess ħin, huwa importanti li tinżamm l-integrità ambjentali tal-iskema. L-emenda primarjament fi ħsiebha tbiddel l-irkant bis-CDM u mhux tikkomprometti l-prinċipju tas-supplimentarjetà.*

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 10 a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 - paragrafi 1 a u 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:*** |
| | ***(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:*** |
| | ***"1a. Il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Settembru 2009, tressaq il-proposti leġiżlattivi xierqa li se jiżguraw li s-suq għall-kwoti tal-emissjonijiet huwa protett min-negozju minn ġewwa u l-manipulazzjoni tas-suq. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqis jekk, għar-raġuni ta' din id-Direttiva, il-kwoti għandhomx jitqiesu bħala strument finanzjarju fl-ambitu tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar in-negozju minn ġewwa u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)[1].*** |
| | ***[1] ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16."*** |
| | ***(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:*** |
| | ***"3a. Obbligu sabiex wieħed iċedi l-kwoti m'għandux jinħoloq fir-rigward ta' emissjonijiet verifikati bħala maqbuda u ttrasportati lejn faċilità għall-ħażna permanenti li għaliha jkun hemm permess fis-seħħ skond id-Direttiva 2008/xxx/KE dwar il-ħażna ġeoloġika tad-dijossidu tal-karbonju."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura legali tal-kwoti dwar is-suq finanzjarju mhuwiex ċar. Ċertu pajjiżi jqisuhom strumenti finanzjarji li l-kummerċ tagħhom huwa ssorveljat mill-awtorità tas-servizzi finanzjarji, filwaqt li pajjiżi oħra jqisuhom bħala kumditajiet normali u d-derivattivi tagħhom biss huma meqjusa strumenti finanzjarji. Huwa importanti li jkun hemm iċ-ċarezza sabiex tikber il-kunfidenza fin-negozju u tiżdied it-trasparenza. Il-kummerċ minn ġewwa u l-manipulazzjoni tas-suq jistgħu jfixklu s-suq, inaqqsu l-kredibilità tiegħu u jkunu ta' ħsara għall-kunfidenza tal-investitur.*

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 12**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ir-Regolament jista' jinkludi rekwiżiti dwar l-użu ta' sistemi awtomatizzati u formati ta' skambju tad-data biex jiġu armonizzati l-komunikazzjoni fuq il-pjan tal-monitoraġġ, ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet u l-attivitajiet ta' verifika bejn l-operatur, il-verifikatur u l-awtoritajiet kompetenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tas-sistemi ta' l-IT jtejjeb it-trasparenza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar ta' l-emissjonijiet taħt l-ETS ta' l-UE. Dan se jkun importanti għal aktar espansjoni jew biex l-ETS ta' l-UE tingħaqad ma' setturi oħra u ma' sistemi oħra ta' l-ET.*

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 13 a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 15 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Jiddaħħal l-Artikolu 15a li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 15a*** |

| | |
|---|---|
| | ***L-iżvelar tal-informazzjoni u tas-segretezza professjonali*** |
| | ***1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet u r-rapporti kollha relatati mal-kwantità u l-allokazzjoni tal-kwoti u mal-immonitorjar, ir-rapport u l-verifika tal-emissjonijiet ikunu immedjatament żvelati b'mod li jiġi żgurat aċċess ta' malajr għal informazzjoni bħal din fuq bażi mhux diskriminatorja.*** |
| | ***2. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu jaħdmu għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-korpi li għalihom setgħu iddelegaw ċertu xogħlijiet il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali ma tistax tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew awtorità oħra ħlief permezz tal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li tiġi żgurata l-applikazzjoni tar-regoli li jiggvernaw l-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-kummerċ tal-kwoti sabiex tikber il-kunfidenza fin-negozju u tiżdied it-trasparenza. Il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni sensittiva għas-suq mill-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tkun regolata b'mod strett u ċar.*

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 17**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 22 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi ta' din id-Direttiva, minbarra ***l-Anness I***, fid-dawl tar-rapporti pprovduti fl-Artikolu 21 u ta' l-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' din id- | Il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi ta' din id-Direttiva, minbarra ***l-Annessi I u IIa***, fid-dawl tar-rapporti pprovduti fl-Artikolu 21 u ta' l-esperjenza ta' l- |

Direttiva. L-Annessi IV u V jistgħu jiġu emendati sabiex jittejbu l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifikar ta' l-emissjonijiet.

applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Annessi IV u V jistgħu jiġu emendati sabiex jittejbu l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifikar ta' l-emissjonijiet.

*Ġustifikazzjoni*

*L-Anness IIa huwa deċiżjoni politika u għalhekk għandu jkun suġġett għal kodeċiżjoni u mhux għall-komitoloġija. L-inklużjoni ta' GHG minbarra dawk li bħalissa jinsabu elenkati fl-anness II tikkawża tgħawiġ kbir tas-suq u nuqqas ta' sigurtà fl-ippjanar. Il-gassijiet ġodda fl-ETS ta' l-UE jistgħu jbiddlu l-provvista jew id-domanda tal-kwoti f'daqqa waħda u għalhekk jikkawżaw tibdil ħesrem u mhux mixtieq fil-prezz.*

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 17 a (ġdid)**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Fl-Artikolu 24(1), l-ewwel subparagrafu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:*** |
| | **"1.** ***Mill-2008, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kummerċ tal-kwoti tal-emissjonijiet b'konformità ma' din id-Direttiva għal attivitajiet, imwettqa f'installazzjoni jew xi mkien ieħor, u gassijiet b'effett serra li mhumiex elenkati fl-Anness I, sakemm l-inklużjoni ta' attivitajiet ta' dan it-tip [...]u l-gassijiet bl-effett ta' serra tiġi approvata mill-Kummissjoni b'konformtià mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(2), filwaqt li jitqiesu l-kriterji rilevanti kollha, b'mod partikulari l-effetti fuq is-suq intern, it-tagħwiġ potenzjali tal-kompetizzjoni, l-integrità ambjentali tal-iskema u kemm is-sistema ppjanata ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar hija ta' min jorbot fuqha."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija bidla teknika għad-Direttiva 2003/87/KE għal paragrafu li ma kienx emendat mill-proposta tal-Kummissjoni. Dan jiżgura li jkun hemm flessibilità rigward dħul ("opt-ins") fil-ġejjieni, bħat-tisħin tad-djar.*

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 19**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 24 a - paragrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. Emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra li jinġabru u jinħażnu għandhom jitqiesu bħala "mhux mormija". L-ebda għoti ta' kwoti m'għandu jinħtieġ għal dawn l-emissjonijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn il-gassijiet huma emissjonijiet iżda ma jiġux f'kuntatt ma' l-arja. Għalhekk m'għandhomx jitqiesu bħala emissjonijiet.*

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 20**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 25 – paragrafi 1a u 1b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1a. Jistgħu jiġu pprovduti ftehimiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti bejn l-iskema Komunitarja u sistemi mandatorji ta' skambju ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jillimitaw l-emissjonijiet assoluti stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż ieħor jew entità sotto-federali jew ***reġjonali***. | 1a. Jistgħu jiġu pprovduti ftehimiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwoti bejn l-iskema Komunitarja u sistemi mandatorji ta' skambju ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jillimitaw l-emissjonijiet assoluti stabbiliti fi kwalunkwe ***reġjun,*** pajjiz ieħor jew entità sotto-federali jew ***sotto-nazzjonali***. |
| 1b. Jistgħu jsiru arranġamenti *mhux vinkolanti* ma' pajjiżi terzi jew ma' entitajiet sotto-federali jew ***reġjonali*** li | 1b. Jistgħu jsiru arranġamenti *li ma jorbtux* ma' ***entitajiet reġjonali jew*** pajjiżi terzi jew ma' entitajiet sotto-federali jew ***sotto-*** |

| | |
|---|---|
| jipprovdu għal koordinament amministrattiv u tekniku relatat ma' kwoti fl-iskema Komunitarja jew sistemi ta' skambju ta' emissjonijiet li jillimitaw l-emissjonijiet assoluti. | ***nazzjonali*** li jipprovdu għal koordinament amministrattiv u tekniku relatat ma' kwoti fl-iskema Komunitarja jew sistemi ta' skambju ta' emissjonijiet li jillimitaw l-emissjonijiet assoluti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan jiċċara li r-rabta ta' l-iskemi li huma sotto-nazzjonali imma mhux federali tkun possibbli, u li l-entitajiet reġjonali jinkludu entitajiet supra-naturali.*

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 20**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 25 - paragrafu 1 b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1ba. Il-Kummissjoni għandha, fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-proċess ta' tkabbir, tfittex li tikkonkludi ftehimiet mal-pajjiżi kkonċernati bil-għan li tinkludihom fl-iskema tal-Komunità jew li tipprovdi għal rikonoxximent reċiproku tal-kwoti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li l-pajjiżi terzi li jmissu mal-UE jitħeġġu jingħaqdu mal-EU ETS. Dan mhuwiex biss importanti mil-lenti ambjentali u tal-iżvilupp, imma jindirizza wkoll il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-karbonju minn kumpaniji tal-UE li jaqsmu l-fruntiera.*

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 27 – titolu u paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Esklużjoni ta' *stallazzjonijiet* żgħar ***tal-kombustjoni*** suġġetta għal miżuri ekwivalenti | Esklużjoni ta' *installazzjonijiet* żgħar suġġetta għal miżuri ekwivalenti |

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, *stallazzjonijiet **tal-kombustjoni*** li għandhom kapaċità termika kkalkolata taħt il-***25MW,*** emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***10 000*** tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, eskluż emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis *ta' l-*emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jistgħu***, mat-talba tal-operatur,*** jeskludu, mill-iskema Komunitarja, *installazzjonijiet* li għandhom kapaċità termika kkalkolata taħt il-***35MW,*** emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***25,000*** tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, eskluż emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis *tal-*emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: |
| (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li qegħdin fis-seħħ, | (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li qegħdin fis-seħħ, |
| (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk xi stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***10,000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, minn barra l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja waħda weħidha; | (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***25,000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; |
| (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe installazzjoni tkun sors ta' ***10,000*** tunellata ta' emissjonijiet jew aktar *ta' l-*ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-*iinstallazzjoni* tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; | (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe stallazzjoni tkun sors ta' ***25,000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar *tal-*ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-*installazzjoni* tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; |
| (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. | (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. |
| | ***L-isptarijiet ukoll jistgħu jiġu esklużi jekk jieħdu l-miżuri ekwivalenti.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, li jwassal, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw ***il-paragrafi 2, 3 u 4***. | 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, li jwassal, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw ***il-paragrafi 2 sa 4b***. |
| 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skond l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali *ta' l-*emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skond l-Artikoli 9 u 9a. | 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skond l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali, ***konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007,*** immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali *tal-*emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skond l-Artikoli 9 u 9a. |
| 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-ftehim internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir *skond* il-paragrafu 2. | 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs ***ta' kwalità għolja***, l-ERUs jew krediti oħra approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-ftehim internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir *skont* il-paragrafu 2. |
| 4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jipprovdu għall-użu ta' tipi ta' proġetti addizzjonali minn operaturi fl-iskema Komunitarja għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 ta' l-Artikolu 11a jew l-użu minn operaturi bħal dawn jew mekkaniżmi | 4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jipprovdu għall-użu ***u jispeċifikaw il-kwalità*** ta' tipi ta' proġetti addizzjonali minn operaturi fl-iskema Komunitarja għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 ta' l-Artikolu 11a jew l-użu minn operaturi bħal |

oħra maħluqa skond il-ftehim internazzjonali, kif jixraq.

dawn jew mekkaniżmi oħra maħluqa skond il-ftehim internazzjonali, kif jixraq.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].

***4a. Fi żmien tmien xhur mill-konklużjoni tal-ftehima internazzjonali msemmija f'paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel u tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill evalwazzjoni tal-impatt komprensiva tal-effetti minħabba t-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-UE mitluba minn dik il-ftehima u l-miżuri meħuda biex iseħħ dak it-tnaqqis, kif ukoll kwalunkwe miżura oħra adottata fil-ftehima. Din l-evalwazzjoni tal-impatt għandha b'mod partikolari tistipula safejn il-ftehima internazzjonali għandha l-possibilità li tnaqqas b'mod sinifikanti ir-riskju tar-rilaxx tal-karbonju għal industriji esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, inkluż billi jiġu żgurati pożizzjonijiet komparabbli fuq l-industriji li jkunu qed joperaw barra mill-Komunità.***

***4b. Jekk l-evalwazzjoni tal-impatt tindika li l-ftehima internazzjonali m'għandhiex iktar minn possibilità żgħira li tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' rilaxx tal-karbonju għal industriji esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva xierqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din il-proposta għandha, jekk hu xieraq, tippreżenta l-proposti li ġejjin:***

***(a) biex tiġi modifikata l-kwantità tal-kwoti tal-Komunità fl-2020, billi jitqies it-tnaqqis totali, inqas minn 20%, tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra mill-Komunità li għalih il-ftehima***

***internazzjonali torbot lill-Komunità, konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007;***

***(b) għall-użu ta' CERs, ERUs jew krediti oħra mill-opertauri fl-iskema tal-Komunità;***

***(c) biex jitnaqqas ir-riskju tar-rilaxx tal-karbonju, inkluża fost l-oħrajn, kwalunkwe proposta msemmija fl-Artikolu 10a(1), (8) u (9) u Artikolu 10b.***

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21 a**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Jiddaħħal l-Artikolu 28a li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 28a*** |
| | ***Użu ta' krediti għall-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u l-forestrija*** |
| | ***1. Mar-ratifika ta' ftehima internazzjonali futura dwar il-bidla fil-klima, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-operaturi tal-installazzjonijiet li jużaw il-krediti, bi qbil mal-limitu speċifiku fl-Artikolu 11a(7), sa 5% tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra meħtieġ għall-installazzjonijiet koperti minn din id-Direttiva minn:*** |
| | ***(a) attivitajiet ta' forestrija sostenibbli, verifikabbli u permanenti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li magħhom intlaħaq ftehim b'konformità mal-Artikolu 11a(5); kif ukoll*** |
| | ***(b) kwalunkwe proġett ta' forestrija sostenibbli, verifikabbli u permanenti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw bi qbil mal-ftehima internazzjonali msemmija fl-Artikolu 28.*** |

| | |
|---|---|
| | ***2. Il-proġetti stipulati f'punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw kriterji ta' kwalità għolja biex jiġu adottati mill-Kummissjoni.*** |
| | ***Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]."*** |

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2003/87/KE
Anness I – punt 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-*istallazzjonijiet* jew il-partijiet *ta' l-istallazzjonijiet* użati għar-riċerka, l-iżvilupp u t-testjar ta' prodotti u proċessi ġodda u *stallazzjonijiet* tal-kombustjoni li jużaw biss il-bijomassa mhumiex koperti b'din id-Direttiva. | 1. L-*installazzjonijiet* jew il-partijiet *tal-installazzjonijiet* użati għar-riċerka, l-iżvilupp u t-testjar ta' prodotti u proċessi ġodda, ***l-installazzjonijiet soġġetti għal miżuri ekwivalenti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet u użati għall-forniment ta' servizzi tas-saħħa u ta' attivitajiet/stabbilimenti edukattivi,*** u *installazzjonijiet* tal-kombustjoni li jużaw biss il-bijomassa mhumiex koperti b'din id-Direttiva. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-evalwazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni turi li għejjun żgħar ta' emissjonijiet bħall-isptarijiet u l-universitajiet se jġarrbu l-istess spejjeż, f'termini ta' piż amministrattiv, bħal għejjun kbar ta' emissjonijiet. Il-biċċa l-kbira ta' l-isptarijiet ul- faċilitajiet tas-saħħa jirċievu finanzjament pubbliku u għandhom riżorsi limitati. Huwa importanti li jkunu kkunsidrati l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju.*

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness 1 – punt 3 - punt c - punt iii**
Direttiva 2003/87/KE
Anness I – punt 2 - tabella - 3 ringiela tal-kategoriji tal-attività

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| "*Stallazzjonijiet* għall-manifattura tal-fibra ***tal-blat jew il-fibra tal-ġebel*** (***rock*** wool ***jew stone wool***) b'kapaċità li taqbeż l-20 tunnellata kuljum | Dijossidu tal-karbonju |
| *Stallazzjonijiet* għat-tnixxif jew il-kalċinazzjoni tal-ġipsum jew għall-produzzjoni tal-folji tal-ġibs u prodotti oħra tal-ġibs, fejn jitħaddmu *stallazzjonijiet* tal-kombustjoni b'kapaċità ta' termika kkalkolata ta' 20 MW | Dijossidu tal-karbonju" |

*Emenda*

(iii) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

| | |
|---|---|
| "Installazzjonijiet għall-manifattura tal-***materjal għall-insulazzjoni tal-***fibra ***minerali li juża ħġieġ, blat jew metall imdewweb,*** b'kapaċità ***ta' tidwib*** li taqbeż l-20 tunnellata kuljum | Dijossidu tal-karbonju |
| Installazzjonijiet għat-tnixxif jew il-kalċinazzjoni tal-ġipsum jew għall-produzzjoni tal-folji tal-ġibs u prodotti oħra tal-ġibs, fejn jitħaddmu installazzjonijiet tal-kombustjoni b'kapaċità ta' termika kkalkolata ta' 20 MW | Dijossidu tal-karbonju" |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' kjarifikazzjoni teknika.*

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4**
Direttiva 2003/87/KE
Anness I - punt 2 - tabella - kategorija ġdida 1 - ringiela 8 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-gass metanu ($CH_4$), li joħroġ minn minjieri attivi tal-faħam u li jiġi assorbit mill-istruttura interna tal-faħam, bħala gass ħieles fl-ispazju tal-pori tal-faħam jew li bħala gass ħieles fis-saffi tal-ġebla li tmiss mas-saffi tal-faħam, joħroġ fil-bidu bħala konsegwenza ta' operazzjonijiet ta' tħaffir għall-faħam.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emissjonijiet minn dan is-settur jammontaw għal 7.9% ta' l-emissjonijiet tal-metanu ta' l-UE-25, ekwivalenti għal 0.7% ta' l-emissjonijiet GHG ta' l-UE-25.*

## NOTA SPJEGATTIVA

L-iskambju tal-emissjonijiet mhu bl-ebda mod kunċett ġdid u żgur mhux uniku għall-Ewropa. Madankollu, is-Sistema Ewropea tal-Iskambju tal-Emissjonijiet (ETS) hija unika peress li hi l-ewwel sistema internazzjonali ta' skambju tal-emissjonijiet tas-$CO_2$. Bħalissa tkopri 'l fuq minn 10,000 installazzjoni fis-setturi tal-enerġija u tal-industrija li flimkien huma responsabbli għal kważi nofs l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-UE u għal 40% tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet bl-effett ta' serra. Hija għalhekk bix-xieraq imsejħa l-pedament tal-istrateġija tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Ir-Reviżjoni tal-UE ETS hija parti mill-'Pakkett tal-Klima u l-Enerġija Rinnovabbli' tal-Kummissjoni, li kien adottat fit-23 ta' Jannar ta' din is-sena. Il-pakkett jinkludi abbozzi ta' proposti dwar il-Qsim tal-Isforzi u l-Enerġija minn Sorsi Rinnovabbli, il-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju u abbozz ta' proposta dwar ir-Reviżjoni tad-Direttiva tal-UE ETS – proposta li hija tassew bilanċjata u ttejjeb u testendi b'mod sinifikanti l-EU ETS.

Din il-proposta tipproponi li temenda d-Direttiva 2003/87/KE[1] li stabbiliet l-EU ETS. L-għan, għall-perjodu mill-2012 'il quddiem, huwa li jissaħħaħ, jitkabbar u jittejjeb it-tħaddim tal-ETS bħala waħda mill-iktar għodod importanti u effiċjenti ekonomikament biex tintlaħaq il-mira tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gass bl-effett ta' serra. Il-mandat għal dan ġej mill-Kunsill Ewropew tas-sena l-oħra ta' Marzu 2007, li għamel sejħa għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-UE ta' mill-inqas 20% sal-2020 imqabbel mal-livelli tal-1990, u ta' 30% jekk pajjiżi industrijalizzati oħra jimpenjaw ruħhom li jagħmlu sforzi komparabbli fil-qafas ta' ftehim dinji għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Id-deċiżjoni li jinbdew negozjati biex titfassal 'ftehima post-Kyoto' ittieħdet f'Diċembru li għadda waqt il-konferenza tan-NU dwar it-tibdil tal-klima f'Bali. Huwa ta' importanza kbira li jintlaħaq ftehim fil-livell internazzjonali waqt il-Konferenza tal-Partijiet, fil-laqgħa ta' Kopenhagen fl-2009, biex tiġi ttrattata din il-problema dinjija urġenti. Jekk l-Ewropa trid turi t-triq, allura jkollna noħorġu b'soluzzjonijiet vijabbli biex jiġi ffaċċjat it-tibdil fil-klima globali, u UE ETS imħaddma bis-sħiħ tikkontribwixxi bil-kbir għal dan .

Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva tibbilanċja l-ħtieġa għal effiċjenza ekonomika mal-ġustizzja bejn is-setturi u l-Istati Membri, u toħloq iktar ċertezza għall-industrija. Din tistabbilixxi projezzjonijiet għat-tnaqqis fl-emissjonijiet meħtieġ mis-setturi koperti mill-ETS; żieda fl-armonizzazzjoni tagħmel is-sistema eħfef u iktar trasparenti, biex b'hekk tiġbed aktar pajjiżi u reġjuni oħra biex jingħaqdu magħha.

Ir-Rapporteur tapprezza x-xogħol li sar mill-Kummissjoni u tappoġġja l-qafas ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni, kif ukoll il-mira ta' tnaqqis ta' 21% mill-emissjonijiet tal-2005. Mal-konklużjoni tal-ftehima internazzjonali, isiru aġġustamenti prevedibbli għal-livelli massimi, li jkunu jirriflettu l-impenn tal-UE li żżid il-mira tagħha tat-tnaqqis minn 21% sa 30%. Ir-Rapporteur tappoġġja wkoll livell massimu aromizzat waħdieni, kif ukoll il-perjodu ta' skambju ta' 8 snin sal-2020 u tnaqqis lineari tal-livell massimu sal-2025, stadju li fih

[1] Kif emendata bid- 'Direttiva li Tgħaqqad' 2004/101/KE.

hemm prevista reviżjoni.

Irkant ta' 100% għas-settur tal-enerġija sal-2013 huwa raġonevoli peress illi jidher ċar li s-settur għandu l-potenzjal li jgħaddi l-ispiża leġittima fuq il-konsumatur, jekk ikun meħtieġ. Minbarra dan, għandu jkun previst irkant sħiħ għas-setturi kollha sal-2020 peress li dan huwa l-iktar mod effiċjenti u trasparenti ta' kif talloka l-kwoti permissibbli.

Madankollu, hemm oqsma fejn ir-Rapporteur inkorporat bidliet fir-rapport tagħha.

1. Hemm ħtieġa reali għal iktar ċertezza dwar il-kwistjoni ta' dawk is-setturi l-iktar milquta mit-Tnixxija tal-Karbonju. In-negozji u l-investituri Ewropej jeħtieġu rassikurazzjoni li f'każ li ma tintlaħaqx Ftehima Internazzjonali fis-COP-15 fl-2009, huma ma jitħallewx iġorru l-piż waħedhom.

   Il-Kummissjoni se tirrevedi s-sitwazzjoni mas-setturi u s-sottosetturi suġġetti għall-kompetizzjoni internazzjonali u se tagħmel il-proposti kollha meħtieġa sal-31 ta' Diċembru 2010, 6 xhur qabel kienu previsti oriġinarjament. Dawk is-setturi meqjusa f'riskju sinifikanti ta' tnixxija tal-karbonju jistgħu jirċievu sa 100% ta' kwoti permissibbli mingħajr ħlas jew, tista' tkun introdotta sistema li tpoġġi dawk l-installazzjonijiet li qegħdin f'riskju sinifikanti fl-istess livell ma' dawk f'pajjiżi terzi. Madankollu, ir-Rapporteur temmen li jkun ta' ħsara għall-probabbiltà ta' qbil fin-negozjati internazzjonali dwar il-klima jekk ċerti setturi jissemmew mill-ewwel fil-proposta. Barra minn hekk, wieħed m'għandux jipprova jantiċipa r-riżultati tal-istudju tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-kwistjoni qabel il-pubblikazzjoni imminenti tagħhom. Ir-Rapporteur irrestrinġiet ukoll id-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi 'tnixxija tal-karbonju' sabiex tippromwovi l-benefiċċju ambjentali globali.

2. L-operaturi kollha li użaw persentaġġ iktar baxx ta' ERUs u CERs imqabbel mal-emissjonijiet tagħhom fil-fażi 2008-2012 u li ma jakkumulawx l-intitolamenti għandhom jitħallew jużaw krediti sa 5 % tal-emissjonijiet tagħhom ta' kull sena waqt il-perjodu mill-2013 sal-2020, u l-istess bħalhom l-operaturi u s-setturi l-ġodda. Dan jammonta għal kważi nofs it-tnaqqis fil-perjodu 2013 - 2020. Proġetti bħal dawn, barra minn hekk, ikunu permessi biss minn pajjiżi li jkunu rratifikaw il-Ftehima Internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u jaderixxu mar-regoli kwalitattivi. Ir-Rapporteur tixtieq tenfasizza l-ħtieġa għal kriterji aktar iebsa billi jkunu permessi CERs and ERUs ta' kwalità għolja biss. Fl-eventwalità ta' lħiq ta' ftehim internazzjonali, l-ammont ta' krediti JI/CDM jiżdiedu aktar.

3. Id-deforestazzjoni globali qed isseħħ b'rata allarmanti u l-kontribut gravi tagħha għall-emissjonijiet tas-CO2 ma jistgħux jiġu injorati. Għalhekk, ir-Rapporteur tipprevedi ammont sostanzjali ta' dħul mill-irkant li jiġi allokat bħala fondi biex tiġi evitata d-deforestazzjoni, biex jippromwovu l-afforestazzjoni sostenibbli u r-riafforestazzjoni fil-pajjiżi li jkunu rratifikaw il-ftehima internazzjonali dwar il-bidla fil-klima.

4. S'issa t-tbaħħir għadu mhux inkluż u se jkun meħtieġ li ssir valutazzjoni tal-impatt. In-nuqqas ta' dejta vverifikata dwar l-emisjonijiet sal-lum jidher li hi problema f'dan ir-rigward. Ir-Rapporteur tipprevedi li sakemm it-tbaħħir jiġi inkluż fl-UE ETS, l-emissjonijiet mit-tbaħħir għandhom jiddaħħlu fid-Deċiżjoni dwar l-isforz tal-Istati

Membri biex jilħqu l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2020.

5. ***Ir-Rapporteur hija konxja mill-potenzjal tat-teknoloġija tal-Qbid u l-Ħżin tal-Karbonju (CCS), u tara din bħala parti mis-soluzzjoni għat-tnaqqis dinji tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk huwa propost li 500 miljun kwota permissibbli fir-riżerva għal operaturi ġodda (NER) ikunu riżervati biex jingħataw lill-ewwel 12-il faċilità, li jkunu bdew jaqbdu kummerċjalment u jaħżnu ġeoloġikament l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.***

6. L-irkantar għandu jkun il-prinċipju bażiku għall-allokazzjoni tal-kwoti permissibbli, u għandu jiġi applikat għas-settur tal-enerġija mill-2013. Fejn il-produtturi tat-tisħin jew it-tkessiħ jirċievu kwota bla ħlas marbuta mal-produzzjoni tas-tisħin industrijali permezz tal-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita mid-Direttiva 2004/8/KE, tingħata wkoll allokazzjoni bla ħlas għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn residwi ta' proċessi industrijali bl-użu tal-aħħar teknoloġiji disponibbli sakemm dan ikun prodott għall-konsum tal-installazzjonijiet infushom.

Ir-Rapporteur temmen li sal-lum, il-politikanti naqsu bil-kbir milli jirreaġixxu adegwatament għall-isfida tal-klima u l-mira ta' 2C° stabbilita b'mod tant ċar fil-letteratura xjentifika ewlenija, fir-rapporti IPCC u fl-iStern Review, fost oħrajn. Din id-darba ma nistgħux nonqsu – uliedna, u wlied uliedna jiddependu fuqna.

## ANNESS - LISTA TA' KONTRIBUTI MILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI[1]

| Organizzazzjoni |
|---|
| ACFCI |
| Aer Lingus |
| AFEP |
| Air Products |
| Alcoa Europe |
| ALSTOM |
| Arcelor Mittal |
| Arkema |
| Association of European Airlines |
| ATILH |
| Aughinish Alumina |
| Austrian Perm Rep - WKO |
| Australian Embassy and Mission |
| Australian Department of Foreign Affairs and Trade |
| AvA |
| Avisa |
| BASF |
| Bayer |
| BDI/BDA |
| Belgian DG Energy & Environment |
| Belgian Permanent Representation |
| Bellona Europa |
| Bloomberg |
| Blue Next |
| Bord na Mona |
| British Petroleum |
| Business Europe |
| Bundeskanzleramt Oesterreich |
| Burson-Marsteller |
| bvek |
| Caisse des Depots |
| CAN Europe |
| Carbon Markets Association |
| CE |

[1] Il-lista mhijiex dettaljata

| |
|---|
| **CEFIC** |
| **Cembureau** |
| **CEMEX** |
| **centrica** |
| **Center for Clean Air Policy** |
| **CEPI** |
| **CEPS** |
| **CES ETUC** |
| **CGEMP - Paris University** |
| **Climate Change Capital** |
| **Clogrennane Lime Ltd** |
| **COGEN Europe** |
| **Coillte** |
| **Committee for European Integration - Poland** |
| **ConocoPhillips** |
| **Covington & Burling** |
| **CPA** |
| **Creatieve Energie** |
| **Cumerio / NA** |
| **Danish Permanent Representation** |
| **Deutsche Bank** |
| **DEFRA** |
| **DOW** |
| **E3G** |
| **EACI** |
| **EAMA Energy** |
| **Ecologic** |
| **Eco Securities** |
| **EEB** |
| **EESC** |
| **EFIEES** |
| **Electrabel Suez** |
| **Embassy of Norway to the EU** |
| **Emirates** |
| **Environmental Defense** |
| **EON** |
| **EPF** |
| **Euroheat and Power** |
| **European Commission - DG Enterprise & Industry** |
| **European Commission - DG Environment** |

| |
|---|
| **European Environment Agency** |
| **European Regions Airline Association** |
| **EuLA** |
| **Eurelectric** |
| **Euro Alliages** |
| **EUROFER** |
| **Eurogypsum** |
| **Eurometaux** |
| **European Climate Foundation** |
| **European Confederation of Woodworking industries** |
| **European Investment Bank** |
| **Europia** |
| **Eustafor** |
| **EXCA** |
| **Finnish Perm Rep** |
| **Fleishman Hillard** |
| **Fortum** |
| **French Ministry of Ecology, Sustainable Development and Town and Country Planning** |
| **French Permanent Representation to the EU** |
| **GCP** |
| **GE** |
| **German Foreign Office** |
| **German Ministry for the Environment, Nature conservation & Nuclear safety** |
| **German Perm Rep** |
| **Grian** |
| **Harvard University** |
| **Hill & Knowlton** |
| **Hogan & Hartson Raue** |
| **Hydro** |
| **IACA** |
| **IATA** |
| **Icelandic Mission to the EU** |
| **ICOS** |
| **IDDRI** |
| **IEA** |
| **IETA** |
| **IFIEC Europe** |
| **IMA Europe** |
| **Icelandic Ministry for the Environment** |

| |
|---|
| **Institute for European Environmental Policy** |
| **Irish Dairy Industries Association** |
| **Irish Min. Agriculture, Food & Rural Development** |
| **Permanent Representation of Ireland to the EU** |
| **Italcementi** |
| **Italian Dept. for EU affairs** |
| **Italian Min. for Environment, Land & Sea** |
| **JC - Consulting attorney / Emissions trading** |
| **JP Morgan** |
| **Kashue** |
| **Kevin Leydon & Associates** |
| **Lazio Regional Representation - EU Affairs** |
| **Ludwig-Maximilian Universitaet Muenchen** |
| **McKinsey & Company** |
| **NERA** |
| **OCIMF** |
| **Öko-Institut** |
| **Oxfam** |
| **Permanent Mission of the Kingdom of the Netherlands to the EU** |
| **Premier Periclase** |
| **Probiotec** |
| **PT Management Consultants** |
| **RHI** |
| **Rhodia** |
| **Rio Tinto** |
| **RWE** |
| **SFM (UK)** |
| **Shell** |
| **Slovenian Perm Rep** |
| **Smurfit Kappa Group** |
| **Sol Group** |
| **Solomon Associates** |
| **Svensk Energi** |
| **Swedish Energy Agency** |
| **Swedish Ministry of Environment** |
| **Suez** |
| **The Brattle Group** |
| **The Ecofin Research Foundation** |
| **Thyssen Krupp** |
| **Transatlantic Policy Network** |

| |
|---|
| **University College Dublin** |
| **University of Cambridge - Electricity Policy Research Group** |
| **Universite Paris Dauphine** |
| **US House of Representatives** |
| **VIK** |
| **Vrom** |
| **Weber Shandwick** |
| **Wietersdorfer Gruppe** |
| **WKO** |
| **World Bank** |
| **World Resources Institute** |
| **WRI** |
| **WWF** |
| **Xstrata** |

15.9.2008

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra
(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))

Rapporteur:(*): Lena Ek

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

## SHORT JUSTIFICATION

Addressing climate change and the transition to a low carbon society is a key global priority. This is reflected by the fact that Parliament has established a dedicated Temporary Committee on Climate Change. Based on the conclusions of the 2007 Spring Council and previous resolutions from Parliament, the Commission presented in January 2008 a very ambitious package that will achieve reductions in EU greenhouse gas emissions of at least a 20% by 2020, increasing to 30% in case of a comprehensive international agreement. This quantum leap in Europe's policy making provides a crystal clear signal to other countries that the EU is seriously committed to fighting climate change.

The EU Emissions Trading Scheme (EU ETS), launched in 2005, is the world's largest cap-and-trade scheme, covering ten thousands of operators. It is the cornerstone of the EU's approach to climate change. It is also a major economic driver. Many companies covered by the EU ETS view it as one of the key issues in their long-term decision making, with a strong to medium impact on decisions to develop innovative technologies.[1] Financial institutions increasingly see the EU ETS as a serious, working and important market.

The first two phases of EU ETS have proven that a viable internal market in emissions allowances is capable of putting a price on carbon. However, they were not without problems. The dependence of the scheme on national allocation plans led to a plunging of the price for

[1] Review of EU Emissions Trading Scheme - Survey Highlights, McKinsey, 2005

CO2 due to over allocation by Member States, unjustifiable windfall profits for many power generators, unfair competition within the EU caused by differences in national allocations and uncertainty for market players. These problems have been addressed in a comprehensive review of the EU ETS that was undertaken against the backdrop of international negotiations for a post-Kyoto agreement. In January 2008, the Commission published a proposal for a revised EU ETS

Your draftswoman welcomes the proposed revision of the EU ETS. Firstly, by introducing a single EU-wide cap on the total number of emission allowances (including a single new entrants reserve), harmonizing the allocation method (in principal auctioning - for non-power generating sectors a gradual phase-out of free allocation) and setting key definitions (such as on combustion installation), the proposal will lead to an increased harmonisation and a better level playing field. Secondly, the scheme's predictability will be enhanced by setting a longer allocation period and steady, predictable reductions in the level of the cap. Thirdly, by expanding the scope to cover new industries (e.g. aluminium and ammonia producers) and new gases (nitrous oxide and perfluorocarbons), more opportunities will be created to find cost effective ways to reduce emissions. Finally, the proposal will reduce the administrative burden (especially on SMEs) by creating an opt-out for small installations.

However, in order to further strengthen the proposal and make the scheme even more workable and effective, several elements should be changed. The aim of most of these changes is to reduce the uncertainty and enhance the predictability of the scheme. This is vital from an environmental point of view , since uncertainty is detrimental for the planning of future investments which could lead to emission reductions - e.g. through energy efficiency or through the renewal of old capacity.

**Rewarding most efficient operators**

Energy efficiency is a cornerstone of efforts to achieve a low carbon society. Therefore, where allowances will be allocated for free, it is important not to allocate them on an historical basis (in fact supporting incumbents), but on the basis of Best Available Practices / Best Available Technologies. By allocating the allowances on the basis of the most efficient benchmark(s), the scheme will reward energy efficient companies that have invested in environmental friendly production processes. It is critical for industry to work together to establish those benchmarks as soon as possible, since where no harmonised benchmark exists, no free allocation should be made. Energy efficiency is the most cost effective and immediately available tool for reducing emissions, as well as for enhancing security of energy supply and competitiveness. A range of energy efficiency technologies already exist and can be introduced with short lead times. In the future the EU ETS could be linked to a harmonised 'white certificates'-scheme, that promotes energy savings and energy efficiency. It is important that the Commission properly considers these possibilities.

**Auction revenues**

It has been estimated that the revenues from the auctioning of allowances will amount <u>at least</u> € 33 billion per year (assuming only auctioning for the power generation sector and a relatively modest CO2 price)[1]. In the proposal these revenues will go to the budgets of

[1] "Does the EU have sufficient resources to meet its objectives on energy policy and climate change". Policy Department on Budgetary Affairs, European Parliament, 2008.

Member States, with a 'moral obligation' on them to earmark a share of them to tackle climate change in a broad sense. However, this is not strong enough and could lead for the revenues to "disappear" in the national budget. That would be a missed opportunity to use this money for emission reductions and support for the developing world, preferably at an EU level.

**Insider information and market manipulation**
In an average week, more than 10 million allowances are traded, resulting in a market worth several billion Euros. The legal nature of these allowances is however unclear. Some countries consider them to be financial instruments whose trading is supervised by the financial service authority, while other countries consider them to be normal commodities and only their derivatives are viewed as financial instruments.[1] In order to avoid market manipulation and inside trading, it is important to consider how to apply the rules for financial markets to emission allowances. By applying similar rules, price formation in the market will be based more on market relevant information and less on anti-competitive speculation, for example by hedge funds or sovereign wealth funds. Furthermore, publication of market sensitive information by the Commission and Member States should be strictly and clearly regulated, since the release of market sensitive data has potentially huge financial consequences. The same rules should apply to those regarding stock market sensitive information.

**Carbon leakage**
As long as a global framework is not in place yet, an emissions reduction regime which is too burdensome could lead to companies moving their production outside the EU. This would not only have economic and social consequences, but it would also undermine environmental goals - since these companies would no longer be subject to the same emissions controls. The Commission acknowledges this problem, but postpones the solution: By 2010 the sectors that are vulnerable to carbon leakage will be identified and by 2011 the Commission will propose possible measures to prevent it (100% free allocation of allowances and/or coverage of imports under the EU ETS). Furthermore, the list of vulnerable sectors will be reviewed every 3 years. Your draftswoman clearly prefers a global agreement, which will cover all relevant companies and sector. In the event that this goal will not be reached, global sectoral agreements (with objective, verifiable emission reduction goals) would be a 'second best' option. However, in case both options do not materialise, the EU needs to have in place a mechanism that will provide the necessary certainty and predictability needed for long term investments and the renewal of asset portfolios in these sectors. Keeping in mind that the scheme will start operating in 2013, companies and investors need earlier and longer term certainty about how many allowances each sector will get. On the other hand, international negotiations could be unnecessarily impeded if the EU specifies now which sectors will be protected through free allowances. The best way to ensure greater certainty for market players without compromising the international negotiations is to speed up the Commission's timing and lengthen the period between reviews, whilst ensuring that no announcements are made before the expected conclusion of international negotiations in December 2009.

**SMEs and administrative burden**
It is to the benefit of SMEs to take the lead and invest in low carbon technology. However, the precise regulatory environment needs to take into account their particular situation. The

[1] Application of the Emissions Trading Directive by EU Member States, European Environment Agency, 2008.

proposal allows small combustion installations (below 25MW) to be excluded from the scheme if equivalent measures are in place. This threshold is rather low. One third of the total combustion installations that are covered by the scheme is relatively small (below 50MW), but together they account for only 2% of the overall emissions reported.[1] It seems therefore to be cost effective to raise the threshold for small installations (for example to the threshold of the IPPC) to opt-out from the scheme.

**Further harmonization**
To provide more legal certainty and to create a true level playing field in the EU, further harmonization should be envisaged. That is the case for definitions (for example for closure), but also for fees/charges and fines/penalties. For example, the maximum fines for similar infringements deviate substantially between Member States: from € 600 to € 15 million.

**International aspects**
The EU ETS should constitute the first step towards a global system for emissions trading. Therefore, it is vital to make it possible to link other trading schemes to the EU ETS and - making use of all possible Community instruments - to encourage third countries bordering the EU to join the EU ETS. For developing countries, the EU must seize the opportunities offered by the EU ETS to assist these countries in becoming carbon neutral by making the necessary investments and through knowledge transfer.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, huwa li tinkiseb stabbilizzazzjoni fil- | (2) L-għan aħħari tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, li kienet approvata f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima, huwa li tinkiseb stabbilizzazzjoni fil- |

[1] idem, p. 7.

| | |
|---|---|
| konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjeni indħil perikoluż antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda kumplessiva globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. L-aħħar rapport Valutattiv tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC 4AR, juri li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra għandhom jilħqu l-quċċata tal-limitu sal-2020. Dan jimplika żieda fl-isforzi min-naħa tal-Komunità u l-involviment malajr ta' pajjiżi żviluppati u ***l-inkoraġġiment tal-*** parteċipazzjoni ta' pajjiżi li qegħdin fi żvilupp fil-proċess tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. | konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra fl-atmosfera fuq livell li jipprevjeni indħil perikoluż antropoġeniku fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, iż-żieda kumplessiva globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ ma għandhiex taqbeż il-livelli preindustrijali b'aktar minn 2°C. L-aħħar rapport Valutattiv tal-Bord Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC 4AR, juri li, sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra għandhom jilħqu l-quċċata tal-limitu sal-2020. Dan jimplika żieda fl-isforzi min-naħa tal-Komunità u l-involviment malajr ta' pajjiżi żviluppati ***u li dan l-aħħar saru industrijalizzati*** u ***l-***parteċipazzjoni ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-proċess tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fid-dawl tas-sehem li kulma jmur qiegħed jiżdied tal-emissjonijiet ta' pajjiżi li dan l-aħħar saru industrijalizzati, huwa neċessarju li jkun stabbilit l-għan li tkun żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom, u mhux biss l-għan li jkunu inkoraġġiti li jagħmlu dan. Huwa neċessarju li jkun stabbilit l-għan li tkun żgurata l-parteċipazzjoni tagħhom, u mhux biss l-għan li jkunu inkoraġġiti li jagħmlu dan.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima, il-Parlament Ewropew fakkar il-pożizzjoni tiegħu li l-pajjiżi industrijalizzati għandhom jimpenjaw ruħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra b'mill-inqas 30% sal-2020 u b'60-80% sal-2050, meta mqabbla mal-figuri tal-1990. Minħabba l-fatt li din tantiċipa r-riżultat pożittiv tan-negozjati COP 15 li se jsiru f'Kopenhagen fl-2009, l-Unjoni Ewropea għandha tibda*** |

| | |
|---|---|
| | ***tipprepara miri iktar stretti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u wara għandha tfittex li tiżgura li, wara l-2013, l-iskema tal-Komunità tippermetti, jekk hemm bżonn, għal iżjed limiti stretti tal-emissjonijiet, bħala parti mill-kontribut tal-Unjoni għal ftehima internazzjonali ġdida.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġu enfasizzati l-ambizzjonijiet kbar tal-Parlament fir-rigward tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. L-aħjar mezz biex dawn jintlaħqu huwa permezz ta' ftehima internazzjonali, li trid tintlaħaq f'Kopenhagen sa tmiem l-2009. Din il-proposta għandha titqies bħala prova tal-impenn b'saħħtu tal-UE f'dan ir-rigward, imma wkoll bħala sinjal li l-UE qed tipprepara għal miri iżjed stretti li jridu jsiru mal-ftehima l-ġdida.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex jgħin fil-ksib ta' dawn l-għanijiet fit-tul, huwa xieraq li jkun stabbilit pjan prevedibbli skont liema l-emissjonijiet ta' stallazzjonijiet koperti bl-iskema Komunitarja għandhom jitnaqqsu. Sabiex il-Komunità tkun tista' twettaq l-impenn tagħha għal tnaqqis ta' għallinqas 20% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra taħt ***il-livelli tal-1990*** b'mod effiċjenti fl-ispiża, sal-2020 il-kwoti tal-emissjonijiet allokati fir-rigward ta' dawk l-istallazzjonijiet għandu jkun 21% taħt il-livelli tal-emissjonijiet tagħhom tal-2005. | (4) Biex jgħin fil-ksib ta' dawn l-għanijiet fit-tul, huwa xieraq li jkun stabbilit pjan prevedibbli skont liema l-emissjonijiet ta' stallazzjonijiet koperti bl-iskema Komunitarja għandhom jitnaqqsu. Sabiex il-Komunità tkun tista' twettaq l-impenn tagħha għal tnaqqis ta' għallinqas 20% tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra taħt ***il-livelli tal-1990 bħala s-sena ta' referenza ta' Kjoto rikonoxxuta internazzjonaliment***, sal-2020 il-kwoti tal-emissjonijiet allokati fir-rigward ta' dawk l-istallazzjonijiet għandu jkun 21% taħt il-livelli tal-emissjonijiet tagħhom tal-2005. |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont dan il-kalkolu, il-livell totali ta' emissjonijiet permessi se jammonta għal 4.65 biljuni ta' tunnellati billi jiġi applikat tnaqqis ta' 20% anqas mill-1990. Sa l-2020, tnaqqis ta' 2.67 biljuni ta' tunnellati għandu jinkiseb minn setturi li mhumiex inklużi fl-ETS. Il-kalkolu juri wkoll – għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni – li s-setturi koperti mill-ETS iridu jitnaqqsu bi 15% meta mqabbla mal-2005.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Siġar weqfin, kif ukoll injam u derivattivi tiegħu, jirrappreżentaw sors importanti ħafna ta' konfiska u ta' ħażna tal-karbonju. Barra minn hekk, l-injam jgħin sabiex jingħeleb l-effett serra billi jissostitwixxi l-enerġija fossili. Bħala konklużjoni ta' dan, il-foresti jirrappreżentaw riservi naturali ġenwini tal-karbonju, imma dan il-karbonju jintrema fl-atmosfera meta l-foresti jinqalgħu mill-għeruq u jinħarqu, għalhekk huwa importanti li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' protezzjoni għall-forestrija, sabiex jitnaqqas it-tisħin globali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jingħad li l-bidla fl-użu tal-art (eż. deforestazzjoni f'inħawi tropikali) hija responsabbli għal 20% tal-emissjonijiet globali tal-gass b'effett serra. L-emissjonijiet annwali tal-gass b'effett serra marbuta mad-deforestazzjoni biss jammontaw għall-6 biljun tunnellata ta' $CO_2$ ekwivalenti.*

*Fi Franza biss, il-ħażna tirrappreżenta 15.6 miljun tunnellata ta' karbonju u taqbad 10% tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra. Il-valur ta' rimpjazzament huwa stmat għal 14-il miljun tunnellata ta' karbonju. Mingħajr foresti u injam, Franza kieku temetti 108 miljun tunnellata addizzjonali ta' karbonju, fi kliem ieħor 20% iktar.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Minħabba l-potenzjal sinifikanti li għandu s-settur tal-forestrija għall-ġlieda kontra t-tisħin globali, għandhom ikunu introdotti inċentivi li jtejbu u jiżviluppaw lil dan is-settur, b'kunsiderazzjoni xierqa*** |

| | |
|---|---|
| | ***għal funzjonijiet oħra li dawn il-foresti jissoddisfaw.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport tal-IPCC tal-2007 jistqarr li 'Għall-futur imbiegħed, strateġija sostenibbli għall-immaniġġjar tal-foresti bil-għan li żżomm jew iżżid il-ħażniet tal-karbonju tal-foresti, filwaqt li tipproduċi ammont sostnut annwali ta' produzzjoni tal-injam, tal-fibra jew tal-enerġija mill-foresti, se tiġġenera l-ikbar benefiċċju sostnut ta' mitigazzjoni'. Għandha tkun ikkunsidrata wkoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 li stiednet lill-Kummissjoni sabiex tinkludi ċerti attivitajiet relatati mal-forestrija fl-ETS.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Id-Direttiva 2003/87/KE u d-Direttiva 2004/101/KE li temendaha għandhom jinġiebu konformi mal-miżuri stipulati fil-Protokoll ta' Kyoto dwar attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mal-bidla tal-użu tal-art u mal-forestrija (LULUCF).*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Protokoll ta' Kyoto jassenja miri statistiċi għall-emissjonijiet ta' gass b'effett serra għall-pajjiżi industrijalizzati elenkati fl-Anness B. Diversi artikoli jirreferu għal attivitajiet tal-LULUCF, b'mod partikolari, l-afforestazzjoni, il-forestazzjoni mill-ġdid, id-deforestazzjoni, l-immaniġġjar tal-forestrija, l-immaniġġjar tal-art agrikola, l-immaniġġjar tal-mergħat u l-veġetazzjoni mill-ġdid.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 8 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) L-iskema tal-Komunità għandha tkun marbuta b'mod sħiħ mal-mekkaniżmi bbażati fuq proġett tal-Protokoll ta' Kyoto billi l-attivitajiet LULUCF ikunu inklużi fil-kamp ta'*** |

***applikazzjoni tad-Direttivi 2003/87/KE u 2004/101/KE.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva 2004/101/KE tas-27 ta' Ottubru 2004 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha attivitajiet relatati mal-forestrija u l-agrikoltura.*

*L-industrija tal-forestrija u diversi organizzazzjonijiet ambjentali jappoġġjaw l-inklużjoni ta' attivitajiet LULUCF fl-ETS tal-UE. Huma jenfasizzaw l-impatt kruċjali ta' dawn l-attivitajiet fuq il-bidla fil-klima, filwaqt li jinnutaw li d-deforestazzjoni hija attwalment responsabbli għal 20% tal-emissjonijiet totali ta' gass b'effett serra. L-inklużjoni tal-attivitajiet LULUCF tkun ukoll mod sabiex ikun promoss l-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi mhux industrijalizzati.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 8 ċ (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8c) Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra arranġamenti għall-inklużjoni ta' attivitajiet LULUCF fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2003/87/KE u 2004/101/KE, fl-isfont tal-progress tekniku u tal-proposti mressqa waqt il-Konferenza ta' Bali. Il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mit-tmiem tal-2008.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Xi Stati Membri kkritikaw lill-Kummissjoni għaliex din naqset mill-tipprovdi ġustifikazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tagħha li teskludi attivitajiet LULUCF u jiddispjaċihom għal din id-deċiżjoni, meta wieħed iqis li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Marzu 2007 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru dwar il-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima, kienu stiednu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-inklużjoni ta' attivitajiet LULUCF fl-ETS tal-UE. L-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw se tippreżenta sors ta' finanzi konsiderevoli, li se jkun kapaċi jiżgura l-protezzjoni tal-biodiversità u r-riabilitazzjoni ta' foresti li saritilhom ħsara.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Fejn hemmm fis-seħħ miżuri ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari it-tassazzjoni, għal stallazzjonijiet żgħar li l-emissjonijiet tagħhom ma jaqbżux limitu ta' ***10000 tunnellata*** ta' CO2 fis-sena, għandu jkun hemm proċedura li tippermetti l-Istati Membri jeskludu stallazzjonijiet żgħar bħal dawn minn sistema għall-iskambu tal-kwoti tal-emissjonijiet għal kemm żmien dawk il-miżuri jdumu japplikaw . Relattivament dan il-limitu joffri r-rendiment massimu f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi għal kull tunnellata eskluża mis-sistema, għal raġunijiet ta' simplifikar amministrattiv. Bħala konsegwenza tal-bidla tal-perjodi ta' allokazzjoni ta' ħames snin, u sabiex jissaħħu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tar-reviżjoni tal-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra. | (10) Fejn hemmm fis-seħħ miżuri ekwivalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, b'mod partikolari it-tassazzjoni, għal stallazzjonijiet żgħar li l-emissjonijiet tagħhom ma jaqbżux limitu ta' ***25,000 tunnellata*** ta' CO2 fis-sena, għandu jkun hemm proċedura li tippermetti l-Istati Membri jeskludu stallazzjonijiet żgħar bħal dawn minn sistema għall-iskambu tal-kwoti tal-emissjonijiet għal kemm żmien dawk il-miżuri jdumu japplikaw, ***għalkemm stallazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu permessi li jibqgħu volontarji fl-iskema tal-Komunità***. Relattivament dan il-limitu joffri r-rendiment massimu f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż amministrattivi għal kull tunnellata eskluża mis-sistema, għal raġunijiet ta' simplifikar amministrattiv. ***Meta tiġi riveduta din id-Direttiva, għandu jiġi kkunsidrat it-tibdil f'dan il-limitu, billi titqies il-kontribuzzjoni ta' stallazzjonijiet żgħar għall-emissjonijiet totali, il-piż amministrattiv u l-esperjenza miksuba mill-introduzzjoni tal-miżuri ekwivalenti.*** Bħala konsegwenza tal-bidla tal-perjodi ta' allokazzjoni ta' ħames snin, u sabiex jissaħħu ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tar-reviżjoni tal-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li titkompla t-tiftixa għal possibilitajiet biex jonqos iżjed il-piż amministarttiv fuq l-SMEs, jiġu evitati spejjeż u burokrazija amministrattivi mhux neċessarji u tikber l-effiċjenza tas-sistema. Bħalissa, terz mill-istallazzjonijiet totali li huma koperti mill-iskema huma stallazzjonijiet żgħar li bejniethom jagħmlu biss 2% mill-emissjonijiet globali rrappurtati.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-isforz addizzjonali li trid tagħmel l-ekonomija Ewropea jirrikjedi fost l-oħrajn li l-iskema Komunitarja riveduta topera bl-ogħla livell possibbli ta’ effiċjenza ekonomika u abbażi tal-kundizzjonijiet ta' allokazzjoni kompletament armonizzati ġewwa l-Komunità. ***L-irkant għandu għalehkk ikun*** il-prinċipju ta' bażi għal allokazzjoni, għaliex huwa l-aktar wieħed faċli u meqjus b'mod ġenerali bħala s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament. Dan għandu jelimina wkoll gwadanni mhux previsti u jqiegħed lil dawk li jidħlu ġodda kif ukoll l-ekonomiji li għandhom espansjoni medja fuq l-istess livell tal-istallazzjonijiet eżistenti. | (13) L-isforz addizzjonali li trid tagħmel l-ekonomija Ewropea jirrikjedi fost l-oħrajn li l-iskema Komunitarja riveduta topera bl-ogħla livell possibbli ta’ effiċjenza ekonomika u abbażi tal-kundizzjonijiet ta' allokazzjoni kompletament armonizzati ġewwa l-Komunità. ***Għalhekk l-irkant se jkun*** il-prinċipju ta' bażi għal allokazzjoni, għaliex huwa l-aktar wieħed faċli u meqjus b'mod ġenerali bħala s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament. Dan għandu jelimina wkoll gwadanni mhux previsti u jqiegħed lil dawk li jidħlu ġodda kif ukoll l-ekonomiji li għandhom espansjoni mgħaġġla fuq l-istess livell tal-istallazzjonijiet eżistenti. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-irkantar u l-iffunzjonar sussegwenti tas-suq tal-karbonju biex jiġi żgurat li dawn iż-żewġ objettivi qed jintlaħqu. Biex jiġi żgurat approċċ komuni u konsistenti għall-irkantar fl-Unjoni, l-irkantar għandu jiġi amministrat mill-Kummissjoni jew minn awtorità kompetenti maħtura mill-Kummissjoni. Dan għandu wkoll jiżgura li d-dħul mill-irkant jista' jinġabar u użat b'mod iżjed effiċjenti u effettiv.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi mminimizzat in-nuqqas ta' ċertezza għan-negozju, jersaq iżjed lejn l-armonizzazzjoni u jżid għal massimu l-effiċjenzi, l-irkant għandu jiġi amministrat b'mod ċentrali. Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-impatt tal-irkant biex tiżgura li qed twassal il-benefiċċji mwiegħda.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Sabiex jiġi żgurat tħaddim kif suppost tas-swieq tal-karbonju u tal-elettriku, l-irkant għal kwoti għall-perjodu mill-2013 'il quddiem għandu jibda sa mill-2011 l-iktar tard u jrid ikun ibbażat fuq prinċipji ċari u oġġettivi definiti sew minn qabel.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li s-suq tal-karbonju jaħdem fil-ħin u b'mod effettiv u b'biżżejjed flus sabiex jiġi appoġġjat it-tħaddim effiċjenti tas-suq tal-elettriku. Ladarba dan is-suq huwa mimli b'kuntratti mogħtija minn qabel, l-irkant attwali għandu jibda jsir sew minn qabel il-perjodu. Barra minn hekk, il-prinċipji tal-irkant u d-dispożizzjonijiet dettaljati tad-disinn għandhom jiġu ppubbliċizzati sew minn qabel sabiex il-kumpaniji jkollhom ċans jottimizzaw l-istrateġiji għat-talba.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 18 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Il-Kummissjoni għandha tkompli tinvestiga forom oħra biex tħeġġeġ l-iżjed prattiki f'sens ta' emissjonijiet u ta' enerġija effiċjenti f'setturi koperti mill-iskema tal-Komunità, kif ukoll f'setturi oħra. B'mod partikolari, għandha tinvestiga sa Settembru 2009 l-potenzjal biex tiġi żviluppata sistema mal-UE kollha ta' ċertifikati bojod, li jippremjaw investimenti li jkunu saru għall-effiċjenza tal-enerġija.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/32/KE dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari u s-servizzi tal-enerġija l-Kummissjoni hija meħtieġa li teżamina jekk għandhiex tressaq proposta dwar*

*ċertifikati bojod ibbażata fuq l-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva. Iżda m'hemm iffissata l-ebda data għall-konklużjoni ta' dan l-eżami importanti. Il-Proġett taċ-Ċertifikat Abjad Ewropew (Euro White Cert), fil-preżent qiegħed jeżamina l-potenzjal għal sistema ta' Ċertifikati Bojod li tkun mifruxa madwar l-UE kollha, u r-rabtiet potenzjali tagħha mal-ETS tal-UE.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 20 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-ebda distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni m'għandu jinħoloq bejn l-installazzjonijiet irrispettivament jekk dawn jiġux esternalizzati jew le.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Kull distorsjoni fis-suq intern maħluqa mill-allokazzjoni ta' kwoti li jirriżultaw f'qabża fil-produzzjoni minn installazzjonijiet esternalizzati għal installazzjonijiet internalizzati bil-konsegwenza ta' żieda fl-emissjonijiet ta' CO2 għandha tiġi evitata. L-iskop tal-ETS tal-UE huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tfixkil ta' metodi attwali ta' produzzjoni ta' esternalizzazzjoni b'mod enerġetiku effiċjenti jista' jkollu effetti perversi.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 29 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(29a) Sabiex tittejjeb it-trasparenza u biex jiġu evitati l-abbużi tas-suq, inkluża azzjoni spekulattiva li tkun ta' ħsara fil-kummerċ tal-kwoti u d-derivattivi tagħhom, il-Kummissjoni għandha tqis l-applikazzjoni tar-regoli tal-Komunità relatata mal-istrumenti finanzjarji għall-kummerċ tal-emissjonijiet, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni sensittiva għas-suq li tista' tinfluwenza kummerċ bħal dan. Il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja l-iżvilupp tas-suq tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***karbonju biex tiżgura li l-iskema tal-Komunità tkompli tissodisfa r-raġuni primarja tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod effettiv fl-ispiża u ekonomikament effiċjenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija ħaġa vitali li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' regoli li jirregolaw l-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-kummerċ tal-kwoti sabiex tissaħħaħ il-fiduċja kummerċjali u tiżdied it-trasparenza. Fil-kummerċ u s-suq il-manipulazzjoni mhux biss tista' tfixkel is-suq imma wkoll tnaqqas il-kredibilità u l-kunfidenza tal-investituri li jwasslu għal sinjali tal-prezz ħżiena u għal nuqqas ta' flus fis-suq. Barra minn hekk, billi l-kwoti jiġu definiti bħala strumenti finanzjarji, il-kummerċ tagħhom jaqa' taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet finanzjarji u r-regoli li jiggvernaw pereżempju l-fondi tal-investiment iridu japplikaw għalihom.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 31 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Pajjiżi terzi ġirien tal-Unjoni għandhom jkunu mħeġġa jingħaqdu mal-iskema tal-Komunità jekk dawn jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz fin-negozjati ma' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi koperti mill-politika Ewropea għall-viċinanza u għandha tagħmel kull sforz fl-għoti ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil dawn biex tmexxi 'l quddiem dan l-għan. Dan iħaffef it-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien lil dawn il-pajjiżi, li huwa mezz importanti li bih ikun hemm benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali għal kulħadd.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija ħaġa vitali li pajjiżi terzi li jmissu mal-UE jkunu inkuraġġiti li jingħaqdu mal-ETS tal-UE. Dan m'huwiex importanit biss mil-lat ambjentali u mil-lat ta' żvilupp, imma din il-ħaġa se tindirizza wkoll il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-karbonju minn kumpaniji tal-UE li jkunu qed jaqsmu għan-naħa l-oħra tal-fruntiera.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) Huwa importanti li l-iskema tiġi estiża fil-futur sabiex tinkludi sorsi sinifikanti oħra tal-gassijiet serra, speċjalment fis-settur tat-trasport, bħal ma huma l-operaturi tal-ġarr. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, tipproponi emendi xierqa, flimkien ma' evalwazzjoni tal-impatt, bil-għan li jingħaqad s-settur tal-ġarr mal-iskema tal-Komunità sal-2013 u tistabbilixxi data għall-inklużjoni tat-trasport fit-toroq.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li titkompla l-inklużjoni tat-trasport fl-UE ETS, speċjalment il-ġarr. Għalissa, jinsabu neqsin evalwazzjoni xierqa tal-impatt u data affidabbli. Madankollu, fir-reviżjoni li jmiss, il-Kummissjoni għandha testendi l-iskema.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33b) Sabiex jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet għas-suq intern, il-Kummissjoni għandha, jekk hu xieraq, toħroġ linji gwida jew tippreżenta proposti bil-għan li tiġi aktar armonizzata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bħad-definizzjonijiet, l-ispejjeż u l-penali użati.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi provduta iżjed ċertezza legali u jinħolqu l-istess kundizzjonijiet veri fl-UE, tista' tiġi prevista iżjed armonizzazzjoni per eżempju fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-ispejjeż u l-penali mdaħħla fis-seħħ mill-Istati Membri.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 34 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(34a) L-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Sabiex jiġu megħjuna l-impriżi, u b'mod partikolari l-SMEs, biex jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu 'helpdesks' nazzjonali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna mill-kumpaniji li huma koperti mill-UE ETS huma SMEs li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti u li jistgħu jkunu żvantaġġjati meta mqabbla ma' kumpaniji kbar fir-rigward tal-akkwist tal-kwoti permezz ta' rkant u kummerċ. L-inqas ħaġa li tista' ssir hija li jiġu provduti b'informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli dwar ir-rekwiżiti dettaljati. L-iktar soluzzjoni prattika biex dan isir ivarja minn Stat Membru għall-ieħor, skont il-qafas istituzzjonali speċifiku fis-seħħ, kif kien ġara bid-Direttiva REACH.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) l-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***"Din id-Direttiva tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewwa l-Komunità (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"iskema Komunitarja") sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjoni tal-gassijiet serra b'manjiera effettiva rigward spejjeż u effiċjenza ekonomika fil-waqt li tippromwovi l-innovazzjoni u żomm jew ittejjeb il-kompetittività."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ETS għandha twassal għal innovazzjonijiet baxxi fil-karbonju li jagħtu lill-kumpaniji tal-UE vantaġġ fit-tul fuq kompetituri minn barra l-UE. Fejn l-ETS iwassal għal riskju ta' rilokazzjoni tal-karbonju l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE trid tinżamm.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 2 - punt a**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "gassijiet serra" ifissru dawk il-gassijiet elenkati fl-Anness II u ***l-kostitwenti oħra forma ta' gass, kemm nuaturali kif ukoll antropoġeniċi, li jassorbu u jewġu jemettu radjazzjoni infrared***; | (c) "gassijiet serra" tfisser dawk il-gassijiet elenkati fl-Anness II u ***gassijiet li huma regolati bl-istess mod fi dan il-qafas ta' ftehimiet internazzjonali futuri***;" |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 2 - punt (b)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 punt (h)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull stallazzjoni li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1);" | (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull stallazzjoni li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra ***jew aġġornament tal-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minħabba bidla fin-natura jew fl-iffunzjonar jew żieda sinifikanti tal-kapaċità tiegħu*** sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1);" |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt u

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (u) 'Ġeneratur tal-elettriku' ifisser stallazzjoni li fl-1 ta' Jannar 2005 jew wara, kien ipproduċa elettriku għall-bejgħ lil partijiet terzi, u li huwa kopert biss taħt il-kategorija 'Produzzjoni ta' enerġija jew sħana' fl-Anness I.” | (u) 'Ġeneratur tal-elettriku' ifisser stallazzjoni li fl-1 ta' Jannar 2005 jew wara, kien ipproduċa elettriku għall-bejgħ lil partijiet terzi, ***li b'mod predominanti jiġġenera elettriku għas-sistemi ta' distribuzzjoni pubbliċi tal-elettriku,*** u li huwa kopert biss taħt il-kategorija 'Produzzjoni ta' enerġija jew sħana' fl-Anness I.” |

*Ġustifikazzjoni*

*L-espożizzjoni għall-kompetizzjoni internazzjonali ġġiegħel l-inklużjoni tal-awtoprodutturi għal allokazzjoni b'xejn. Industrija oħra minbarra l-produtturi pubbliċi tal-elettriku jridu jżommu l-possibilità li jmexxu l-faċilitajiet tal-enerġija tagħhom li diġà huma investiti. Għalhekk id-definizzjoni għandha tiġi emendata. L-awtoprodutturi, kif definiti fid-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 tikkonċerna regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku bħala "persuna naturali jew legali li tiġġenera elettriku essenzjalment għall-użu personali tagħha" m'għandhomx jiġu esklużi minn allokazzjoni b'xejn.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt u a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ua) 'stallazzjoni esternalizzata' tfisser stallazzjoni li hija proprjetà ta' parti terza u li taqdi funzjoni li tista' b'mod alternattiv tiġi provduta minn attività interna ta' produzzjoni integrata fil-proċess ta' produzzjoni tas-settur ekonomiku kkonċernat;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu 'stallazzjonijiet esternalizzati' għandu jiġi definit sabiex jiġi evitat li dawn isofru minn metodi ta' kwoti differenti u b'hekk ta' spejjeż differenti, ogħla minn dawk għall-*

*ġenerazzjoni interna fis-settur li huma jfornu.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 2 - punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt u b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ub) 'ftehima internazzjonali' tfisser ftehima bejn pajjiżi fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet globali bl-iskala meħtieġa biex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima b'mod effettiv billi tkun limitata ż-żieda tat-temperatura globali għal 2°C, ftehima li tista' tkun infurzata legalment u tista' tkun imkejla, rappurtata u verifikata; ftehim internazzjonali ta' dan it-tip għandha tinkludi massa kritika ta' produzzjoni settorjali madwar id-dinja.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 6 (1) - subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-awtorità kompetenti għandha, talanqas kull ħames snin, tirrevedi l-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tagħmel kwalunkwe emenda kif ikun xieraq." | "L-awtorità kompetenti għandha, talanqas kull ħames snin, tirrevedi l-permess tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tagħmel kwalunkwe emenda kif ikun xieraq***, fid-dawl tas-sejbiet xjentifiċi l-aktar riċenti***." |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun enfasizzat li r-reviżjoni tal-permessi tal-emissjonijiet u kull emenda proposta ser issir fid-dawl ta' dejta xjentifika ġdida.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 - paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mill-2013 'il quddiem, ***l-Istati Membri*** għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas skont l-Artikolu 10a. | 1. Mill-2013 'il quddiem, ***il-Kummissjoni jew korp kompetenti maħtur mill-Kummissjoni*** għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas skont l-Artikolu 10a. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi mminimizzat in-nuqqas ta' ċertezza għan-negozju, jersaq iżjed lejn l-armonizzazzjoni u jżid għal massimu l-effiċjenzi, l-irkant għandu jiġi amministrat b'mod ċentrali.*

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 - paragrafu 2 - parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati ***minn*** kull Stat Membru għandha tkun magħmula kif ġej: | 2. Il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati ***f'***kull Stat Membru għandha tkun magħmula kif ġej: |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li għad hemm każ għall-varjazzjonijiet fil-livell tad-drittijiet tal-irkant magħmula disponibbli għall-parteċipanti fl-Istati Membri differenti, l-irkant għandu xorta waħda jiġi amministrat b'mod ċentrali. Din il-bidla hija bżonnjuża biex dan jiġi ċċarat.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (a) ***90*** % tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem tal-emissjonijiet verifikati skont l-iskema Komunitarja fl-***2005*** tal-Istat Membru kkonċernat; | (a) ***80*** % tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem tal-emissjonijiet verifikati skont l-iskema Komunitarja fl-***2005*** tal-Istat Membru kkonċernat; |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sena 2008 hija l-ewwel sena b'dejta ETS tal-UE konsistenti li se tkun komuni għas-27 Stati Membri kollha. Barra minn hekk, mill-2008, bdiet tapplika d-definizzjoni l-ġdida ta' stallazzjoni.*

*Din hija proposta biex tintroduċi 10% addizzjonali tal-kwantità totali ta' kwoti li għandha tiġi rkantata fost l-Istati Membri bbażata fuq il-kisbiet miksuba bejn is-sena (snin) bażi tal-Protokoll ta' Kyoto u s-sena 2008 – l-ewwel sena tal-perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto. Dan l-approċċ jirrifletti b'mod xieraq il-kisbiet ta' Kyoto ta' pajjiżi individwali kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 u 2008.*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(ba) 10% tal-kwantita□ totali tal-kwoti li għandha tiġi rkantata għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'konformita□ mal-kisbiet li saru bejn is-sena bażi tal-Protokoll ta' Kyoto u l-2008 sabiex jiġu meqjusa l-isforzi li saru sad-data tal-introduzzjoni tal-iskema Komunitarja.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sena 2008 hija l-ewwel sena b'dejta ETS tal-UE konsistenti li se tkun komuni għas-27 Stati Membri kollha. Barra minn hekk, mill-2008, bdiet tapplika d-definizzjoni l-ġdida ta' stallazzjoni.*

*Din hija proposta biex tintroduċi 10% addizzjonali tal-kwantità totali ta' kwoti li għandha tiġi rkantata fost l-Istati Membri bbażata fuq il-kisbiet miksuba bejn is-sena (snin) bażi tal-Protokoll ta' Kyoto u s-sena 2008 – l-ewwel sena tal-perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta'*

*Kyoto. Dan l-approċċ jirrifletti b'mod xieraq il-kisbiet ta' Kyoto ta' pajjiżi individwali kif stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007 u 2008.*

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 - paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Talanqas 20% tad-dħul*** iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, ***għandhom jiġu użati kif*** ġej: | 3. ***Nofs id-dħul*** iġġenerat mill-irkant tal-kwoti ***msemmi*** fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, ***għandu jiġi użat f'fond apposta. Sa nofs l-ammont ta' dan il-fond, għandu jiġi użat bl-iktar mod effiċjenti u effettiv għal dan*** li ġej: |
| (a) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż *billli* jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija *Rinnovabbliovabbli**,*** ***għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-adattament, inkluż il-parteċipazzjoni f'inizjattivia fi ħdan il-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija***; | (a) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, ***mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari mill-pajjiżi l-inqas żviluppati***, inkluż *billi* jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija *Rinnovabbli*; |
| ***(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinovabbli biex sal-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għall-użu ta' 20% ta' enerġiji rinovabbli, u biex sal-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għaż-żieda tal-effiċjenza fl-enerġija b'20%.*** | |
| ***(c) għall-ġabra u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet serra, b'mod partikolari minn impjanti tal-enerġija tal-faħam.*** | |
| **(d)** għal miżuri mmirati biex jevitaw ***id-deforestazzjon***, b'mod partikolari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati**;** | (d) għal miżuri mmirati biex jevitaw ***jew imexxu lura d-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-ħamrija*** b'mod partikolari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati; |
| (e) biex jiġi faċilitat l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil | (e) biex jiġi faċilitat l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil |

| | |
|---|---|
| fil-klima; | fil-klima; |
| | ***(ea) biex tiġi żviluppata l-kapaċità istituzzjonali fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati biex jiżviluppaw u jimmaniġġjaw b'suċċess proġetti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet;*** |
| | ***Il-porzjon li baqa' tal-fond imsemmi fl-ewwel subparagarfu għandu jintuża għal dan li ġej:*** |
| | ***(i) biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-adattazzjoni għall-impatti tal-bidla fil-klima, inkluża l-parteċipazzjoni f'inizjattivi fil-kuntest tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija jew il-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej;*** |
| | ***(ii) biex tiġi faċilitata l-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima fil-Komunità;*** |
| ***(f)*** biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali fl-entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju, per eżempju biż-żieda fl-effiċjenza u l-insulazzjoni tagħhom; ***kif ukoll*** | ***(iii)*** biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali fl-entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju, per eżempju biż-żieda fl-effiċjenza u l-insulazzjoni tagħhom; |
| | ***(iv) biex jiġi miġġieled l-impatt tal-iskema Komunitarja fuq reġjuni affettwati minn sfidi ġeografiċi u demografiċi speċjali billi jiġu mgħejuna jiżviluppaw politika dwar l-enerġija sostenibbli; kif ukoll*** |
| ***(g)*** biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni tal-iskema Komunitarja. | ***(v)*** biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni tal-iskema Komunitarja. |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jirritornaw, b'konformità mar-regoli ta' għajnuna mill-istat, il-porzjon li baqa' tad-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti msemmi f'paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi f'paragrafu 2(b), għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti f'teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju , inklużi fost affarijiet oħra, l-enerġija li tiġġedded, il-qabda u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet b'effett serra u proċessi ta' produzzjoni iktar effiċjenti f'termini ta' enerġija. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li jiżguraw li*** |

| | |
|---|---|
| | ***d-dħul ritornat jintuża għal dawn l-iskopijiet biss u għandhom jistipulaw dawn il-miżuri fir-rapport speċifikat f'paragrafu 4.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Sal-31 ta' Diċembru 2010***, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament dwar l-istimi taż-żmien, l-aministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla ***biex jiżguraw li l-operaturi***, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ***ikollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jdgħajjifx l-operat tal-irkant***. *Dik* il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi *mhux essenzjali* ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata bil-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. | 5. ***Sal-31 ta' Diċembru 2009***, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament dwar l-istimi taż-żmien, l-aministrazzjoni u aspetti oħra tal-irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-parteċipanti relevanti kollha minn qabel ma jiġi ppreżentat dak ir-Regolament.*** L-irkanti għandhom ikunu mfassla ***u mwettqa skont dan li ġej:*** <br> ***(a) l-iskop tal-irkanti għandu jkun li jiġu allokati kwoti lill-operaturi u/jew lill-intermedjarji tas-suq għal prezz determinat mis-suq u mhux li jinkiseb limitu massimu tad-dħul jew li jintlaħaq prezz determinat minn qabel;*** <br> ***(b) tinżamm rata ta' likwidita□ suffiċjenti f'kull ħin fis-suq, b'mod partikulari fl-2013. Għal dan il-għan, il-proċess għandu jkun prevedibbli b'mod partikolari fir-rigward tal-istimi taż-żmien u tat-tpoġġija f'sekwenza tal-irkanti u l-volumi li għandhom isiru disponibbli;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(c) l-irkanti għandhom ikunu miftuħin għal kull min għandu kont validu fi ħdan l-iskema Komunitarja li huwa kapaċi jipprovdi assigurazzjoni finanzjarja li l-offerti se jiġu onorati;***<br>***(d) l-operaturi***, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ***għandu jkollhom aċċess ġust u ugwali u jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ;***<br>***(e) il-parteċipazzjoni m'għandhix timponi piżijiet finanzjarji mhux raġonevoli fuq l-operaturi;***<br>***(f) il-parteċipanti kollha għandu jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni fl-istess ħin; kif ukoll***<br>***(g) il-parteċipanti m'għandhomx jingħaqdu jew jaġixxu b'mod li jdgħajjef*** l-operat tal-irkant.<br>*Dik* il-miżura *msemmija fl-ewwel sottoparagrafu*, maħsuba biex temenda l-elementi *mhux essenzjali* ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu [23(3)]. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-taqsima c għandha l-għan li tikkjarifika d-definizzjoni ta' parteċipant fl-irkanti, u b'mod partikolari biex ikun żgurat li parteċipanti jipprovdu assigurazzjoni li huma kapaċi jonoraw l-offerti tagħhom. Jekk ma jsirx hekk, tista' tinħoloq opportunità għal imgiba spekulattiva.*

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2008, tippubblika definizzjoni ċara ta' kwoti ta' emissjonijiet, li għandha teskludi l-possibilità għas-sekuritizzazzjoni tal-emissjonijiet fis-swieq finanzjarji u, waqt l-irkantijiet, tagħti pożizzjoni privileġġata lil min jagħmel*** |

| | |
|---|---|
| | ***offerta u li se juża dawn il-kwoti ta' emissjonijiet għall-ġenerazzjoni tal-enerġija jew għall-produzzjoni ta' oġġetti industrijali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fin-nuqqas ta' regoli ċari, id-drittijiet ta' emissjonijiet se jkunu prodotti finanzjarji. Jekk l-irkantar u s-swieq sekondarji ikunu miftuħa għal kull min jagħmel offerta (inklużi l-investituri istituzzjonali, il-fondi ta' lqugħ, il-fondi tal-istat, eċċ), se jkun hemm periklu ta' ħolqien ta' prezz purament spekulattiv. Din hija r-raġuni għalfejn l-aċċess għall-proċedura tal-irkantar oriġinali, għandu jkun miftuħ biss għal min jagħmel offerta li għandu bżonn id-drittijiet tal-emissjonijiet għall-proċessi ta' produzzjoni.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **1.** ***Sat-30 ta' Ġunju 2011***, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata. | **1.** ***Sat-30 ta' Ġunju 2010***, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata. |
| Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. | Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. |
| Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu***, safejn ikun fattibbli, għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi*** għal tekniki ta' gass serra u ta' effiċjenza fl-enerġija ***u għal tnaqqis tal-emissjonijiet, billi tqis it-tekniki l-aktar effiċjenti,*** is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tal-gass serra***, u*** ma għandhiex tagħti inċentivi biex | Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ***jistabbilixxu parametri ta' referenza ex ante madwar l-UE kollha stabbiliti fil-livell tal-inqas output intensiv tas-C0$_2$ għal kull unità għall-emissjonijiet ta'*** gass b'effett serra ***u għall-effiċjenza*** tal-enerġija ***għal stallazzjonijiet f'kull settur li jirċievi kwoti mingħajr ħlas. Dawn il-paramentri ta' referenza settorjali għandhom ikunu bbażati fuq l-*** |

jiżdiedu l-emissjonijiet. Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku.

***aħjar*** tekniki ***u teknoloġiji li jkunu disponibbli fis-suq li jirrigwardaw il-gassijiet serra kif ukoll li huma*** effiċjenti fl-enerġija, ***inklużi l-potenzjal tekniku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u t-teknoloġiji disponibbli fis-suq inklużi*** s-sostituti, ***ġeneralment applikabbli***, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli, ***il-koġenerazzjoni*** u l-qbid u l-ħażna tal-gassijiet serra. ***Il-kwoti ta' mingħajr ħlas għall-istallazzjonijiet għandhom jinħarġu f'livell li ma jkunx ogħla minn dak indikat mill-parametru ta' referenza settorjali xieraq, sabiex jiġu ppremjati l-aħjar operaturi. B'mod ġenerali, il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu*** ma għandhomx jagħtu inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet ***b'mod ġenerali jew għal kull unità ta' produzzjoni. Fl-istabbiliment tal-parametri ta' referenza, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-setturi kkonċernati u l-partijiet involuti relevanti kollha.*** Ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni ta' kwoti b'xejn rigward kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ***minbarra l-elettriku prodott jew b'konnessjoni mas-sħana industrijali permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif stipulat fid-Direttiva 2004/8/KE jew minn residwi minn proċess industrijali li juża l-aħjar teknoloġiji disponibbli, sakemm dan l-elettriku huwa prodott mill-konsum tal-istess operatur; dawn kollha għandhom jirċievu allokazzjoni skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni bħal dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness 1.***

***Meta gass tal-iskart minn process ta' produzzjoni jintuża bħala fjuwil, l-allokazzjonijiet kollha għandhom jingħataw lill-operatur tal-istallazzjoni li tkun qed tiġġenera l-gass tal-iskart skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni bħal dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness 1.***

| | |
|---|---|
| Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletamenti fid-dawl ta' dak il-ftehim. | Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletamenti fid-dawl ta' dak il-ftehim. |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sa l-1 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar ir-riżultati tal-eżami li tkun għamlet ta' kemm ikun xieraq li tiġi proposta direttiva dwar iċ-ċertifikati bojod, kif imsemmi fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari tal-enerġija u s-servizzi tal-enerġija[1]. B'mod partikulari, dan ir-rapport għandu jagħti dettalji dwar il-potenzjal għal skema ta' skambju mandatarja ta' ċertifikati bojod, fuq skala Komunitarja, li tkun tipprovdi aktar inċentivi ġodda għall-operaturi li jkunu jibbenefikaw mill-kwoti ta' mingħajr ħlas sabiex jinvestu fit-tekniki u t-teknoloġiji l-aktar effiċjenti fl-enerġija, li tkun tistabbilixxi għall-parteċipanti miri jew limiti assoluti obbligatorji ta' effiċjenza enerġetika, u li tkun tipprovdi sistema ta' ċertifikati li kapaċi jiġu skambjati u li jkunu jistgħu jiġu ġġenerati mill-adozzjoni ta' tekniki u teknoloġiji li jkunu effiċjenti fl-enerġija. Jekk ir-rapport jindika li skema bħal din tkun ta' benefiċċju mil-lat ambjentali, effettiva fin-nefqa u prattikament fattibbli, u li tkun*** |

| | |
|---|---|
| | ***taqbel mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi xierqa sat-30 ta' Ġunju 2010.*** |
| | ***1 ĠU L 114, 27.4.2006, p.64.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/32/KE dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari u s-servizzi tal-enerġija l-Kummissjoni hija meħtieġa li teżamina jekk għandhiex tressaq proposta dwar ċertifikati bojod ibbażata fuq l-ewwel tliet snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva. Iżda m'hemm iffissata l-ebda data għall-konklużjoni ta' dan l-eżami importanti. Il-Proġett taċ-Ċertifikat Abjad Ewropew (Euro White Cert), appoġġjata minn Ewropa tal-Enerġija Intelliġenti (Intelligent Energy Europe), fil-preżent qiegħda teżamina l-potenzjal għal sistema ta' Ċertifikati Bojod li tkun mifruxa madwar l-UE kollha, u r-rabtiet potenzjali tagħha mal-ETS tal-UE.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Article 1 – point 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Article 10a – paragraph 1 b (new)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-installazzjonijiet, indipendentement minn jekk ikunux esternalizzati jew le, se jirċievu trattament ugwali fir-rigward tal-kwoti ta' emissjonijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ma jinħolqux inċentivi mill-proposta attwali li jwasslu għal distorsjoni fis-suq u jżidu wkoll l-emissjonijiet. Huwa essenzjali li t-test tad-Direttiva jirrifletti "l-esternalizzazzjoni" ta' attivitajiet minn bosta setturi.*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***tista'*** | 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***għandha*** |

| | |
|---|---|
| tingħata għal ġeneraturi tal-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana. F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal stallazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. | tingħata għal ġeneraturi tal-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana ***li tkun għall-bejgħ lil partijiet terzi, inklużi n-netwerks tat-tisħin distrettwali*** permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE ***fuq bażi ta' referenzi standard ex-ante mifruxa mal-Komunità ta' produzzjoni kull unità*** għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana. F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal stallazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Article 1 – point 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Article 10a – paragraph 6 – subparagraph 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Ħamsa fil-mija tal-kwantità totali tal-kwoti determinati skont l-Artikoli 9 u 9a matul il-perjodu 2013 sa 2020 għandu jitwarrab għal dawk li jidħlu ġodda, ***għaliex*** il-massimu li jista' jiġi allokat għal dawk li jidħlu ġodda skont ir-regoli adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. | 6. Ħamsa fil-mija tal-kwantità totali tal-kwoti determinati skont l-Artikoli 9 u 9a matul il-perjodu 2013 sa 2020 għandu jitwarrab għal dawk li jidħlu ġodda ***talli jipprovdu likwidità għal min jidħol ġdid u għas-sitwazzjonijiet tas-suq li joħolqu prezzijiet tal-karbonju li huma għoljin jew baxxi għal xejn b'xejn.*** Il-massimu li jista' jiġi allokat għal dawk li jidħlu ġodda skont ir-regoli adottati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riserva tagħti likwidità (allokazzjonijiet) għal dawk li jidħlu ġodda. Għas-suq kollu tal-karbonju, huwa essenzjali li jkun hemm strumenti li jippermettu reazzjonijiet għal sitwazzjonijiet straordinarji tas-suq. Inħeġġu l-użu ta' parti mir-riserva għaż-żieda tal-likwidità f'każ li l-prezz tal-karbonju jkun kritikament għoli. F'każ li l-prezzijiet tal-karbonju jkunu baxxi wisq il-likwidità għandha titnaqqas (din il-miżura għandha tiddaħħal fir-regoli tal-irkantar). Nissuġġerixxu marġini ta' prezz bejn 20 u 50 Euro. Ir-regoli li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 10 għandhom japplikaw għall-miżuri ta' likwidità.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 - subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni ta' kwoti b'xejn rigward kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku. | Ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni ta' kwoti b'xejn rigward kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, ***minbarra l-elettriku prodott jew b'konnessjoni mas-sħana industrijali permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif stipulat fid-Direttiva 2004/8/KE jew minn residwi minn proċess industrijali li juża l-aħjar teknoloġiji disponibbli, sakemm dan l-elettriku huwa prodott mill-konsum tal-istess operatur; dawn kollha għandhom jirċievu allokazzjoni skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni bħal dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness I.*** |
| | ***Madankollu, meta gass tal-iskart minn process ta' produzzjoni jintuża bħala fjuwil, l-allokazzjonijiet kollha għandhom jingħataw lill-operatur tal-istallazzjoni li tkun qed tiġġenera l-gass tal-iskart skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni bħal dawk applikati għal dik l-attività industrijali kif imsemmi fl-Anness I.*** |
| | ***Il-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2010, għandha tippubblika regoli li jkunu armonizzati għal kollox u li jkunu mifruxa mal-Komunità kollha għall-allokazzjoni tar-riżerva għal dawk li jidħlu ġodda. Dawn ir-regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni "min jidħol ġdid", inklużi ż-żidiet sinifikanti fil-kapaċità permezz ta' estensjonijiet tal-installazzjonijiet fost affarijiet oħra.*** |
| | ***Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata bi qbil mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)].*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a - paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skont il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***80%*** tal-kwantità determinata skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. | 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skont il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 tal-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***100%*** tal-kwantità determinata skont il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafi 8 u 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti sal-2020, stallazzjonijiet f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti ningħajr ħlas sa 100 filmija tal-kwantità determinata skont il-paragrafi 2 sa 7. | 8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti sal-2020, stallazzjonijiet f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti ningħajr ħlas sa 100 filmija tal-kwantità determinata skont il-paragrafi 2 sa 7. ***Mingħajr ħsara għall-paragrafi 4 u 5 u mingħajr ma tinqabeż il-kwantità totali tal-kwoti stipulati fl-Artikolu 9, il-Kummissjoni tista' talloka aktar kwoti għal dawn l-installazzjonijiet sabiex jiġi meqjus l-effett tal-ġarr tal-ispejjeż tal-kwoti fil-prezz tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***elettriku lis-settur jew lis-sottosettur kkonċernat.*** |
| 9. Sa mhux aktar tard ***mit-30 ta' Ġunju 2010*** u mbagħad kull ***3 snin*** ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. | 9. Sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Ġunju 2010*** u mbagħad kull ***4 snin*** ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta s-setturi kkonċernati u l-partijiet involuti relevanti kollha.*** |
| Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. | Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. |
| Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew sotto settur ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba fil-prezzijiet tal-prodott mingħajr telf sinifikanti għas-sehem fiq-suq tal-istallazzjonijiet ***anqas effiċjenti fil-karbonju*** barra l-Komunità, billi tqis dan li ġej: | Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm huwa possibbli għas-settur jew sotto settur ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fil-prezzijiet tal-prodott, mingħajr telf sinifikanti tas-sehem tas-suq favur installazzjonijiet ***jew investimenti għal installazzjonijiet li joperaw f'pajjiżi*** barra l-Komunità ***li ma jimponux restrizzjonijiet paragunabbli u verifikabbli fuq l-emissjonijiet***, billi tqis dan li ġej: |
| (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni; | (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni; |
| (b) safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet per eżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti; | (b) safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet per eżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti; |
| (c) l-istruttura tas-suq, is-suq tal-prodotti rilevanti u ġeografiku, l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali; | (c) l-istruttura tas-suq, is-suq tal-prodotti rilevanti u ġeografiku, l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali; |
| (d) l-effett tat-tibdil fil-klima u l-politiki dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati. | (d) l-effett tat-tibdil fil-klima u l-politiki dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati. |
| | ***(da) l-effett li l-ispejjez tal-kwoti jgħaddu fuq l-ispejjeż tal-elettriku tas-settur jew sottosettur ikkonċernat;*** |

| | |
|---|---|
| | ***(db) l-effett fuq is-sigurtà ta' forniment ta' materja prima fil-Komunità.*** |
| Għall-finijiet tal-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-istallazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. | Għall-finijiet tal-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà tal-istallazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u tal-estent safejn dawn iwasslu għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta mal-isħab soċjali rilevanti kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa***, li jistgħu jinkludu:*** | Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2010***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u tal-estent safejn dawn iwasslu għal tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta mal-isħab soċjali rilevanti kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa***.*** |
| ***- l-aġġustament tal-proporzjon tal-kwoti riċevuti mingħajr ħlas minn dawk is-setturi jew sotto setturi taħt l-Artikolu 10a;*** | |
| ***- l-inklużjoni fl-iskema Komunitarja ta' importaturi ta' prodotti minn setturi jew sotto setturi determinati skont l-Artikolu 10a.*** | |
| Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati għandu jitqies ukoll kull ftehim settorjali vinkolanti li jwassal għal tnaqqis | Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati għandu jitqies ukoll kull ftehim settorjali vinkolanti li jwassal għal tnaqqis |

| | |
|---|---|
| tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jista' jiġi monitorjat, huwa verifikabbli u suġġett għal arranġamenti ta' infurzar. | tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jista' jiġi monitorjat, huwa verifikabbli u suġġett għal arranġamenti ta' infurzar. |
| | ***Fin-nuqqas ta' ftehima internazzjonali u ta' ftehimiet settorjali li jorbtu, kif speċifikat hawn fuq, il-Kummissjoni għandha speċifikament teżamina, fir-rapport imsemmi hawn fuq, il-fattibilità li jiġi aġġustat il-porzjon ta' kwoti li jkunu waslu mingħajr ħlas għand dawk is-setturi jew is-sottosetturi taħt l-Artikolu 10a, inklużi importaturi ta' prodotti manifatturati mis-setturi jew is-sottosetturi determinati skont l-Artikolu 10a fl-iskema tal-Komunitá jew l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Fruntieri.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-użu tas-CERs u l-ERUs minn attivitajiet ta' proġetti fl-iskema ***Komunitarja qabel id-dħul fis-seħħ ta' ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima*** | L-użu ta' CERs u ERUs minn attivitajiet ta' proġetti fl-iskema ***tal-Komunità*** |
| 1. Sakemm ikun daħal fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, u qabel l-avvanz tal-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. | 1. Sakemm ikun daħal fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima, u qabel l-avvanz tal-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. |
| 2. ***Skond u sal-livelli ta' użu tas-CER/ERU permessi lilhom minn Stati Membri għall-perjodu 2008 sa 2012 li ma nkunux ntużaw, l-operaturi*** jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti biex dawn joħorġulhom kwoti li jkunu validi mill-2013 'l quddiem bi skambju għal CERs u | 2. ***L-operaturi*** jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti biex dawn joħorġulhom kwoti li jkunu validi mill-2013 'l quddiem bi skambju għal CERs u ERUs maħruġa fir-rigward ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sal-2012 minn tipi ta' proġetti li ġew aċċettati ***mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li*** |

ERUs maħruġa fir-rigward ta' tnaqqis ta' emissjonijiet sal-2012 minn tipi ta' proġetti li ġew aċċettati ***mill-Istati Membri kollha*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012. Sal-31 ta' Diċembru 2014, għandha ssir skambju bħal dan mat-talba għalih mill-awtorità kompetenti.

***jirrappreżentaw maġġoranza kkwalifikata kif definita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012. Sal-31 ta' Diċembru 2014, għandha ssir skambju bħal dan mat-talba għalih mill-awtorità kompetenti.

3. ***Safejn ma jkunux ntużaw il-livelli tal-użu tas-CER/ERU permessi lil operaturi minn Stati Membri għall-perjodu 2008 sa 2012, l-awtoritajiet*** kompetenti għandhom iħallu l-operaturi jiskambjaw is-CERs minn proġetti li ġew stabbiliti qabel l-2013 maħruġin fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem għal kwoti validi mill-2013 'l quddiem.

3. ***L-awtoritajiet*** kompetenti għandhom iħallu l-operaturi jiskambjaw is-CERs minn proġetti li ġew stabbiliti qabel l-2013 maħruġin fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem għal kwoti validi mill-2013 'l quddiem.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal kull tip ta' proġett li jkun ġie aċċettat ***mill-Istati Membri kollha*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal kull tip ta' proġett li jkun ġie aċċettat ***mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jirrappreżentaw maġġoranza kkwalifikata kif definita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012.

4. ***Safejn ma jkunux ntużaw il-livelli tal-użu tas-CER/ERU permessi lil operaturi minn Stati Membri għall-perjodu 2008 sa 2012, l-awtoritajiet*** kompetenti għandhom iħallu l-operaturi jiskambjaw is-CERs maħruġin fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem għal kwoti minn proġetti ġodda li jkunu nbdew mill-2013 'l quddiem fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati.

4. ***L-awtoritajiet*** kompetenti għandhom iħallu l-operaturi jiskambjaw is-CERs maħruġin fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2013 'l quddiem għal kwoti minn proġetti ġodda li jkunu nbdew mill-2013 'l quddiem fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għas-CERs fir-rigward tat-tipi kollha ta' proġetti li ġew aċċettati ***mill-Istati Membri kollha*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012, sakemm dawk il-pajjiżi jkunu ratifikaw ftehim mal-Komunità jew sal-2020, skont liema data tiġi l-ewwel.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika għas-CERs fir-rigward tat-tipi kollha ta' proġetti li ġew aċċettati ***mill-biċċa il-kbira tal-Istati Membri li jirrappreżentaw maġġoranza kkwalifikata kif definita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat*** fl-iskema Komunitarja matul il-perjodu 2008 sa 2012, sakemm dawk il-pajjiżi jkunu ratifikaw ftehim mal-Komunità jew sal-2020, skont liema data tiġi l-ewwel.

5. Safejn ma jkunux intużaw il-livelli tal-użu tas-CER/ERU permessi lil operaturi minn Stati Membri għall-perjodu 2008 sa

5. Safejn ma jkunux intużaw il-livelli tal-użu tas-CER/ERU permessi lil operaturi minn Stati Membri għall-perjodu 2008 sa

| | |
|---|---|
| 2012 u fil-każ li jkun hemm dewmien għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, krediti minn proġetti jew minn attivitajiet oħra ta' tnaqqis li jispeċifikaw livelli ta' użu jistgħu jintużaw fl-iskema Komunitarja skont il-ftehimiet konklużi ma' pajjiż terzi. Bi qbil ma' ftehimiet bħal dawn, operaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw krediti minn atttivitajiet ta' proġetti f'dawk il-pajjiżi terzi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-iskema Komunitarja. | 2012 u fil-każ li jkun hemm dewmien għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, krediti minn proġetti jew minn attivitajiet oħra ta' tnaqqis li jispeċifikaw livelli ta' użu jistgħu jintużaw fl-iskema Komunitarja skont il-ftehimiet konklużi ma' pajjiż terzi. Bi qbil ma' ftehimiet bħal dawn, operaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw krediti minn atttivitajiet ta' proġetti f'dawk il-pajjiżi terzi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-iskema Komunitarja. |
| 6. Kull ftehim imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jipprovdi għall-użu tal-krediti fl-iskema Komunitarja minn minn teknoloġiji ta' enerġija rinovabbli jew ta' effiċjenza fl-enerġija li jippromwovu t-trasferiment teknoloġiku, l-iżvilupp sostenibbli. Kwalunkwe ftehim bħal dan jista' wkoll jipprovdi għall-użu ta' krediti minn proġetti fejn il-linja tal-bażi użata hija taħt il-livell ta' allokazzjoni mingħajr ħlas skont il-miżuri kif stipulat fl-Artikolu 10a jew taħt il-livelli meħtieġa bil-leġiżlazzjoni Komunitarja. | 6. Kull ftehim imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jipprovdi għall-użu tal-krediti fl-iskema Komunitarja minn minn teknoloġiji ta' enerġija rinovabbli jew ta' effiċjenza fl-enerġija li jippromwovu t-trasferiment teknoloġiku, l-iżvilupp sostenibbli. Kwalunkwe ftehim bħal dan jista' wkoll jipprovdi għall-użu ta' krediti minn proġetti fejn il-linja tal-bażi użata hija taħt il-livell ta' allokazzjoni mingħajr ħlas skont il-miżuri kif stipulat fl-Artikolu 10a jew taħt il-livelli meħtieġa bil-leġiżlazzjoni Komunitarja. |
| | ***6a. L-użu ta' krediti minn installazzjonijiet skont il-paragrafi 2, 3, 4, u 5 m'għandhomx jaqbżu kwantità ugwali għal 35% tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meħtieġa fil-perjodu bejn l-2008 u l-2020 għal installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE.*** |
| 7. Ladarba jkun intlaħaq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, is-CERs biss ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw dak il-ftehim għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja." | 7. Ladarba jkun intlaħaq ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, is-CERs biss ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw dak il-ftehim għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja." |
| | ***7a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-isforzi kollha biex tiżgura li kwalunkwe ftehima msemmija f'paragrafu 5 u l-ftehima internazzjonali msemmija f'paragrafu 7, jinkludu sistemi ta' kreditazzjoni għal afforestazzjoni sostenibbli, verifikabbli u permanenti, forestazzjoni mill-ġdid, emissjonijiet imnaqqsa mid-deforestazzjoni u proġetti u*** |

***attivitajiet sostenibbli oħra ta' forestrija, kif ukoll fost affarijiet oħra, l-evitar tat-tnawwir tal-ħamrija u t-tindif ta' ilma użat u mormi. Proġetti bħal dawn għandhom jilħqu kriterji għoljin li għandhom ikunu adottati fil-qafas stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti kif speċifikat fl-Artikolu 28a.***

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 10 a (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 12 - paragrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(10a) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:*** |
| | ***"1a. Il-Kummissjoni, sal-1 ta' Settembru 2009, għandha tressaq proposti leġiżlattivi xierqa li jkunu jiżguraw li s-suq għall-kwoti tal-emissjonijiet ikun imħares minn kummerċ illegali minn dawk ta' ġewwa u minn manipulazzjoni tas-suq. B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk, għall-għan ta' din id-Direttiva, il-kwoti għandhomx ikunu meqjusa bħala strumenti finanzjarji fl-ambitu tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar il-kummerċ illegali minn dawk ta' ġewwa u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)[1]."*** |
| | ***1 ĠU L 96 12.4.2003, p. 16.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura legali tal-kwoti fuq is-suq finanzjarju m'hijiex ċara. Xi pajjiżi jqisuhom bħala strumenti finanzjarji li l-kummerċ tagħhom huwa ssorveljat mill-awtorità tas-servizz finanzjarju, filwaqt li pajjiżi oħra jqisuhom bħala ħtiġijiet normali kummerċjabbli u huma biss id-derivattivi tagħhom li huma meqjusa bħala strumenti finanzjarji. Huwa importanti li tinħoloq iċ-ċarezza sabiex tissaħħaħ il-fiduċja kummerċjali u tiżdied it-trasparenza. Il-kummerċ illegali minn dawk ta' ġewwa u l-manipulazzjoni tas-suq jistgħu jgħawġu s-suq, inaqqsu l-kredibilità tiegħu u jagħmlu ħsara lill-fiduċja tal-investituri.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 13 a (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 15 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 15a*** |
| | ***L-iżvelar tal-informazzjoni u s-segretezza professjonali*** |
| | ***1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet kollha u r-rapporti kollha rigward il-kwantità u l-allokazzjoni ta' kwoti u rigward l-immonitorjar, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ikunu żvelati immedjatament b'mod li jkun żgurat aċċess ta' malajr għal tagħrif bħal dan fuq bażi nondiskriminatorja.*** |
| | ***2. L-obbligu tas-segretezza professjonali għandu japplika għall-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-Kummissjoni jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-korpi li lilhom il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jkunu ddelegaw ċerti kompiti. L-informazzjoni koperta bis-segretezza professjonali ma tistax tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew awtorità oħra ħlief skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi stabbiliti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija ħaġa vitali li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' regoli li jirregolaw l-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-kummerċ tal-kwoti sabiex tissaħħaħ il-fiduċja kummerċjali u tiżdied it-trasparenza. Il-pubblikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri ta' tagħrif li jkun sensittiv fir-rigward tas-suq għandu jkun regolat b'mod strett u ċar.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 14 a (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 18 - paragrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:*** |
| | ***"Il-Kummissjoni jew korp kompetenti maħtur mill-Kummissjoni għandhom jamministraw fil-livell Komunitarju l-irkantar tal-kwoti spjegat fl-Artikolu 10. Dan il-korp kompetenti għandu jikkoordina l-attivitajiet tiegħu mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri. B'mod partikulari għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru jkunu mogħtija dejta preċiża u sħiħa dwar l-allokazzjoni tal-kwoti permezz tal-irkant lill-istallazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni tagħhom."*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 20**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 25 - paragrafu 1b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1ba. Il-Kummissjoni, fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u tal-proċess ta' tkabbir, għandha timmira li tikkonkludi ftehimiet mal-pajjiżi kkonċernati biex tinkludihom fl-iskema Komunitarja jew biex tipprovdi għall-għarfien reċiproku tal-kwoti."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Hija ħaġa vitali li pajjiżi terzi li jmissu mal-UE jkunu inkuraġġiti li jingħaqdu mal-ETS tal-*

*UE. Dan m'huwiex importanit biss mil-lat ambjentali u mil-lat ta' żvilupp, imma din il-ħaġa se tindirizza wkoll il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-karbonju minn kumpaniji tal-UE li jkunu qed jaqsmu għan-naħa l-oħra tal-fruntiera.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Article 27 - title and paragraph 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Esklużjoni ta' stallazzjonijiet żgħar tal-***kombustjoni*** suġġetta għal miżuri ekwivalenti | Esklużjoni ta' stallazzjonijiet żgħar suġġetta għal miżuri ekwivalenti |
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, stallazzjonijiet ***tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika kkalkolata taħt il-25MW***, ***emissjonijiet*** irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***10 000 tunnellata*** ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, eskluż emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jistgħu, ***fuq talba tal-operatur,*** jeskludu, mill-iskema Komunitarja, stallazzjonijiet ***b'emissjonijiet*** irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***25,000 tunnellata*** ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, eskluż emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti***, li, fil-każ tal-installazzjonijiet tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika kkalkolata taħt il-35MW*** u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis tal-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: |
| (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-stallazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li qegħdin fis-seħħ, | (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn l-stallazzjonijiet, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li qegħdin fis-seħħ, |
| (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***10 000 tunnellata*** ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; | (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***25,000 tunnellata*** ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; |
| (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe stallazzjoni tkun sors ta' ***10 000*** ta' | (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe stallazzjoni tkun sors ta' ***25,000 tunnellata*** |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; | ta' emissjonijiet jew aktar tal-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; |
| (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. | (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, li jwassal, sal-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw ***il-paragrafi 2, 3 u 4***. | 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, li jwassal, sal-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw ***il-paragrafi 2 sa 4b***. |
| 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skont l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skont l-Artikoli 9 u 9a. | 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skont l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali, ***konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007,*** immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skont l-Artikoli 9 u 9a. |
| 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra approvati skont il- | 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra approvati ***ta'*** |

paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-ftehim internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skont il-paragrafu 2.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jipprovdu għall-użu ta' tipi ta' proġetti addizzjonali minn operaturi fl-iskema Komunitarja għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 11a jew l-użu minn operaturi bħal dawn jew mekkaniżmi oħra maħluqa skont il-ftehim internazzjonali, kif jixraq.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].

***kwalità għolja skont*** il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-ftehim internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skont il-paragrafu 2.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li jipprovdu għall-użu ***u għall-kwalità*** ta' tipi ta' proġetti addizzjonali minn operaturi fl-iskema Komunitarja għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 11a jew l-użu minn operaturi bħal dawn jew mekkaniżmi oħra maħluqa skont il-ftehim internazzjonali, kif jixraq.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].

***4a. Fi żmien tmien xhur mill-konklużjoni tal-ftehima internazzjonali, il-Kummissjoni għandha twettaq u tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, evalwazzjoni tal-impatt komprensiva dwar l-effetti tal-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-UE li hija rikjest f'dik il-ftehima u l-miżuri meħuda biex jintlaħaq dak it-tnaqqis, kif ukoll kwalunkwe miżura oħra adottata fil-ftehima. Din l-evalwazzjoni tal-impatt għandha b'mod partikolari tistipula l-limitu safejn il-ftehima internazzjonali hija mistennija tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju tar-rilokazzjoni tal-karbonju għal industriji esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, kif ukoll billi jkunu żgurati pożizzjonijiet komparabbli fuq industriji li joperaw barra l-Komunità.***

***4b. Jekk l-evalwazzjoni tal-impatt tindika li l-ftehima internazzjonali mhix mistennija tnaqqas ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-karbonju għall-industriji esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva xierqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din il-proposta għandha jekk ikun xieraq,***

***tinkludi l-proposti li ġejjin:***

***(a) il-modifikazzjoni tal-kwantità ta' kwoti fl-2020, b'kunsiderazzjoni għat-tnaqqis ġenerali ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra mill-Komunità taħt l-20%, tnaqqis li dwaru l-ftehima internazzjonali timpenja lill-Komunità, b'konsistenza mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007;***

***(b) l-użu ta' CERs, ERUs jew krediti oħra minn operaturi fl-iskema tal-Komunità;***

***(c) it-tnaqqis tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-karbonju inkluża, fost affarijiet oħra, kwalunkwe proposta oħra msemmija fl-Artikolu 10a, paragrafi 1,8 u 9 u l-Artikolu 10b.***

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21 a (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 28a*** |
| | ***Użu ta' approprjazzjonijiet għall-afforestazzjoni, il-forestazzjoni mill-ġdid u l-forestrija*** |
| | ***1. Minkejja l-Artikoli 11a u 28, l-Istati Membri għandhom jippermettu operaturi ta' stallazzjonijiet biex jużaw approprjazzjonijiet, minbarra l-limitu speċifikat fl-Artikolu 11a (6a), sa 5% tat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra meħtieġ għall-istallazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE minn:*** |
| | ***(a) proġetti sostenibbli, verifikabbli u permanenti ta' afforestazzjoni u afforestazzjoni mill-ġdid iċċertifikati mill-Bord Eżekuttiv tas-CDM u dawk verifikati taħt il-proċedura tal-Kumitat Konġunt*** |

***għas-Sorveljanza tal-Implimentazzjoni;***

***(b) attivitajiet sostenibbli, verifikabbli u permanenti ta' forestazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li magħhom intlaħqet ftehima b'konformità mal-Artikolu 11a(5); kif ukoll***

***(c) kwalunkwe proġett sostenibbli, verifikabbli u permanenti marbut mal-foresti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li jkun konformi mal-ftehima internazzjonali msemmija fl-Artikolu 28.***

***2. Il-proġetti stabbiliti fil-paragrafi minn 1(a) sa (c) kollha għandhom jilħqu kriterji ta' livell għoli, kriterji li għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni fil-kuntest stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti.***

***Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura regolatorja bi imsemmi fl-Artikolu [23(3)].***

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21 b (ġdid)**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 30

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21b) l-Artikolu 30 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 30*** |
| | ***Konsiderazzjoni mill-ġdid u iktar żvilupp*** |
| | **[…]** |
| | ***1. Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva … u fid-dawl tal-iżviluppi fil-kuntest*** |

***internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tqis:***

***(a) […] jekk […] setturi relevanti oħra […] u […] attivitajiet oħra, inter alia s-setturi tat-trasport, it-tisħin domestiku u kummerċjali u l-agrikoltura, għandhomx ikunu inklużi taħt l-iskema Komunitarja;***

***(b) aktar armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet, tal-akkużi u tal-pieni;***

***(c) il-limitu minimu biex l-istallazzjonijiet iż-żgħar ikunu esklużi mill-iskema Komunitarja fejn ikunu jeżistu miżuri ekwivalenti;***

***(d) kull miżura li tista' tkun meħtieġa biex ikunu evitati l-abbuż tas-suq u l-ispekulazzjoni perikoluża. […]***

***2. Il-Kummissjoni għandha tressaq dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2015, akkumpanjat minn proposti kif meħtieġ.***

***3. Il-Kummissjoni għandha mill-aktar fis possibbli tippreżenta proposti leġiżlattivi biex is-settur tat-tbaħħir ikun inkorporat fl-iskema Komunitarja sal-2013.***

***4. Il-Kummissjoni għandha, sal-2013, tippreżenta proposti xierqa li jkunu jispeċifikaw data meta t-trasport bit-triq ikun inkorporat fl-iskema Komunitarja, imsejsa fuq evalwazzjoni sħiħa tal-ispejjeż, tal-benefiċċji u tal-prattiċitajiet tal-għażliet li hemm għall-inklużjoni."***

*Ġustifikazzjoni*

*L-artikolu l-oriġinali dwar il-klawsola ta' reviżjoni ħareġ mill-użu u għandu jkun hemm wieħed ġdid minn floku. Hija ħaġa importanti li l-iskema tibqa' tiġi eżaminata mill-ġdid sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tagħha, ikunu miżjuda magħha setturi oħra u jkunu ggarantiti kundizzjonijiet l-istess fl-UE.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra |
| **Referenzi** | COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ENVI |
| **Opinjoni minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>19.2.2008 |
| **Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbira fis-seduta plenarja** | 10.4.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Lena Ek<br>18.3.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.4.2008 5.6.2008 16.7.2008 10.9.2008 |
| **Data tal-adozzjoni** | 11.9.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 21<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jan Březina, Jerzy Buzek, Dragoş Florin David, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, András Gyürk, David Hammerstein, Erna Hennicot-Schoepges, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Patrick Louis, Eugenijus Maldeikis, Eluned Morgan, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Aldo Patriciello, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Britta Thomsen, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Danutė Budreikaitė, Dorette Corbey, Avril Doyle, Christian Ehler, Göran Färm, Juan Fraile Cantón, Neena Gill, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Eija-Riitta Korhola, Toine Manders, Vittorio Prodi, Esko Seppänen, Lambert van Nistelrooij |
| **Sostitut(i) skont l-Artikolu 178 (2) preżenti għall-votazzjoni finali** | Giovanna Corda, Lily Jacobs, Johannes Lebech, Linda McAvan |

17.9.2008

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra
(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))

Rapporteur: Corien Wortmann-Kool

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità b'talanqas 20% taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30% sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm dawk l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp jikkontribwixxu b'mod xieraq | (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra tal-Komunità b'talanqas 20% taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30% sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm dawk l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp jikkontribwixxu b'mod xieraq |

| | |
|---|---|
| skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom jonqsu b'talanqas 50% taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. | skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. ***Dan il-kontribut ambizzjuż mill-UE, flimkien mal-iskema tal-iskambju tal-kwoti ta' emissjonijiet, xorta waħda qiegħed jitfa' piż tqil fuq l-ekonomija Ewropea fil-kuntest internazzjonali.*** Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra għandhom jonqsu b'talanqas 50% taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet***, inklużi dawk ta' l-avjazzjoni internazzjonali u tat-trasport marittimu***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-impriżi Ewropej iridu jikkompetu fuq livell internazzjonali u, f'dan ir-rigward, l-objettivi tat-tnaqqis ta' emissjonijiet qed jitfgħu fuqhom piż relattivament tqil. Din hija sfida li trid tiġi indirizzata sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Proċess ta' Liżbona.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ladarba l-Komunità u pajjiżi terzi jkunu kkonkludew ftehim internazzjonali li imbagħad bis-saħħa tiegħu minn wara l-2012 tittieħed azzjoni globali ***adegwata***, ***għandu*** jingħata appoġġ konsiderevoli għal krediti bi tpattija għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet li jkunu saru f'dawk il-pajjiżi. Qabel ma jsir ftehim bħal dan, għaldaqstant ***għandha*** tingħata aktar ċertezza dwar it-tkomplija ta' l-użu ta' krediti barra l-Komunità. | (6) Ladarba l-Komunità u pajjiżi terzi jkunu kkonkludew ftehim internazzjonali li imbagħad bis-saħħa tiegħu minn wara l-2012 tittieħed azzjoni globali, ***irid*** jingħata appoġġ konsiderevoli għal krediti bi tpattija għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet li jkunu saru f'dawk il-pajjiżi. Qabel ma jsir ftehim bħal dan, għaldaqstant ***trid*** tingħata aktar ċertezza dwar it-tkomplija ta' l-użu ta' krediti barra l-Komunità. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-direttiva triq toħloq qafas li jorbot għal dawk kollha kkonċernati bl-iskop tal-ħruġ tal-krediti tat-tnaqqis ta' emissjonijiet.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) ***Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli tiegħu, huwa xieraq li talanqas 20% tad-dħul mill-irkant tal-kwoti*** jintużaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta enerġiji rinovabbli biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji rinovabbli ta' 20%, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20%, għall-ġbir u l-ħżin *ġeoloġika* ta' gassijiet serra, biex *issir kontribuzzjoni* għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp, u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet. Barraminhekk, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat. | (15) ***Id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jgħin sabiex jiffinanzja l-isforzi konsiderevoli li qed isiru biex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima u biex nadattaw għall-effetti inevitabbli tagħha. Pereżempju, dawn jistgħu*** jintużaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji rinnovabbli ta' 20%, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20%, għall-ġbir u l-ħżin *ġeoloġiku* ta' gassijiet *b'effett ta'* serra, biex *jingħata kontribut* għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp, u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet. Barraminhekk, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. ***L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu, skont il-ħtiġijiet tagħhom, għal liema miżuri individwali jallokaw id-dħul tagħhom.*** Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika |

dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat.

*Ġustifikazzjoni*

*Billi l-politika mabjentali hija rregolata mill-prinċipju tal-kompetenza maqsuma, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-dħul miksub mill-irkantar tal-kwoti lill-miżuri individwali sabiex jiġġieldu l-bidla fil-klima.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 17 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Wieħed jista' jassumi realistikament li l-ftehima internazzjonali Kyoto II se tistipula obbligi differenti għall-pajjiżi industrijalizzati u għall-pajjiżi emerġenti ('trattament komuni iżda divrenzjat'). Dan jippreżenta lill-Kummissjoni bl-isfida li tagħti kontribut effettiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-$CO_2$. Il-ftehim jista' jwassal sabiex, fuq livell internazzjonali, tiġi aċċettata ż-żieda fl-emissjonijiet tad-$CO_2$ f'ċerti pajjiżi emerġenti. Għaldaqstant il-Komunità għandha tqis it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta. 'Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju' sseħħ mhux biss minħabba nuqqas ta' konformità mal-ftehima internazzjonali iżda fejn obbligi differenti huma imposti minnha. Ftehimiet settorjali u punti ta' riferenza jistgħu jsolvu din il-problema.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa realistiku li pajjiżi ekonomikament emerġenti jistgħu biss jissodisfaw ftehima internazzjonali jekk jingħataw aktar spazju għall-iżvilupp industrijali. Id-differenzi li jirriżultaw fl-obbligi għat-tnaqqis tad-$CO_2$ jistabbilixxu t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bħala fatt ta' kuljum, li jippreżenta kostantement lill-UE bil-problema dwar kif se tirrispondi għar-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' produzzjoni lejn postijiet fejn l-obbligi għad-$CO_2$ huma anqas*

*rigorużi.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (18) *Allokazzjoni* tranżitorja mingħajr ħlas għal *stallazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità ***("***punti ta' riferiment***") kollha*** sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli u l-*ġabra* u l-ħażna tal-ġassijiet serra. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet u għandha tiżgura li proporzjoni dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. *Allokazzjonijiet* għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *stallazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *stallazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati. | (18) *L-allokazzjoni* tranżitorja mingħajr ħlas għal *installazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli fil-Komunità *kollha* ***u*** punti ta' riferiment ***settorjali*** sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fil-Komunità ***u fir-rigward ta' kompetituri internazzjonali***. Dawn ir-regoli ***u punti ta' riferiment*** għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet *b'effett ta'* serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli***, il-koġenerazzjoni*** u l-*qbid* u l-ħażna tal-ġassijiet *b'effett ta'* serra. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet u għandha tiżgura li proporzjoni dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. *L-allokazzjonijiet* għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *installazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *installazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq***, bl-eċċezzjoni ta' l-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart minn proċessi ta' produzzjoni industrijali għall-konsum tagħhom stess***. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li |

| | |
|---|---|
| | jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mas-setturi kkonċernati meta tiġi biex tiddefinixxi l-punti ta' riferiment.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Until a real quantifiable and verifiable international agreement is achieved the Commission has to allow for free allocation of allowances for industries at risk of carbon leakage not only through harmonised Community-wide rules but, more importantly, through sectoral benchmarks discussed with those involved.*

*Cogeneration is an energy efficient production process and should be not included.*

*Waste gases resulting from production processes have to be used immediately after their generation. To ensure their efficient recovery maximum flexibility must be allowed. Their use for electricity generation contributes to resources conservation and reduces $CO_2$ emissions. Electricity produced under these special circumstances should be excluded from auctioning.*

*Under the global economic system, European undertakings are forced to compete with undertakings from third countries subject to different framework conditions. Distortions of competition arriving from less stringent $CO_2$ requirements in third countries increase the danger of production activities being relocated. The situation at international level must therefore be taken into account in seeking to contribute effectively to climate protection.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż li ***jikseb*** l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u *entitajiet oħrajn* li *huma sorsijiet kbar* ta' gassijiet serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan ***jista'*** jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("*rilaxx tal-karbonju*"), u fl-istess waqt *jistgħu joħolqu* żvantaġġi | (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż ***u/jew ta' ftehimiet settorjali internazzjonali*** li ***għandhom jiksbu*** l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u *pajjiżi oħra* li *l-aktar li għandhom emissjonijiet* ta' gassijiet *b'effett ta'* serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan ***iwassal*** għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju |

ekonomiċi għal ċerti setturi u *sotto setturi* fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali *f'żvantaġġ ekonomiku*. Dan jista' *jiżvaluta* l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-*rilaxx* tal-karbonju, il-Komunità se talloka kwoti mingħajr ħlas ***sa 100% għal*** setturi ***jew sotto setturi li jilħqu l-kriterji rilevanti***. Id-definizzjoni ta' dawn is-setturi jew *sotto setturi* u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk is-setturi jew *sotto setturi* speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju *tar-rilaxx* tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi *proporzjoni* għoli *ta'* spejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti.

paragunabbli ("*rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju*"), u fl-istess waqt jista' joħloq żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u *sottosetturi* fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali. Dan jista' jdgħajjef l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju *tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet* tal-karbonju, il-Komunità se talloka kwoti ***100%*** mingħajr ħlas lis-setturi ***b'użu għoli ta' enerġija***. Id-definizzjoni ta' dawn is-setturi jew *sottosetturi* u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk is-setturi jew *sottosetturi* speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju *tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet* tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi *proporzjon* għoli *tal-*ispejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti.

*Ġustifikazzjoni*

*In order to contribute effectively to climate protection the Community must take effective preventive measures to prevent the relocation of production activities to third countries with less stringent $CO_2$ requirements. In particular, energy-intensive sectors or subsectors are, because of the pressure of international competition, unable to pass on increased costs by raising the price of their products. Therefore additional costs resulting from emission trading would lead to the relocation of production, with a possibly unfavourable impact on global emissions. It is therefore necessary to minimise the burden through the long-term allocation of emission quotas free of charge.*

*It is important to try not only to achieve a global international agreement but also to secure international sectoral agreements, especially with emerging economies such as China and India.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 19 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Jekk l-ebda ftehima internazzjonali dwar it-trażżin tat-tisħin dinji ma tista' tintlaħaq il-Komunità għandha tistinka sabiex tikkonkludi ftehimiet bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi oħra li għandhom emissjonijiet kbar ta' gassijiet. Indipendentement mill-eżitu tan-negozjati attwali, il-Komunità għandha tieħu t-tmexxija fit-twaqqif ta' Organizzazzjoni Ambjentali Dinjija li tinkorpora d-dispożizzjonijiet internazzjonali formali dwar l-ambjent diġà adottati, flimkien ma' mekkaniżmi ġudizzjarji effettivi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Jinħtieġ li tiġi meqjusa l-possibilità li n-negozjati attwali dwar il-perjodu ta' wara Kjoto jfallu, u jiġu meqjusa soluzzjonijiet dejjiema u effettivi.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Għalhekk mhux aktar tard minn Ġunju 2011 il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. ***F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sotto setturi ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-rilaxx tal-karbonju mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010. Għandha*** tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf | (20) Għalhekk mhux aktar tard minn Ġunju 2011 il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport ***li jevalwa s-sitwazzjoni,*** akkumpanjat minn proposti adegwati ***u relatat mal-oqsma industrijali kollha, partikolarment setturi intensivi fl-enerġija jew setturi individwali li wrew li huma stess suġġetti għar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-karbonju. Għandhom ikunu stabbiliti kriterji għall-identifikazzjoni ta' setturi u sottosetturi bħal dawn, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali u mal-partijiet interessati milquta,*** |

sinifikanti tas-sehem fis-suq lil *stallazzjonijiet* barra l-UE li ma jieħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Industriji ***intensivi fl-enerġija*** determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti *tar-rilaxx* tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell *stallazzjonijiet* mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti *ta' rilaxx* tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal *stallazzjonijiet* ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti. Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikolari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi, filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO.

***fi proposta mressqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din il-proposta għandha tqis il-possibilità li ma jintlaħaqx ftehim internazzjonali bi tnaqqis mandatorju u alternattivi possibbli għal ftehimiet internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha*** tibbaża l-analiżi tagħha fuq l-evalwazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq lil *installazzjonijiet* barra l-UE li ma jiħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Industriji determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti *tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet* tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell *installazzjonijiet* mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti *tar-rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet* tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal *installazzjonijiet* ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-effetti fuq il-kompetittività u l-impjiegi potenzjali għal produtturi bbażati fl-UE li jużaw prodotti bħal dawn bħala inputs fil-proċess ta' produzzjoni tagħhom.*** Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikolari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi, filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO.

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport li jevalwa s-sitwazzjoni u s-soluzzjonijiet proposti, fejn ikun hemm periklu*

*sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, iridu japplikaw għas-setturi kollha b'enfasi partikulari fuq dawk li jikkunsmaw ammonti kbar ta' enerġija, minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni legali tat-terminu 'intensiv fl-enerġija'.*

*Il-kriterji għall-identifikazzjoni u l-ikklassifikazzjoni tas-setturi milquta mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jridu jitfasslu ħafna qabel dak li qed tipproponi l-Kummissjoni sabiex l-industriji milquta jingħataw element ta' prevedibbiltà; iridu jitqiesu l-effetti diretti u indiretti tal-produtturi bbażati fl-UE.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 20 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) L-allokazzjoni ta' kwoti 100% mingħajr ħlas tagħmel mod li l-inklużjoni tal-importazzjonijiet fl-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ma tibqax meħtieġa. Dan jiggarantixxi l-konformità mal-impenji adottati fil-kuntest tad-WTO u għandu jfisser ukoll li pajjiżi terzi ma jintroduċux dawn il-miżuri ta' protezzjoni. Fl-istess waqt, għandha tgħin sabiex tittejjeb il-klima ta' negozjati u biex jiġu aċċettati aktar il-mekkaniżmi effettivi tal-UE għat-tnaqqis tad-$CO_2$.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-WTO tirrikjedi li l-Komunità tiggarantixxi aċċess mhux diskriminatorju għas-swieq tagħha. L-allokazzjoni ta' kwoti 100% mingħajr ħlas għas-setturi intensivi fl-enerġija tagħmel mod li l-inklużjoni diskriminatorja tal-importazzjonijiet ma tibqax meħtieġa filwaqt li fl-istess ħin tipprevjeni kwalunkwe periklu ta' miżuri protezzjonistiċi possibbli min-naħa tal-Istati Membri. L-għan li tiġi stabbilita l-aktar sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet komprensiva possibbli jista' biss jintlaħaq jekk l-isħab fin-negozjati jkunu sodisfatti u konvinti li l-Komunità m'għandha l-ebda motivi protezzjonistiċi sabiex jintroduċu din is-sistema.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni ġewwa l-Komunità, għandu jiġi armonizzzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto ma' l-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet *Ċertifikat* u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) mill-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u *l-proġetti* ta' l-Implimentazzjoni Konġunta rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. ***Ladarba jkun*** hemm ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu ***addizzjonali*** tat-Tnaqqis Ċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u ta' l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) ***minn dawk il-pajjiżi li jkunu kkonkludew tali ftehim***. ***Fl-assenza ta' tali ftehim, kundizzjonijiet li jippromwovu aktar użu tas-CERs u l-ERUs inaqqsu mill-effett ta' dan l-inċentiv u jagħmluha aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet Komunitarji dwar aktar użu ta' l-enerġija rinnovabbli.*** L-użu tas-CERs u ta' l-ERUs għandu jkun konsistenti ma' l-għan tal-Komunità li sa l-2020 20% ta' l-enerġija *jiġu ġġenerati* minn sorsi rinnovabbli, u għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm | (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni ġewwa l-Komunità, għandu jiġi armonizzzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto ma' l-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet *(CERs)* u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) mill-*proġetti tal-*Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. ***Anki jekk ma jkunx*** hemm ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu tat-Tnaqqis Ċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u ta' l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs). L-użu tas-CERs u ta' l-ERUs għandu jkun konsistenti ma' l-għan tal-Komunità li sa l-2020 20% ta' l-enerġija *tiġi ġġenerata* minn sorsi rinnovabbli, u għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jistimolaw investimenti favur it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw *fi* tnaqqis reali *u* addizzjonali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra filwaqt li *jħeġġu* l-innovazzjoni fil- |

konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jistimolaw investimenti favur it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw *f*'tnaqqis reali, addizzjonali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li *jixprunaw* l-innovazzjoni fil-kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn *pajjiżż* wieħed. Mal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanea fil-livell tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' l-iskema Komunitarja.

kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn *pajjiż* wieħed. Mal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanea fil-livell tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' l-iskema Komunitarja. ***L-ebda kreditu m'għandu jkun disponibbli, madankollu, għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta f'setturi li jkunu esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (carbon leakage).***

*Ġustifikazzjoni*

*CDM-measures are making an effective contribution to climate protection in the developing countries. The participation of less developed countries in such projects is therefore, in any case, desirable with a view to achieving global $CO_2$ objectives. Accordingly, measures should be taken to ensure the widest possible participation of the developing countries in the CDM, which should not be restricted to possible partners to an international agreement. Participation by individual countries in CDM arrangements may facilitate their accession to an international agreement on climate protection.*

*Sectors exposed to carbon leakage should not be threatened by external competitors favoured through CDM and JI credits.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Il-Pajjiżi Lanqas Żviluppati huma speċjalment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima u huma responsabbli għal livell baxx ħafna biss ta' emissjonijiet ta' | (24) Il-Pajjiżi Lanqas Żviluppati huma speċjalment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima u huma responsabbli għal livell baxx ħafna biss ta' emissjonijiet ta' |

| | |
|---|---|
| gassijiet serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati billi d-dħul iġġenerat mill-irkant jiġi użat biex jiffaċilita l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Minħabba li ftit li xejn proġetti tas-CDM ġew stabbiliti f'dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li jkun hemm ċertezza dwar l-approvazzjoni ta' krediti minn proġetti li bdew hemmhekk wara l-2012, ukoll jekk fl-assenza ta' ftehim internazzjonali. Dan id-dritt għandu jkun japplika għall-Pajjiżi Lanqas Żviluppati sa l-2020 ***sakemm sa dak iż-żmien ikunu ratifikaw jew ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima jew ftehim bilaterali jew multilaterali ġewwa l-Komunità***. | gassijiet *b'effett ta'* serra. Għalhekk, għandha tingħata prijorità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati billi d-dħul iġġenerat mill-irkant jiġi użat biex jiffaċilita l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Minħabba li ftit li xejn proġetti tas-CDM ġew stabbiliti f'dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li jkun hemm ċertezza dwar l-approvazzjoni ta' krediti minn proġetti li bdew hemmhekk wara l-2012, ukoll jekk fl-assenza ta' ftehim internazzjonali. Dan id-dritt għandu jkun japplika għall-Pajjiżi Lanqas Żviluppati sa l-2020. |

*Ġustifikazzjoni*

*CDM-measures are making an effective contribution to climate protection in the developing countries. The participation of less developed countries in such projects is therefore, in any case, desirable with a view to achieving global $CO_2$ objectives. Accordingly, measures should be taken to ensure the widest possible participation of the developing countries in the CDM, which should not be restricted to possible partners to an international agreement. Participation by individual countries in CDM arrangements may facilitate their accession to an international agreement on climate protection.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-twaqqif u t-tħaddim ta' l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' l-Emissjonijiet (EU ETS) riveduta. L-ewwel rapport ta' din ix-xorta għandu jkun ippreżentat sena wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-proċess huwa wieħed ferm kumpless li jirrikjedi monitoraġġ u evalwazzjoni interistituzzjonali permanenti.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 2**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 - paragrafu b - punt (h)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *stallazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1);” | (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *installazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet *b'effett ta'* serra***, jew aġġornament tal-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba bidla sinifikanti fin-natura jew fl-operat, jew estensjoni sinifikanti ta' l-installazzjoni,*** sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1);” |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-proposta attwali tal-Kummissjoni, estensjonijiet tal-kapaċità m'għadhomx aktar definiti bħala "min jidħol ġdid". B'hekk tirriżulta d-differenza li ssir allokkazzjoni ta' krediti ta' GHG għal installazzjonijiet ġodda biss, u tħalli estensjonijiet ta' kapaċità għall-irkanti. Il-proposta tal-Kummissjoni toħloq żbilanċ bejn installazzjonijiet ġodda u tiġdid tal-kapaċitajiet li mhuwiex l-approċċ l-aktar effiċjenti u li jista' jkun ta' ħsara potenzjali għall-innovazzjoni fil-proċessi eżistenti.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 2**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – paragrafu c – punt u a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***[(ua)] Operazzjonijiet ta' rkupru kif definit fl-Anness IIB tad-Direttiva*** |

| | |
|---|---|
| | ***91/156/KEE tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 1991 li temenda d-Direttiva 75/442/KEE dwar l-iskart huma eżentati mid-definizzjoni ta' "installazzjoni tal-kombustjoni".*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-għanijiet tal-Pakkett ta' Klima tal-UE huwa li jkun promoss ir-riċiklaġġ. Għaldaqstant, ma jagħmilx sens li jiddaħħlu l-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ fi skema li tippenalizzah.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **3.** ***Talanqas 20% tad-***dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, ***inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, għandhom jiġu użati*** kif ġej: | **3.** ***Id-***dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2 ***għandu jiġi użat*** kif ġej: |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-gravità u l-urġenza tal-problema, id-dħul kollu mill-irkant tal-kwoti għandu jkun iddedikat għal miżuri mfassla biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, biex tiġi żviluppata l-enerġija li tiġġedded, biex tiġi miġġielda d-deforestazzjoni, biex jiġu megħjuna l-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw sabiex jadattaw għall-bidla fil-klima, u biex jiġu megħjuna dawk li jgħixu fi djar bi dħul iktar baxx sabiex itejbu l-effiċjenza li biha jużaw l-enerġija.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) ***biex jiġu koperti*** l-ispejjeż | (g) - l-ispejjeż amministrattivi, ***sa limitu ta'*** |

| | |
|---|---|
| amministrattivi ***għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja***. | ***10% tad-dħul iġġenerat***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni tipproponi li 20% biss tad-dħul mill-irkantar jitqiegħed fil-ġenb sabiex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima, li hija ċara li mhix biżżejjed, speċjalment jekk l-ispejjeż amministrattivi jiġu ionklużi f'din is-somma. Il-kopertura ta' żbilanċi baġitarji nazzjonali m'għandhiex tkun stimulu ewlieni għall-irkantar.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **4.** L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet fir-rapport ppreżentati skond id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. | **4.** L-Istati Membri ***għandhom jiddeċiedu, skont il-ħtiġijiet tagħhom, dwar l-allokazzjoni tad-dħul għal miżuri individwali u*** għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet ***u dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-użu tad-dħul*** fir-rapport ppreżentati skond id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE***, b'fokus partikulari fuq is-suq intern, fuq l-għajnuna mill-Istat u fuq kwistjonijiet ta' kompetizzjoni.*** <br><br> ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-użu tad-dħul b'fokus partikulari fuq is-suq intern, l-għajnuna Statali u l-kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-proċess huwa wieħed ferm kumpless li jirrikjedi monitoraġġ u evalwazzjoni interistituzzjonali permanenti. Huwa importanti li tiżdied it-trasparenza, li l-konformità ma' l-obbligu fl-Artikolu 10 paragrafu 3a tkun tista' tiġi evalwata, u li jiġi żgurat li, b'mod ġenerali, l-isforz ta' l-Unjoni qed jiġi mifrux b'mod effettiv. Billi l-politika ambjentali hija rregolata mill-prinċipju tal-kompetenza maqsuma, l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-dħul miksub mill-irkantar tal-kwoti lill-miżuri individwali sabiex jiġġieldu l-bidla fil-klima.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 7**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Sal***-31 ta' Diċembru ***2010***, il-Kummissjoni għandha ***tadotta Regolament dwar l-istimi taż-żmien, l-aministrazzjoni u aspetti oħra ta' l-irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa*** b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li operaturi, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, *jkollhom* aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma *jiżvalutawx* l-operat ta' l-irkant. ***Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)].*** | 5. ***Mhux aktar tard mill***-31 ta' Diċembru ***2009***, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jevalwa ż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' l-irkantar, fosthom, jekk ikun il-każ, proposta għal direttiva. Din il-proposta għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-irkanti jitmexxew*** b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li operaturi, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, *ikollhom* aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma *jdgħajjifx* l-operat ta' l-irkant ***jew l-għanijiet dwar il-bidla fil-klima li jiġġustifikaw l-adozzjoni tagħhom. Il-proposta, għalhekk, għandha tkun dettaljata biżżejjed, rigward fost l-oħrajn iż-żmien u l-frekwenza ta' l-irkanti fl-Istati Membri kollha, u tkun strutturata b'mod adegwat biex tindirizza l-effetti probabbli tal-irkanti, b'mod partikulari, rigward:***<br><br>***– manuvri spekulattivi,***<br><br>***– l-effetti transkonfinali tal-kompetizzjoni,***<br><br>***– l-effetti transsettorjali,***<br><br>***– il-kompetittività tan-negozji u l-industriji tal-UE, b'mod partikulari l-intrapriżi żgħar u medji,***<br><br>***– il-pressjoni ta' l-inflazzjoni, u***<br><br>***– l-effetti soċjoekonomiċi.***<br><br>***It-tħaddim prattiku ta' l-irkanti huwa komponent essenzjali tal-proposta*** |

| | |
|---|---|
| | ***riveduta ta' l-Iskema għall-Iskambji ta' l-Emissjonijiet (ETS) tal-UE u għalhekk għandu jkun suġġett għall-proċedura ta' kodeċiżjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li fil-komitoloġija tittratta element importanti ħafna ta' l-ETS estiża. Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq proposta għall-kodeċiżjoni.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li fil-komitoloġija tittratta element importanti ħafna ta' l-ETS estiża. Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tressaq proposta għall-kodeċiżjoni.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu***, safejn ikun fattibbli,*** għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi *tqis it-* | Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass *b'effett ta'* serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi ***jintużaw punti ta' riferiment settorjali*** |

| | |
|---|---|
| tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tal-gass serra, u ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. *Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku. | ***u*** *jitqiesu t-*tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa***, tal-koġenerazzjoni*** u tal-ġabra u l-ħażna tal-gass *b'effett ta'* serra, u ma għandhomx jagħtu inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. *M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku***, bl-eċċezzjoni tal-elettriku prodott minn gassijiet tal-iskart minn proċessi ta' produzzjoni industrijali, għall-użu proprju tal-operatur ta' dawn il-proċessi ta' produzzjoni li, f'dak il-każ, l-allokazzjoni lil dak l-operatur għandha ssir skont il-punti ta' riferenza settorjali maqbula għal dawn il-proċessi ta' produzzjoni.***<br>***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ma jgħaddux spejjeż żejda fuq il-konsumatur aħħari.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*The use of waste gases from the production process for the generation of electricity contributes to the conservation of resources and reduction of CO2 emissions. Electricity produced under these special circumstances should be excluded from auctioning, and included by the same allocation methodology as applied to respective installations of the producer of these gases. This corresponds with the main content of point 92 of the Commission Communication COM(2008)830.*

*The electricity production sector cannot be excluded from its own climate efforts by a generalised passing-on of costs.*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***tista'*** tingħata għal ġeneraturi ta' l-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva *2004/8/KE għal* | 3. Allokazzjoni mingħajr ħlas ***għandha*** tingħata għal ġeneraturi ta' l-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva *2004/8/KE għal* |

| | |
|---|---|
| domanda li tkun ekonomikament *iġġustifikata* biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana. ***F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal installazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9.*** | domanda li tkun ekonomikament *ġustifikabbli* ***fuq il-bażi ta' punti ta' riferiment uniformi tal-Komunità*** biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana. ***Dawn il-punti ta' riferiment għandhom jiġu stabbiliti u sorveljati skond proċedura armonizzata.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-produzzjoni tal-elettriku f'impjanti ta' koġenerazzjoni hija l-aktar forma effiċjenti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. Għaldaqstant għandhom jiġu ggarantiti aktar miżuri biex tiġi promossa wara l-2013. L-allokazzjoni b'xejn ta' kwoti ta' emissjonijiet jgħinu sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid. | *M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid***, bl-eċċezzjoni tal-elettriku prodott minn gassijiet tal-iskart minn proċessi ta' produzzjoni, għall-użu proprju tal-operatur ta' dawn il-proċessi ta' produzzjoni li, f'dak il-każ, l-allokazzjoni lil dak l-operatur għandu ssir skont il-punti ta' riferenza settorjali maqbula għal dawn il-proċessi ta' produzzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' gassijiet ta' skart minn proċessi ta' produzzjoni għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi u għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' $CO_2$. L-elettriku prodott f'dawn iċ-ċirkustanzi speċjali għandu jkun eskluż mill-irkantar, u inkluż bl-istess metodoloġija ta' allokazzjoni kif applikata għall-installazzjonijiet rispettivi tal-produttur ta' dawn il-gassijiet. Dan jikkorrispondi mal-kontenut ewlieni tal-punt 92 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2008)830.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***80% tal***-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. | 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***il***-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1***, filwaqt li jitqies, jekk ikun il-każ, l-eżitu tan-negozjati internazzjonali,*** u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mod kif il-Kummissjoni qed tipproponi li tindirizza l-industriji bbażati fl-UE li huma intensivi f'sens ta' enerġija u li huma vulnerabbli għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jiddependi mill-eżitu ta' negozjati internazzjonali. Il-Kummissjoni teħtieġ li tiddetermina, flimkien ma' dawn l-industriji, l-objettivi aċċettabbli għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra fuq livell internazzjonali u tal-UE li jwassal għal tnaqqis kwantifikabbli u verifikabbli fl-UE kif ukoll barra mill-UE.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa mhux aktar tard mit-30 ta' ***Ġunju*** 2010 u mbagħad kull ***3*** snin ta' wara *l*-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. | Sa mhux aktar tard mit-30 ta' ***Ġunju*** 2010 u mbagħad kull ***4*** snin ta' wara*, il*-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom ikunu deċiżi malajr kemm jista' jkun is-setturi meqjusa vulnerabbli għar-*

*"rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju" u l-azzjonijiet adegwati. Li jsir eżami mill-ġdid tas-setturi kkonċernati kull 3 snin se jwassal mingħajr bżonn li jkun hemm l-inċertezza li hija ta' detriment għall-investiment.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)].*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-proċess huwa wieħed ferm kumpless li jirrikjedi monitoraġġ u evalwazzjoni interistituzzjonali permanenti.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kull sena, fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida tas-suq, kwalunkwe settur mhux inkluż fl-Anness I għandu jkun jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tevalwa l-vulnerabilità tiegħu għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew *sotto settur* ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba fil-prezzijiet tal-prodott mingħajr telf sinifikanti ***għas-sehem fiq-suq ta' l-istallazzjonijiet anqas effiċjenti fil-karbonju barra l-Komunità,*** billi tqis dan li ġej: | Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew *sottosettur* ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba fil-prezzijiet tal-prodott mingħajr telf sinifikanti ***fil-pożizzjoni kompetittiva internazzjonali tagħha,*** billi tqis dan li ġej: |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istruttura tas-suq, is-suq *tal-prodotti rilevanti u ġeografiku*, l-esponiment tas-setturi *għal* kompetizzjoni internazzjonali; | (c) l-istruttura ***attwali u mbassra*** tas-suq, is-suq *rilevanti f'sens ġeografiku u tal-prodotti*, ***ir-rilevanza ekonomika u tal-impjieg,*** l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali***, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-effetti diretti u indiretti taż-żieda mistennija fil-prezzijiet ta' l-enerġija u ta' ċerta materja prima minħabba l-politika*** |

| | |
|---|---|
| | ***dwar il-klima;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt db (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) l-effetti soċjali kollaterali ta' l-ispejjeż li jgħaddu għand il-konsumatur aħħari.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà ***ta' l-istallazzjonijiet ikkonċernati***, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. | Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà ***tas-setturi jew sottosetturi kkonċernati***, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-proposta l-Kummissjoni tirreferi għas-setturi u s-sottosetturi li huma vulnerabbli għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, għaldaqstant jagħmel sens li tinżamm l-istess terminoloġija matul id-dokument kollu sabiex ma jkunx hemm konfużjoni.*

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u *ta' l-estent* safejn ***dawn iwasslu għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha,*** il-Kummissjoni ***se tippreżenta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju***. ***Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa, li jistgħu jinkludu::*** | Mhux aktar tard minn ***Jannar tal-2010***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u *tal-punt* safejn ***il-ftehima li tirriżulta tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Anness Ia (ġdid)***, il-Kummissjoni ***għandha tressaq proposta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar is-setturi jew is-sottosetturi li jitqiesu f'riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (carbon leakage)***. ***Dawn is-setturi jew sottosetturi għandhom ikunu identifikati b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, mal-partijiet interessati milquta u mal-Parlament Ewropew u għandu jitqies il-fatt li tista' ma tintlaħaqx ftehima internazzjonali li tinkludi tnaqqis mandatorju.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dati hemm bżonn li jinġiebu l-quddiem sabiex jingħata element ta' prevedibbiltà lill-industriji milquta mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Jeħtieġ li ftehima internazzjonali eventwali tkun kwantifikabbli u verifikabbli u twassal għal tnaqqis ekwivalenti ta' emissjonijiet, kif propost mill-Kummissjoni.*

*Il-Parlament u l-Kunsill jeħtieġ li jkunu infurmati u jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li l-identifikazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jeħtieġ li ssir b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 8**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati ***għandu jitqies ukoll kull ftehim*** settorjali vinkolanti li ***jwassal*** għal tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ | Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati ***kif ukoll liema huma s-setturi jew sottosetturi identifikati bħala li huma esposti għal riskju sinifikanti tar-*** |

| | |
|---|---|
| sabiex *jiġi indirizzat it-tibdil* fil-klima, li *jista' jiġi monitorjat, huwa* verifikabbli u *suġġett* għal arranġamenti ta' infurzar." | ***rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju skont l-Artikolu 10a(8) u (9) ta' din id-Direttiva*, *għandhom ikunu determinanti l-ftehimiet*** settorjali vinkolanti li ***jwasslu*** għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex *tiġi indirizzata l-bidla* fil-klima, li *jistgħu jiġu mmonitorjati, li huma* verifikabbli u *suġġetti* għal arranġamenti *mandatorji* ta' infurzar. |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Article 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Stallazzjoni* li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra. | *Installazzjoni* li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra ***u għandha ċċedi l-kwoti kollha li jkun għad fadlilha, jew ammont ekwivalenti, lill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir l-implimentazzjoni nazzjonali u li l-għajnuna Statali u r-regoli tal-kompetizzjoni jkunu applikati b'saħħa, b'mod partikulari biex ikunu evitati l-abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, kull tliet xhur, tippubblika l-prezz tal-prodotti ta' l-enerġija għall-konsumatur aħħari, maqsumin skond il-kumpanija, is-settur u l-Istat Membru. Il-komponent tal-ETS tal-UE tal-prezz aħħari għall-konsumatur għandu jingħata għalih waħdufil-pubblikazzjoni tal-prezzijiet tal-Kummissjoni***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kull installazzjoni li ma tibqax taħdem u li kienet rċeviet allokazzjonijiet mingħajr ħlas ma titħalliex tbigħ l-allokazzjonijiet li jkun fadlilha fuq is-suq iżda għandha tagħtihom lura lill-Istat Membru, biex b'hekk ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda abbuż tas-sistema.*

*Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-regoli tal-Għajnuna Statali u tal-kompetizzjoni jiġu*

*applikati strettament u mmoniterjati.*

*Il-partijiet kollha involuti (mill-industrija sal-konsumatur aħħari) jeħtieġu trasparenza fil-prezzijiet il-ħin kollu sabiex jiġi evitat li jkun hemm tgħawwiġ fis-suq, u għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tippubblika, fuq bażi regolari, il-prezz aħħari tal-prodotti enerġetiċi għall-konsumatur.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 11a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sakemm *ikun daħal* fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar *it-tibdil* fil-klima, u qabel *l-avvanz ta'* l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 ta' l-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. | 1. Sakemm *jidħol* fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar *il-bidla* fil-klima ***jew xi ftehima settorjali internazzjonali***, u qabel l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 ta' l-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. ***Il-Krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju għandhom, madankollu, ikunu esklużi minn applikazzjoni bħal din.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li mhux biss isir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali dinji iżda wkoll biex jintlaħqu ftehimiet settorjali internazzjonali, speċjalment ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja sabiex jinkiseb tnaqqis kwantifikabbli u verifikabbli tal-emissjonijiet.*

*Is-setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju m'għandhomx ikunu mhedda minn kompetituri esterni li jkunu vantaġġati minħabba l-krediti tas-CDM u tal-JI.*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 9**
Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 11a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Ladarba ***jkun intlaħaq ftehim*** internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima, is-CERs *biss* ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw dak il-ftehim għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja." | 7. Ladarba ***tkun intlaħqet ftehima*** internazzjonali ***jew xi ftehima settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima, is-CERs ta' pajjiżi terzi li jkunu rratifikaw dik il-ftehima *biss* għandhom jiġu aċċettati fl-iskema Komunitarja. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li mhux biss isir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali dinji iżda wkoll biex jintlaħqu ftehimiet settorjali internazzjonali, speċjalment ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja.*

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 10**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jawtorizzaw biss attivitajiet ta' proġetti fejn il-parteċipanti kollha ta' proġetti jkollhom il-kwartieri tagħhom jew f'pajjiż li kkonkluda l-ftehim internazzjonali relatat ma' proġetti bħal dawn jew f'pajjiż jew entità sotto federali jew reġjonali marbut/a ma' l-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 25. | Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jawtorizzaw biss attivitajiet ta' proġetti fejn il-parteċipanti kollha ta' proġetti jkollhom il-kwartieri tagħhom jew f'pajjiż li kkonkluda l-ftehima internazzjonali relatata ma' proġetti bħal dawn jew f'pajjiż jew entità sottofederali jew reġjonali marbut/a ma' l-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 25. ***Il-Krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentaazjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju (carbon leakage) għandhom ikunu esklużi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju m'għandhomx ikunu mhedda minn kompetituri esterni li jkunu vantaġġati minħabba l-krediti tas-CDM u tal-JI.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 12**
Direttiva 2003/87/KE
Article 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament għall-monitoraġġ u *r-rappurtar* ta' l-emissjonijiet u, fejn rilevanti, dejta dwar l-attività, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u *r-rappurtar* stabbiliti fl-Anness IV u għandu jispeċifika l-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' l-emissjonijiet għal dak il-gass. | 1. Il-Kummissjoni għandha***, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011,*** tadotta Regolament għall-monitoraġġ u *l-irrappurtar* ta' l-emissjonijiet u, fejn rilevanti, dejta dwar l-attività, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u *l-irrappurtar* stabbiliti fl-Anness IV u għandu jispeċifika l-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass *b'effett ta'* serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' l-emissjonijiet għal dak il-gass. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa meħtieġ li tiġi ffissata data sabiex is-sistema tingħata prevedibbiltà.*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 12**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-Regolament ***jista'*** jqis l-evidenza xjentifika l-aktar preċiża u aġġornata li tkun disponibbli, b'mod partikolari mill-IPCC, u ***jista'*** ukoll jispeċifika rekwiżiti biex operaturi jirrapportaw dwar emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni ta' oġġetti prodotti minn industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu jkunu suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali, u biex din l-informazzjoni tiġi verifkata indipendentement. | 2. Ir-Regolament ***għandu*** jqis l-evidenza xjentifika l-aktar preċiża u aġġornata li tkun disponibbli, b'mod partikolari mill-IPCC, u ***għandu*** wkoll jispeċifika rekwiżiti biex operaturi jirrapportaw dwar emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni ta' oġġetti prodotti minn industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu jkunu suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali, u biex din l-informazzjoni tiġi verifkata indipendentement. ***Ir-Regolament għandu*** |

| | |
|---|---|
| | ***jispeċifika wkoll ir-rekwiżiti tal-irrappurtar għall-istituzzjonijiet finanzjarji mdaħħla fl-iskambji ta' l-emissjonijiet.*** |
| Dawk ir-rekwiżiti ***jistgħu*** jinkludu *r-rappurtar* dwar livelli ta' emissjonijiet mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku koperta bl-iskema Komunitarja assoċjata mal-produzzjoni ta' tali oġġetti. | Dawk ir-rekwiżiti ***għandhom*** jinkludu *l-irrappurtar* dwar livelli ta' emissjonijiet mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku koperta bl-iskema Komunitarja assoċjata mal-produzzjoni ta' tali oġġetti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jinħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji involuti fl-irkantar ikollhom regoli ċari ta' proċedura.*

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 13**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 15 – punt b – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament għall-verifikar ta' rapporti dwar l-emissjonijiet u l-akkreditar ta' verifikaturi li *fih tispeċifikail-*kundizzjonijiet għall-akkreditar, ir-rikonoxximent reċiproku u r-revoka ta' akkreditar għal verifikaturi, u għas-superviżjoni u l-valutazzjoni bejn il-pari (inter pares) kif ikun jixraq. | Il-Kummissjoni għandha***, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010,*** tadotta Regolament għall-ivverifikar ta' rapporti dwar l-emissjonijiet u l-akkreditar ta' verifikaturi li *jispeċifika l-*kundizzjonijiet għall-akkreditar, ir-rikonoxximent reċiproku u r-revoka ta' akkreditar għal verifikaturi, u għas-superviżjoni u l-valutazzjoni bejn il-pari (inter pares) kif ikun jixraq. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li d-data tkun speċifikata sabiex tingħata l-prevedibbiltà meħtieġa mill-partijiet interessati.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 19**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Minbarra l-inklużjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu emissjonijiet ta' gassijiet serra barra l-iskema Komunitarja. | 1. Minbarra l-inklużjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra barra l-iskema Komunitarja. ***Il-Kummissjoni għandha teskludi l-krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju m'għandhomx ikunu mhedda minn kompetituri esterni li jkunu vantaġġati minħabba l-krediti tas-CDM u tal-JI.*

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 27

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, *stallazzjonijiet* tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika *kkalkolata* taħt il-***25MW***, emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***10,000*** tunnellata ekwivalenti ta' *dijossidju tal-karbonju*, *esklużemissjonijiet* mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, *installazzjonijiet* tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika *kkwotata* taħt il-***50MW***, emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***25,000*** tunnellata ekwivalenti ta' *$CO_2$*, *esklużi* ***emissjonijiet inevitabbli ta' $CO_2$ minn materja prima*** u emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: |
| (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn *l-stallazzjonijiet*, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li | (a) jinnotifika l-Kummissjoni dwar kull waħda minn dawn *l-installazzjonijiet*, filwaqt li jispeċifika l-miżuri ekwivalenti li |

| | |
|---|---|
| qegħdin fis-seħħ,<br>(b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe *stallazzjoni* tkunx is-sors ta' ***10 000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-*dijossidju tal-karbonju*, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; | qegħdin fis-seħħ,<br>(b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe *installazzjoni* tkunx is-sors ta' ***25,000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-***$CO_2$***, esklużi ***l-emissjonijiet inevitabbli tad-$CO_2$ mill-materja prima*** u l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; |
| (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe *stallazzjoni* tkun sors ta' ***10 000*** ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-*dijossidju tal-karbonju*, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; | (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe *installazzjoni* tkun sors ta' ***25,000*** *tunnellata* ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-*$CO_2$*, esklużi ***l-emissjonijiet inevitabbli tad-$CO_2$ mill-materja prima*** u l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-*installazzjoni* tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; |
| (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. | (d) jippubblika l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) (b) u (c) għall-kummenti mill-pubbliku. |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex ikunu evitati l-ispejjeż amministrattivi bla bżonn u l-burokrazija żejda u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, l-installazzjonijiet iż-żgħar għandu jkollhom il-possibilità li jagħżlu li ma jkunux imdaħħla fis-sistema (opt-out) jekk ikun hemm stabbiliti miżuri ekwivalenti. Terz mill-installazzjonijiet totali li huma koperti mill-iskema huma installazzjonijiet żgħar li bejniethom jagħmlu biss 2% mill-emissjonijiet globali rrappurtati.*

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Aġġustamenti applikabbli mal-konklużjoni ta' *ftehim* internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima | Aġġustamenti applikabbli mal-konklużjoni ta' *ftehima* internazzjonali *għall-ġejjieni* ***jew ta' ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li mhux biss isir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali dinji iżda wkoll biex jintlaħqu ftehimiet settorjali internazzjonali, speċjalment ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja sabiex jinkiseb tnaqqis kwantifikabbli u verifikabbli tal-emissjonijiet.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' *ftehim* internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima, li jwassal, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4. | 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' *ftehima* internazzjonali ***jew ta' ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima, li jwasslu, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li mhux biss isir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali dinji iżda wkoll biex jintlaħqu ftehimiet settorjali internazzjonali, speċjalment ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja sabiex jinkiseb tnaqqis kwantifikabbli u verifikabbli tal-emissjonijiet.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-*ftehim* internazzjonali ***msemmija*** fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skond l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-tnaqqis globali ta' l- | 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-*ftehima* internazzjonali ***jew ta' ftehimiet settorjali internazzjonali msemmija*** fil-paragrafu 1, il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skond l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skond l-Artikoli 9 u 9a. | ekwivalenti għat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehima internazzjonali, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skond l-Artikoli 9 u 9a. |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li mhux biss isir tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim internazzjonali dinji iżda wkoll biex jintlaħqu ftehimiet settorjali internazzjonali, speċjalment ma' ekonomiji emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja sabiex jinkiseb tnaqqis kwantifikabbli u verifikabbli tal-emissjonijiet.*

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 - punt 21**
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-*ftehim* internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skond il-paragrafu 2. | 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra***, minbarra l-krediti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) minn setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju***, approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-*ftehima* internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skond il-paragrafu 2. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju m'għandhomx ikunu mhedda minn kompetituri esterni li jkunu vantaġġati minħabba l-krediti tas-CDM u tal-JI.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Anness I – punt 2**
Direttiva 2003/87/KE
Anness I – Punt 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***2. Fil-punt 2, tiżdied is-sentenza li ġejja:*** | ***imħassar*** |
| ***Fil-kalkolu tal-kapaċità totali ta' l-istallazzjonijiet tal-kombustjoni, l-unitajiet b'kapaċità termika kkalkolata ta' inqas minn 3MW m'għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' dan il-kalkolu.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*L-objettiv tal-Artikolu 27 li jipprova jeskludi l-installazzjonijiet żgħar huwa impossibbli li jintlaħaq minħabba l-akkumulazzjoni ta' installazzjonijiet interkollegati żgħar għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet totali.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Anness I a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ANNESS IA<br>REKWIŻITI MINIMI GĦAL FTEHIMA INTERNAZZJONALI*** |
| | ***Ftehima internazzjonali li tinkludi l-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv u li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju, jew ftehima settorjali internazzjonali dwar dawn l-industriji, għandhom mill-inqas ikunu konformi mal-kriterji li ġejjin sabiex jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għal industriji bħal dawn:<br>(i) tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li jirrappreżentaw massa kritika ta' mill-inqas 85% tal-produzzjoni,<br>(ii) ikun fiha objettivi ekwivalenti ta' emissjonijiet tas- $CO_2$,<br>(iii) ikun fiha sistemi simili ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ekwivalenti imposti mill-pajjiżi parteċipanti kollha jew mill-pajjiżi b'objettivi ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mhux ekwivalenti f'setturi koperti mill-ETS tal-UE,*** |

***(iv) tiżgura li l-materjali li qed jikkompetu għandhom ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet ekwivalenti billi jitqiesu ċ-ċikli tal-ħajja,***
***(v) tipprovdi sistema ta' sorveljanza u ta' verifika internazzjonali effettiva.***

*Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mal-emenda għall-Artikolu 10b.*

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta'serra |
| **Referenzi** | COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ENVI |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | INTA<br>19.2.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Corien Wortmann-Kool<br>9.9.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni preċedenti** | Jens Holm |
| **Eżami fil-kumitat** | 27.3.2008 23.6.2008 24.6.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 9.9.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 3<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Carlos Carnero González, Daniel Caspary, Françoise Castex, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Ignasi Guardans Cambó, Jacky Hénin, Alain Lipietz, Erika Mann, Helmuth Markov, David Martin, Vural Öger, Georgios Papastamkos, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Corien Wortmann-Kool |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Pierre Audy, Albert Deß, Elisa Ferreira, Vasco Graça Moura, Eugenijus Maldeikis, Rovana Plumb, Salvador Domingo Sanz Palacio, Zbigniew Zaleski |

11.9.2008

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u twessa' s-sistema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra
(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Elisa Ferreira

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-objettiv tal-UE li jitnaqqsu bi 30% l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) sal-2020 jista' jiġi spjegat bis-sħiħ, dejjem jekk partijiet oħra żviluppati tad-dinja u pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma ekonomikament aktar avvanzati jimpenjaw lilhom innifishom biex jitnaqqsu l-emissjonijiet proporzjonati kumparabbli. L-impenn li jitnaqqsu mill-anqas 20% tal-emissjonijiet ta' GHG sal-2020, irrispettivament minn kull ftehima internazzjonali jista' jiġi spjegat ukoll.

L-UE żviluppat Sistema ta' Skambju tal-Emissjonijiet (EU ETS) bħala l-punt kruċjali tal-istrateġija biex jitnaqqsu l-gassijiet b'effett ta' serra (GHGs) b'mod li jkun effettiv f'sens ta' nfiq u effiċjenti ekonomikament. Strument ibbażat fuq is-suq huwa għodda imprezzabbli u l-ħolqien mill-Ewropa tal-akbar suq dinja tal-karbonju, kif ukoll l-attribuzzjoni ta' spiża għall-karbonju huwa sinjal b'potenzjal enormi. Madankollu, abbażi tal-esperjenza tal-passat, huwa rikonoxxut li hemm lok għal titjib fid-Direttiva tal-ETS, b'tali mod li l-proposta preżenti li temenda u testendi l-Iskema tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tkun milqugħa tajjeb.

Il-kwalità tal-proposta tal-Kummissjoni trid tiġi enfasizzata; it-triq lejn limitu massimu wiesa' tal-UE se ttejjeb il-konsistenza u l-prevedibilità tal-EU ETS filwaqt li tagħti risposta għat-tħassib serju dwar il-kompetizzjoni tas-sistema eżistenti. L-irkant huwa mod razzjonali u trasparenti li bih ikunu allokati r-responsabilitajiet. Il-proposta tal-Kummissjoni biex ikunu ċċarati l-kriterji għall-użu tal-krediti tas-CDMs u l-JIs trid tintlaqa' tajjeb ukoll.

Dwar marġini possibbli ta' titjib tal-proposta preżenti:

Huwa meqjus li l-EU ETS għandha tkun stabbilita b'tali mod li jippermettilha li tkun marbuta

mas-sistema globali ta' skambju tal-emissjonijiet fil-każ li jkun hemm ftehima internazzjonali. Madankollu, huwa importanti wkoll li l-iskema tkun tista' topera fin-nuqqas ta' ftehima internazzjonali.

Fin-nuqqas ta' ftehimiet internazzjonali li jorbtu, li jinkludu l-kompromessi kwantifikabbli settorjali, ir-riskju ta' "rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju", (i.e. ir-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' emissjonijiet tal-GHG mill-UE għal pajjiżi terzi), li jżid l-emissjonijiet globali u jipperikola l-attivitajiet ekonomiċi bbażati fl-UE huwa problema ewlenija li teħtieġ soluzzjoni xierqa.

Il-klassifikazzjoni tal-industriji fir-rigward tal-vulnerabilità tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju hija proċedura kumplessa u kritika; din għandha ssir bi trasparenza totali fl-anqas żmien possibbli sabiex tiżdied il-prevedibilità għall-industrija; għandu jitqies ukoll l-impatt dirett u indirett taż-żieda mistennija fil-prezzijiet ta' produzzjoni. Kwoti mingħajr ħlas għandhom ikunu assoċjati ma' livelli ta' riferiment ċari f'dawk iċ-ċirkostanzi kollha fejn il-ftehimiet internazzjonali ma jiggarantux il-kompetittività newtrali tal-irkant. Din il-klassifikazzjoni teħtieġ ssir f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill kif ukoll mas-setturi u s-sottosetturi kollha involuti.

Il-prinċipju wara l-irkant tal-kwoti mill-Istati Membri lil min joffri l-aktar, inkluż is-settur finanzjarju, għadu mhuwiex ċar u jeħtieġ kjarifika b'mod dettaljat; minħabba l-interess ovvju ta' din l-opportunità ġdida tas-suq għall-operaturi fis-swieq finanzjarji, l-objettiv ġenerali tat-tnaqqis tal-GHGs għandu jinżamm amment, primarjament f'dak li jirrigwarda l-aċċessibilità għal prezzijiet adegwati għall-operaturi primarji (emittenti tas-CO2) It-tħaddim prattiku tal-irkant huwa komponent essenzjali tal-proposta riveduta tal-ETS u għalhekk għandu jkun suġġett għall-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Bl-istess mod, id-dħul mistenni mill-Istati Membri mill-irkant għandu jitqies mhux bħala sors ġdid ta' dħul għal kopertura tal-iżbilanċ attwali iżda bħala opportunità strateġika ġdida li tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli, l-isforzi ta' mitigazzjoni, l-innovazzjoni u r-riċerka teknoloġika kif ukoll l-għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari l-LDCs, fil-proċess ta' adattazzjoni. Dawn il-prijoritajiet se jeħtieġu trasparenza xierqa lejn il-PE u ċ-ċittadini kif ukoll kontroll partikulari ħafna f'dak li jirrigwarda kwistjonjiet marbuta mal-kompetizzjoni u l-għajnuna statali.

Apparti dan, l-esperjenzi mill-ewwel żewġ fażijiet juru t-tendenza li l-konsumatur aħħari jitgħabba bil-piż prinċipali tal-ispejjeż ta' bosta industriji, b'mod partikulari tal-enerġija. Irkant sħiħ fis-settur tal-enerġija se jeħtieġ kontroll xieraq kif ukoll sforzi ta' tnaqqis intern reali mill-produtturi tal-enerġija. Ir-riskju stimat li l-prezzijiet tal-enerġija se jiżdiedu għall-konsumatur aħħari joħloq tħassib serju kemm għall-kontribut tagħhom għall-pressjonijiet inflazzjonarji fl-Ewropa, għall-impatti soċjali u ekonomiċi għall-entitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju, kif ukoll għall-impatt dirett tagħhom fl-ispejjeż ġenerali għall-utenti tal-enerġija f'setturi ekonomiċi.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-

Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Komunità b'talanqas 20 % taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30 % sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm *dawk l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp* jikkontribwixxu b'mod xieraq skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għandhom jonqsu b'talanqas 50 % taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. | (3) Il-Kunsill Ewropew ħa impenn sod għat-tnaqqis kumplessiv sa l-2020 ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra tal-Komunità b'talanqas 20% taħt il-livelli ta' l-1990, u bi 30 % sakemm il-pajjiżi żviluppati l-oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet paragunabbli u sakemm dawk *il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw l-aktar ekonomikament* jikkontribwixxu b'mod xieraq skond ir-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom. Sa l-2050, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għandhom jonqsu b'talanqas 50 % taħt il-livelli tagħhom ta' l-1990. Is-setturi kollha ta' l-ekonomija għandhom jikkontribwixxu għall-ksib ta' dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet, ***inklużi l-avjazzjoni internazzjonali, it-trasport marittimu u l-industriji tas-siment. L-emissjonijiet tat-trasport marittimu internazzjonali għandhom ikunu inkorporati fis-Sistema Ewropea tal-Iskambju tal-Emissjonijiet (EU ETS) sal-2015 jew inkella għandhom ikunu inklużi f'kull deċiżjoni dwar l-isforz tal-Istati Membri li jnaqqsu l-emissjonijiet b'effett ta' serra biex jirrispettaw l-impenji tal-Komunità dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ta' serra sal-2020.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) It-tkabbir tas-siġar u l-injam kif ukoll id-derivattivi tiegħu, huma sors ewlieni tal-ġabra u l-ħażna tal-karbonju. Apparti dan, l-injam jeħodha kontra l-effett ta' serra billi joħloq sostitut għall-fjuwil fossili. Il-foresti għalhekk huma riżervi naturali effettivi tal-karbonju. Madankollu, dan il-karbonju huwa rilaxxat fl-atmosfera meta l-foresti jinqatgħu jew jinħarqu. Għalhekk huwa importanti li jkunu introdotti mekkaniżmi għall-ħarsien tal-foresti sabiex titnaqqas il-bidla fil-klima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kkalkulat li l-modifikazzjoni tal-art (pereżempju d-deforestazzjoni f'ambjenti tropikali) hija responsabbli għal 20% tal-emissjonijiet dinjija tal-gassijiet b'effett ta' serra. Id-deforestazzjoni nnifisha jingħad li hija responsabbli għall-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra dinjija annwalment li jammontaw għal ekwivalenti ta' $CO_2$ 6 biljun tunnellata.*

*Għal Franza biss il-ħażna nnifisha tirrappreżenta 15.6 miljun tunnellata ta' karbonju, bi qbid ta' 10% tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Is-sostituzzjoni hija stimata għal 14-il miljun tunnellata ta' karbonju. Mingħajr foresti u injam, Franza se temetti 180 miljun tunnellata oħra ta' karbonju i.e. madwar 20% aktar.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Fir-rigward tal-potenzjal prinċipali tas-settur tal-foresti biex jitnaqqas it-tisħin globali, l-inċentivi għandhom ikunu pprovduti biex jitjieb u jiżviluppa s-settur waqt li jkunu rrispettati l-iskopijiet l-oħra kollha tal-foresti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport tal-IPCC fl-2007 jindika li, fuq medda twila ta' żmien huwa l-iżvilupp sostenibbli tal-foresti li jfittex li jmantni jew iżid il-ħażna tal-karbonju fil-foresti billi jipproduċu l-injam, il-popla tal-injam u d-dendroenerġija li se jipprovdi l-aktar benefiċċji f'termini ta' attenwazzjoni. Dan huwa wkoll l-objettiv imfittex fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2007 li jistieden lill-Kummissjoni biex jinkludi ċerti attivitajiet tal-foresti fl-ETS.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli tiegħu, huwa xieraq li talanqas ***20 %*** tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jintużaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta enerġiji rinovabbli biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji rinovabbli ta' 20 %, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20 %, *għall-ġbir u l-ħżin* ġeoloġika ta' gassijiet serra, biex issir kontribuzzjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp, u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet. *Barraminhekk*, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż | (15) Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli tiegħu, huwa xieraq li talanqas ***90 %*** tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jintużaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp ***tas-setturi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva*** għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta' enerġiji rinovabbli biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji rinovabbli ta' 20 %, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20 %, *għall-qbid u l-ħażna* ġeoloġika ta' gassijiet *b'effett ta'* serra, biex issir kontribuzzjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp, u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas *li* ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet. *Barra* |

amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat.

*minn hekk*, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat.

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Bħala konsegwenza, mill-2013 'l quddiem r-regola għandha tkun l-irkant sħiħ għas-settur ta' l-enerġija u għar-raffineriji, minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża żejda tas-$CO_2$, u għandha tingħata allokazzjoni bi ħlas biss għall-*ġabra* u l-ħażna tal-karbonju għaliex l-inċentiv għal dan joħroġ mill-fatt li ma jkunux hemm il-ħtieġa li dawn jiġu ċeduti fir-rigward ta' l-emissjonijiet maħżuna. Ġeneraturi ta' l-elettriku jistgħu jirċievu kwoti mingħajr ħlas għas-sħana prodotta permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE fil-każ li sħana bħal din minn *stallazzjonijiet* f'setturi oħra kellha tingħata allokazzjonijiet mingħajr ħlas biex jiġi evitat tagħwiġ tal-kompetizzjoni. | (16) Bħala konsegwenza, mill-2013 'l quddiem r-regola għandha tkun l-irkant sħiħ għas-settur ta' l-enerġija u għar-raffineriji, minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża żejda tas-$CO_2$, u għandha tingħata allokazzjoni bi ħlas biss għall-*qabda* u l-ħażna tal-karbonju għaliex l-inċentiv għal dan joħroġ mill-fatt li ma jkunux hemm il-ħtieġa li dawn jiġu ċeduti fir-rigward ta' l-emissjonijiet maħżuna. Ġeneraturi ta' l-elettriku jistgħu jirċievu kwoti mingħajr ħlas għas-sħana prodotta permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE fil-każ li sħana bħal din minn *installazzjonijiet* f'setturi oħra kellha tingħata allokazzjonijiet mingħajr ħlas biex jiġi evitat tagħwiġ tal-kompetizzjoni. ***Il-produzzjoni tas-settur ta' l-elettriku għandha madankollu tkompli bi sforzi interni serji għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. Kull trasferiment ta' l-ispejjeż għandu jkun evalwat u analizzat, b'mod partikulari rigward il-kontribut tiegħu għall-inflazzjoni fl-Unjoni*** |

***Ewropea, għall-impatti soċjali u ekonomiċi fuq il-familji bi dħul baxx u medju, u għall-impatt indirett fuq l-ispiża ġenerali ta' l-utenti ta' l-enerġija fis-setturi ekonomiċi. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni għandhom ikunu attenti b'mod partikulari biex jirregolaw l-abbużi tal-poteri tas-suq b'żidiet eċċessivi u/jew mhux ibbilanċjati fil-prezzijiet ta' l-enerġija.***

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Għal setturi oħrajn koperti bl-iskema Komunitarja, għandu jkun previst sistema tranżitorja li fiha l-allokazzjoni ***mingħajr ħlas*** fl-2013 tkun 80 % ta' l-ammont li jikkorrispondi mal-persentaġġ ta' l-emissjonijiet globali madwar il-Komunità kollha matul il-perjodu 2005 sa 2007 fejn dawk l-istallazzjonijiet kienu sorsijiet ta' emissjoni imniżżla bħala proporzjon tal-kwantità annwali ta' kwoti madwar il-Komunità kollha. Minn hemm 'il quddiem, l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena f'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tintlaħaq allokazzjoni bi ħlas biss. | (17) Għal setturi oħrajn koperti bl-iskema Komunitarja, ***100% tal-kwoti għandhom ikunu allokati mingħajr ħlas fil-każ li ma jintlaħaqx ftehim internazzjonali u/jew ftehim settorjali internazzjonali effettiv u verifikabbli. Fil-każ li jkun hemm dan il-ftehim,*** għandha tkun prevista sistema tranżitorja li fiha l-allokazzjoni fl-2013 tkun ta' 80 % ta' l-ammont li jikkorrispondi mal-persentaġġ ta' l-emissjonijiet globali madwar il-Komunità kollha matul il-perjodu 2005 sa 2007 fejn dawk l-istallazzjonijiet kienu sorsijiet ta' emissjoni imniżżla bħala proporzjon tal-kwantità annwali ta' kwoti madwar il-Komunità kollha. Minn hemm 'il quddiem, l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena f'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tintlaħaq allokazzjoni bi ħlas biss. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħal fil-premessa 13. Meta jitqies li l-objettiv mistqarr tal-ETS huwa li jitnaqqsu l-emissjonjiet tal-karbonju bl-anqas nefqa għall-ekonomija (Premessa 1) l-allokazzjoni ħielsa hija l-aktar metodu ta' allokazzjoni effiċjenti għall-industrija bl-eċċċezzjoni ta' settur li jiġġenera l-enerġija. L-unika vantaġġ tal-irkant huwa li jkabbar is-sistema ta' tkenoloġiji ħielsa mis-CO2 li mhumiex inklużi fl-ETS, bħall-ġenerazzjoni nukleari, idrika u mir-riħ. L-irkant għalhekk jista' jkollu l-mertu tiegħu fir-rigward tal-industrija tal-enerġija, iżda huwa anqas effiċjenti għal setturi industrijali oħra.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas għal *stallazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità ***(***"punti ta' riferiment"***)*** kollha sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli u l-*ġabra* u l-ħażna tal-ġassijiet serra. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet u għandha tiżgura li *proporzjoni* dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. Allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *stallazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *stallazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati. | (18) Allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas għal *installazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli fil-Komunità kollha u "punti ta' riferiment" *settorjali* sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fil-Komunità. Dawn ir-regoli ***u l-punti ta' riferiment*** għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet serra u fl-enerġija, is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli, ***il-koġenerazzjoni*** u *l-qabda* u l-ħażna tal-ġassijiet *b'effett ta'* serra. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet u għandha tiżgura li *proporzjon* dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. Allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal *installazzjonijiet* industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal *installazzjonijiet* eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq, ***bl-eċċezzjoni ta' l-elettriku prodott minn gassijiet ta' skart għall-konsum tagħhom stess minn proċessi ta' produzzjoni industrijali.*** Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sakemm jinkiseb ftehim internazzjonali verament kwantifikabbli u verifikabbli, il-Kummissjoni għandha tippermetti allokazzjoni ħielsa għall-industriji li għandhom riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u din l-allokazzjoni għandha ssir mhux biss permezz ta' regoli armonizzati madwar il-Komunità kollha iżda, aktar importanti minn hekk, permezz ta' punti ta' riferiment settorjali diskussi minn qabel mas-setturi involuti.*

*Il-koġenerazzjoni hija proċess ta' produzzjoni effiċjenti enerġetikament u ma għandux ikun eskluż minn din il-lista.*

*Gassijiet tal-iskart minn proċeduri ta' produzzjoni għandhom jintużaw malli jiġu ġenerati. Sabiex ikun żgurat l-irkupru effiċjenti tagħhom flessibilità massima għall-użu ta' dawn il-gassijiet għandhom ikunu permessi. L-użu tal-gassijiet tal-iskart mill-proċeduri ta' produzzjoni għall-ħolqien tal-elettriku jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tar-riżorsi u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2. L-elettriku prodott taħt dawn iċ-ċirkostanzi speċjali għandu jiġi eskluż mill-irkant.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż li jikseb l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u entitajiet oħrajn li huma sorsijiet kbar ta' gassijiet serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("*rilaxx tal-karbonju*"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sotto setturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali *f'*żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' jiżvaluta l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-*rilaxx tal-karbonju*, il-Komunità se talloka kwoti | (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ***u/jew ftehimiet settorjali internazzjonali*** ambizzjużi li jiksbu l-għan tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra u entitajiet oħrajn li huma sorsijiet kbar ta' gassijiet *b'effett ta'* serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("*rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju*"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sottosetturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali *bi* żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' jiżvaluta l-integrità ambjentali u l-benefiċċju tal-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat |

| | |
|---|---|
| mingħajr ħlas sa 100 % għal setturi jew sotto setturi li jilħqu l-kriterji rilevanti. Id-definizzjoni ta' dawn is-setturi jew sotto setturi u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal *valutazzjoni* mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk is-setturi jew sotto setturi speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju tar-*rilaxx tal-karbonju* ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi proporzjoni għoli ta' spejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti. | ir-riskju tar-*rilokazzjoni tal-emissjonijiet* tal-karbonju, il-Komunità se talloka kwoti mingħajr ħlas sa 100 % għal setturi jew sottosetturi li jilħqu l-kriterji rilevanti. Id-definizzjoni ta' dawn is-setturi jew sotto setturi u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal *evalwazzjoni* mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk is-setturi jew sottosetturi speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju *tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet* tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi proporzjoni għoli ta' spejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti, l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Għalhekk mhux aktar tard minn Ġunju 2011 il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta mal-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sotto setturi ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-*rilaxx tal-karbonju* mhux aktar tard mit***-30 ta' Ġunju 2010***. Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq lil *stallazzjonijiet* barra l-UE li ma *jieħdux* azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. ***Industriji intensivi fl-enerġija determinati li jkunu esposti għal*** | (20) Għalhekk mhux aktar tard minn Ġunju 2011 il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta mal-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sottosetturi tal-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti *għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet* tal-karbonju mhux aktar tard mit-30 ta' ***Jannar 2010***. ***Il-kriterji u l-identifikazzjoni ta' dawn is-setturi u sottosetturi għandhom ikunu stabbiliti wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-partijiet ikkonċernati milquta, fi proposta mressqa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Din il-proposta għandha tqis il-possibilità li ma jintlaħaqx ftehim internazzjonali bi*** |

| | |
|---|---|
| ***riskju sinifikanti tar-rilaxx tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell stallazzjonijiet mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal stallazzjonijiet ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti.*** Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikulari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni *iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi*, filwaqt li titqies il-qagħda partikulari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO. | ***tnaqqis mandatorju tal-emissjonijiet u għandhom jitqiesu alternattivi possibbli għal ftehim internazzjonali.*** Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni ***tan-nefqa tal-installazzjonijiet fi u lil hinn mill-Unjoni Ewropea u*** dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq lil *installazzjonijiet* barra l-UE li ma *jeħdux* azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-effetti fuq il-kompetittività u l-impjiegi potenzjali għal produtturi bbażati fl-UE li huma suġġetti għal tnaqqis mandatorju tal-karbonju fil-proċess ta' produzzjoni tagħhom.*** Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikulari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet *differenzjati iżda komuni u l-kapaċitajiet rispettivi*, filwaqt li titqies il-qagħda partikulari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kriterji għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' setturi milquta mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jeħtieġu jsiru ħafna aktar malajr mill-Kummissjoni sabiex l-industriji milquta jkunu jafu x'jistennew; l-effetti diretti u indiretti għall-produtturi bbażati fl-UE jridu jitqiesu.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni ġewwa l-Komunità, għandu jiġi armonizzzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw | (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni ġewwa l-Komunità, għandu jiġi armonizzzat l-użu tal-krediti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet barra l-Komunità li għandhom jintużaw |

| | |
|---|---|
| minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto mal-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' *Tnaqqis Iċċertifikat ta' l-Emissjonijiet Ċertifikat* u Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) mill-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u l-proġetti ta' l-Implimentazzjoni Konġunta rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda ta' l-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. Ladarba jkun hemm ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu addizzjonali tat-Tnaqqis Ċertifikat ta' l-Emissjonijiet (CERs) u ta' l-Unitajiet ta' Tnaqqis ta' l-Emissjonijiet (ERUs) minn dawk il-pajjiżi li jkunu kkonkludew tali ftehim. Fl-assenza ta' tali ftehim, kundizzjonijiet li jippromwovu aktar użu ta' CSRs u l-ERUs *inaqqas* mill-effett ta' dan l-inċentiv u *jagħmilha* aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet Komunitarji dwar aktar użu ta' l-enerġija rinovabbli. L-użu tas-CSRs u ta' l-ERUs għandu jkun konsistenti mal-għan tal-Komunità li sa l-2020 20 % ta' l-enerġija *jiġi ġġenerat* minn *sorsijiet* rinovabbli, u għal promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li *jistimolaw* investimenti favur it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw *f'tnaqqis* reali*,* addizzjonali ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet serra* filwaqt li jixprunaw l-innovazzjoni fil-kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn | minn operaturi fi ħdan l-iskema Komunitarja. Il-Protokoll ta' Kyoto mal-UNFCCC jistabbilixxi miri ta' emissjonijiet kwantifikati għal pajjiżi żviluppati għall-perjodu 2008 sa 2012, u jipprovdi għall-ħolqien ta' *Tnaqqis Ċertifikat tal-Emissjonijiet* u Unitajiet ta' Tnaqqis tal-Emissjonijiet (ERUs) mill-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u l-proġetti tal-Implimentazzjoni Konġunta rispettivament u l-użu tagħhom minn pajjiżi żviluppati biex tintlaħaq parti minn dawn il-miri. Filwaqt li l-qafas ta' Kyoto ma jippermettix li jinħolqu l-ERUs mill-2013 'il quddiem mingħajr ma jkunu fis-seħħ il-miri kwantifikati ġodda tal-emissjonijiet għall-pajjiżi ospitanti, il-krediti tas-CDM jistgħu potenzjalment jibqgħu jiġu ġġenerati. Ladarba jkun hemm ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, għandu jiġi pprovdut l-użu addizzjonali tat-Tnaqqis Ċertifikat tal-Emissjonijiet (CERs) u tal-Unitajiet ta' Tnaqqis tal-Emissjonijiet (ERUs) minn dawk il-pajjiżi li jkunu kkonkludew tali ftehim. Fl-assenza ta' tali ftehim, kundizzjonijiet li jippromwovu aktar *użu ta' CSRs* u l-ERUs *inaqqsu* mill-effett ta' dan l-inċentiv u *jagħmluha* aktar diffiċli biex jinkisbu l-għanijiet Komunitarji dwar *użu akbar* tal-enerġija rinovabbli. L-użu tas-CSRs u tal-ERUs għandu jkun konsistenti mal-għan tal-Komunità li sal-2020 20 % tal-enerġija *jkun iġġenerat* minn *sorsi* rinovabbli, u għal promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fejn hemm konsistenza mal-ksib ta' dawn l-għanijiet, għandha tkun prevista l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi li *jistimulaw* investimenti favur it-tnaqqis tal-emissjonijiet f'dawn il-pajjiżi li jirriżultaw *fi tnaqqis* reali *u* addizzjonali tal-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra filwaqt li jixprunaw l-innovazzjoni fil-kumpaniji stabbiliti fi ħdan il-Komunità u l-iżvilupp teknoloġiku f'pajjiżi terzi. Tali ftehimiet jistgħu jiġu ratifikati minn aktar minn *pajjiż* wieħed. Mal-konklużjoni ta' |

*pajjiżż* wieħed. Mal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanea fil-livell tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz ta' l-iskema Komunitarja.

ftehim internazzjonali sodisfaċenti mill-Komunità, l-aċċess għal krediti minn proġetti f'pajjiżi terzi għandu jiżdied flimkien maż-żieda simultanea fil-livell tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li għandhom jintlaħqu permezz tal-iskema Komunitarja. ***L-ebda kreditu m'għandu jkun disponibbli, madankollu, fir-rigward tal-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif u tal-Implimentazzjoni Konġunta f'setturi li jkunu esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.***

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) ***Fir-rigward ta' l-approċċ għall-allokazzjoni l-avjazzjoni għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal industriji oħra li jirċievu allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas aktar milli bħala ġeneraturi ta' l-elettriku. Dan ifisser li 80 % tal-kwoti għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fl-2013, u minn hemm 'il quddiem l-allokazzjoni mingħajr ħlas għall-avjazzjoni titnaqqas kull sena b'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss.*** Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu jilħqu ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni ***u għandhom jirrevedu s-sitwazzjoni ta' dan is-settur bħala parti mir-reviżjoni li jmiss ta' l-iskema Komunitarja***. | (33) ***L-avjazzjoni hija settur industrijali li juża l-enerġija b'mod intensiv kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tagħmel ristrutturazzjoni tal-Qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku[1]. Fin-nuqqas ta' fjuwil alternattiv li jkun vijabbli, l-avjazzjoni hija dipendenti kompletament fuq il-kerosin u għandha spejjeż tal-operat għolja ħafna. L-abilità tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li jgħaddu l-ispejjez tal-kwoti tal-karbonju fuq il-konsumaturi tagħhom hija limitata.*** Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu *li* jaslu għal ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet *b'effett ta'* serra mill-avjazzjoni. ***Sakemm ma jkunx hemm ftehim globali dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fir-rigward tal-avjazzjoni, hemm riskji serji ta' devjazzjoni tat-traffiku u rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, partikolarment jekk livell għoli ta' rkant ikun applikat għas-settur fi ħdan l-EU ETS. Il-livell ta' rkant tal-kwoti fir-*** |

***rigward tal-avjazzjoni għandhom jirriflettu r-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-impatt tal-EU ETS fuq il-kompetittività tal-avjazzjoni fl-Unjoni Ewropea.***

***[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.***

*Ġustifikazzjoni*

*Tikkunsidra l-karattru speċifiku tas-settur tal-avjazzjoni, l-inklużjoni tiegħu fl-EU ETS huwa suġġett ukoll għar-reviżjoni dejjiema tad-direttiva 2003 (87) KE skond il-proposta tal-Kummissjoni KE (2006) 818. Il-livell ta' irkant għall-avjazzjoni li jinsab għaddej minn reviżjoni ġenerali għandu jittieħed deċiżjoni dwaru wara investigazzjoni dettaljata tal-effetti tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-impatt tal-kompetittività tal-avjazzjoni tal-UE, li attwalment suġġetta għal studju mill-Kummissjoni Ewropea.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – subpunt b**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *stallazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' *gassijiet serra* sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulat fl-Artikolu 11(1);” | (h) 'min jidħol ġdid' tfisser kull *installazzjoni* li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet indikati fl-Anness I, li tkun kisbet permess għall-emissjoni ta' gassijiet *b'effett ta'* serra ***jew aġġornament tal-permess tagħha għall-emissjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba bidla fin-natura jew fl-iffunzjonar jew minħabba estensjoni tal-installazzjoni jew bidla fiżika li jirriżultaw f'żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-istallazzjonijiet eżistenti,*** sussegwenti għall-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista kif stipulata fl-Artikolu 11(1);” |

*Ġustifikazzjoni*

*Bħala prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, il-produtturi kollha għandhom ikunu intitolati li jirċievu ammont kumparabbli ta' kwoti b'xejn ibbażati fuq mira ta' effiċjenza (ie. kriterju ta' referenza), waqt li jitħu*

*installazzjonijiet ġodda jew waqt li jżidu l-kapaċità ta' waħda eżistenti, filwaqt li l-proposta tal-Kumissjoni tirristrinġi l-kwoti bla ħlas fl-ewwel każ.*

*Din l-emenda tippromwovi l-għeluq ta' installazzjonijiet antiki jew mhux effiċjenti u t-trasferiment tal-produzzjoni għal unità moderna ċentralizzata billi tintuża l-ekonomija fuq skala kbira sabiex jintlaħqu l-investimenti kbar meħtieġa.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt t

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (t) *'Stallazzjoni* tal-kombustjoni' *tifsser* kull unità teknika stazzjonarja li fiha l-fjuwils jiġu ossidizzati u jipproduċu sħana jew enerġija mekkanika jew it-tnejn, u jitwettqu attivitajiet oħra assoċjati direttament inkluż tindif tal-gass *ta' l-iskart*; | (t) *'Installazzjoni* tal-kombustjoni' *tfisser* kull unità teknika stazzjonarja li fiha l-fjuwils jiġu ossidizzati u jipproduċu sħana jew enerġija mekkanika jew it-tnejn, u jitwettqu attivitajiet oħra assoċjati direttament inkluż tindif tal-*gass ta' skart*; ***Operazzjonijiet ta' reċiklaġġ kif definiti fl-Anness IIB tad-Direttiva 91/156/KEE huma, madankollu, esklużi minn din id-definizzjoni;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Wieħed mill-objettivi tal-Pakkett dwar il-Klima tal-UE huwa li jippromwovi r-reċiklaġġ. Għalhekk ma jagħmilx sens li jkunu inklużi operazzjonijiet ta' reċiklaġġ fi skema li tippenalizzaha.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt u a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ua) 'tnaqqis fl-emissjonijijiet temporanjament ċertifikat' jew 'tCER' ifisser unità maħruġa bħala riżultat ta' proġett ta' forestazzjoni jew riforestazzjoni li jiskadu fit-tmiem il-*** |

***perjodu ta' impenn, wara dak il-perjodu li matulu jkun inħareġ iċ-ċertifikat skont l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCC),***

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-riskju ta' nuqqas ta' permanenza fil-foresti huwa indirizzat bil-proċedura CDM permezz tal-ħolqien ta' krediti temporanji; l-arranġamenti kienu stabbiliti fl-2003 fil-konferenza ta' Milan (Deċiżjoni 19/CP/9).*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt c**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 3 – punt u b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ub) 'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-karbonju' tfisser setturi determinati skond l-Artikolu 10a(9);*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika dwar setturi esposti b'refernza għal kriterji u l-Anness il-ġdid I a (ġdid).*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 6**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fir-rigward ta' *stallazzjonijiet* li ddaħħlu biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' tali *stallazzjonijiet* **jistgħu** jippreżentaw lill-awtorità kompetenti rilevanti indipendentement mid-dejta verifikat ta' l-emissjonijiet sabiex jiġu kkunsidrati għall- | 2. Fir-rigward ta' *installazzjonijiet* li ddaħħlu biss fl-iskema Komunitarja mill-2013 'l quddiem, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ta' tali *installazzjonijiet* ***għandhom*** jippreżentaw lill-awtorità kompetenti rilevanti *dejta dwar l-emissjonijiet verifikata b'mod indipendenti u* ***sostanzjata kif dovut*** sabiex |

| | |
|---|---|
| kwantità *tal-kwoti* li għandhom jinħarġu. | jiġu kkunsidrati għall-kwantità *ta' kwoti* li għandhom jinħarġu. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jkun mandatorju jekk dejta bħal din suppost li titqies għall-kwantità ta' kwoti li għandhom jinħarġu.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Talanqas ***20 %*** tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, għandhom jiġu użati kif ġej: | 3. Talanqas ***50%*** tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, għandhom jiġu użati kif ġej: |

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkant tal-kwoti jrid jirriżulta fi trasferiment ta' fondi minn industriji li jniġġsu għall-attivitajiet li jiżviluppaw sorsi rinnovabbli tal-enerġija, il-ħażna tal-karbonju jew l-evitar tar-rilaxx tal-karbonju.*

*Il-kundizzjoni prinċipali għall-isfruttar kontinwu ta' foresti tropikali għandha tkun proċedura ċertifikata li tikkonforma mas-sitt kriterji ta' Ħelsinki dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikulari s-sitt kriterju dwar benefiċċji soċjoekonomiċi.*

*Fl-Unjoni Ewropea l-forestrija u s-settur tal-produzzjoni tal-injam jikkumpensaw għal bejn 10% u 20% tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' | (a) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' |

| | |
|---|---|
| gassijiet serra, inkluż *billli* jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija *Rinnovabbliovabbli*, *għall-adattament għall-impatti* tat-tibdil fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, inkluż il-parteċipazzjoni *f'inizjattivia* fi ħdan il-qafas tal-Pjan *Ewropew Strateġiku* dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija; | gassijiet *b'effett ta'* serra, inkluż *billi* jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija *Rinnovabbli*, *biex isir* adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp ***tas-setturi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva*** għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, inkluża l-parteċipazzjoni *f'inizjattivi* fi ħdan il-qafas tal-Pjan *Strateġiku Ewropew* dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija ***u l-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li waħda mill-assunzjonijiet bażiċi tal-iskema Komunitarja hija li l-installazzjonijiet skont il-kamp ta' applikazzjoni tagħha tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-objettivi ta' tnaqqis tal-UE, id-dħul ġenerat mill-installazzjonijiet għandu jintbagħat lejn dawn. Il-Pjattaformi tat-Teknoloġija tal-UE huwa strument li għamel suċċess u għandu jiġi msaħħaħ.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għall-*ġabra* u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet serra, ***b'mod partikulari minn impjanti ta' l-enerġija tal-faħam***. | (c) għall-*qbid* u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet *b'effett ta'* serra; |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li waħda mill-assunzjonijiet bażiċi tal-iskema Komunitarja hija li l-installazzjonijiet skont il-kamp ta' applikazzjoni tagħha tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-objettivi ta' tnaqqis tal-UE, id-dħul ġenerat mill-installazzjonijiet għandu jintbagħat lejn dawn. Il-Pjattaformi tat-Teknoloġija tal-UE huwa strument li għamel suċċess u għandu jiġi msaħħaħ.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-*deforestazzjon*, b'mod partikulari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati; | (d) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-*deforestazzjoni*, b'mod partikulari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati, ***partikularment permezz tal-iżvilupp ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni u miżuri addizzjonali fl-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom sabiex tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-foresti u l-industrija tal-injam biex tittieħed azzjoni kontra t-tisħin tal-klima u l-bidla fil-klima, filwaqt li jkun żgurat li l-foresti jkunu jistgħu jkomplu jaqdu l-funzjonijiet l-oħra tagħhom;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkant tal-kwoti jrid jirriżulta fi trasferiment ta' fondi minn industriji li jniġġsu għall-attivitajiet li jiżviluppaw sorsi rinnovabbli tal-enerġija, il-ħażna tal-karbonju jew l-evitar tar-rilaxx tal-karbonju.*

*Il-kundizzjoni prinċipali għall-isfruttar kontinwu ta' foresti tropikali għandha tkun proċedura ċertifikata li tikkonforma mas-sitt kriterji ta' Ħelsinki dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikulari s-sitt kriterju dwar benefiċċji soċjoekonomiċi.*

*Fl-Unjoni Ewropea l-forestrija u s-settur tal-produzzjoni tal-injam jikkumpensaw għal bejn 10% u 20% tal-emissjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra.*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt g a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp fl-effiċjenza tal-enerġija u f'teknoloġiji nodfa fis-setturi koperti mill-ambitu tad-Direttiva;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkant tad-dħul għandu bi prinċipju jintuża biex jinħolqu s-setturi b'karbonju baxx tal-futur,*

*billi l-fondi jiġu investiti mill-ġdid fis-setturi involuti.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mill-anqas 50% tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 2 għandu jintuża biex jiffinanzja t-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, tkun evitata d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni, kif ukoll l-adattazzjoni għall-bidla fil-klima.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dħul mill-irkantar ta' l-allokazzjonijiet għandu jintuża għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kemm fir-rigward tal-mitigazzjoni u l-adattament, kif ukoll fir-rigward tas-sussidji li jgħinu l-finanzjament ta' l-investimenti meħtieġa speċjalment f'familji bi dħul baxx. Mill-anqas nofs id-dħul għandu jkun allokat biex jiffinanzja l-mitigazzjoni u l-adattazzjoni kif ukoll tkun evitata d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet fir-rapport ppreżentati skond id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE. | 4. L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet fir-rapporti *tagħhom i*ppreżentati skond id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE, ***b'enfasi fuq is-suq intern, l-għajnuna statali u l-kwistjonijiet marbuta mal-kompetizzjoni.*** <br> ***Il-Kummissjoni għandha tirrapporta annwalment lill-Parlament Ewropew dwar l-użu tad-dħul, b'enfasi partikulari dwar l-effetti fuq is-suq intern, l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***għajnuna statali u l-kompetizzjoni.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Sal-***31 ta' Diċembru 2010***, il-Kummissjoni għandha ***tadotta Regolament dwar*** l-istimi taż-żmien, l-aministrazzjoni u aspetti oħra ta' l-irkant biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li l-operaturi, u b'mod partikulari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ikollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jdgħajjifx l-operat ta' l-irkant. ***Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].*** | 5. Sal-***31 ta' Diċembru 2009***, il-Kummissjoni għandha ***tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa*** l-istimi taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' l-irkant, ***fosthom, kif xieraq, proposta għal direttiva. Din il-proposta għandu jkollha l-għan*** li tiżgura li l-irkanti jitmexxew b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li operaturi, u b'mod partikulari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ikollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jdgħajjifx l-operat ta' l-irkant ***jew l-għanijiet dwar il-bidla fil-klima li jiġġustifikaw l-adozzjoni tagħhom. Il-proposta, għalhekk, għandha tkun dettaljata biżżejjed, rigward fost l-oħrajn iż-żmien u l-frekwenza ta' l-irkanti fl-Istati Membri kollha, u tkun inkwadrata b'mod adegwat biex tindirizza l-effetti li x'aktarx ikollhom l-irkanti, b'mod partikulari, rigward:*** <br><br> ***- l-azzjonijiet spekulattivi,*** <br><br> ***– l-effetti transkonfinali tal-kompetizzjoni,*** <br><br> ***– l-effetti transsettorjali,*** <br><br> ***– il-kompetittività tan-negozju u l-industriji Ewropej, b'mod partikulari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,*** <br><br> ***– il-pressjoni tal-inflazzjoni, u*** <br><br> ***– l-effetti soċjoekonomiċi.*** |

| | |
|---|---|
| | ***It-tħaddim prattiku tal-irkanti huwa komponent essenzjali tal-proposta riveduta tal-Iskema għall-Iskambji tal-Emissjonijiet (EU ETS) u għalhekk għandu jkun suġġett għall-proċedura ta' kodeċiżjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li fil-komitoloġija tittratta element importanti ħafna ta' l-ETS estiża. Kienu ikun aħjar li l-Kummissjoni ħarġet bi proposta għal kodeċiżjoni imma fin-nuqqas ta' dan, għandhom ikunu stabbiliti kriterji li l-Kummissjoni għandha tirrispetta fid-deċiżjoni tagħha dwar il-metodi ta' l-irkanti.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Ġunju 2011, ***il-Kummissjoni għandha tadotta*** miżuri ta' ***implimentazzjoni*** li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 madwar il-Komunità kollha ***u f'manjiera armonizzata.*** | 1. Sat-30 ta' Ġunju 2011, ***għandhom ikunu adottati*** miżuri li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 sa 6 u 8 fil-Komunità kollha. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu***, safejn ikun fattibbli,*** għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' *gass serra* u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi *tqis it-*tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa u tal-*ġabra* u l-ħażna tal-*gass serra*, u ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. *Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku. | Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiżguraw***, fid-dawl, fost l-oħrajn, tal-emissjonijiet minn proċessi,*** li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' *gassijiet b'effett ta' serra* u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi ***jintużaw punti ta' riferiment settorjali u*** *jitqiesu t-*tekniki l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa***, tal-koġenerazzjoni*** u tal-*qbid* u l-ħażna *tal-gassijiet b'effett ta' serra **f'kull settur***, u ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. *M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku***, ħlief għall-elettriku prodott minn gassijiet tal-iskart minn proċessi ta' produzzjoni industrijali, fejn l-għan huwa li l-elettriku jintuża għall-konsum tal-operatur ta' dawn il-proċessi ta' produzzjoni li, f'dak il-każ, kwalunkwe allokazzjoni lil dak l-operatur għandha ssir skont il-punti ta' riferenza settorjali maqbula għal dawn il-proċessi ta' produzzjoni.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li ma jgħaddux spejjeż żejda fuq il-konsumatur aħħari.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Auctioning carries significant potential for economic damage to manufacturing industries without bringing environmental benefits that only depend on the respect of reduction targets. It should therefore be introduced only if either globally harmonised by an international agreement or at least accompanied by an appropriate border adjustment mechanism. By setting a Benchmark according to the best available technique, the economic incentive to reduce emissions by ceasing inefficient production and applying the highest technical*

*standards is still the same.*

*The use of waste gases from the production process for the generation of electricity contributes to the conservation of resources and reduction of CO2 emissions. Electricity produced under these special circumstances should be excluded from auctioning, and included by the same allocation methodology as applied to respective installations of the producer of these gases. This corresponds with the main content of point 92 of the Commission Communication COM(2008)830.*

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet serra* paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri *li jipprovdu* li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata *kompletamenti* fid-dawl ta' dak il-ftehim. | Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali ***u/jew ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet b'effett ta' serra* paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri *b'mod* li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata *għall-aħħar* fid-dawl ta' dak il-ftehim. |
| | ***Il-mandat tal-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet internazzjonali għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjonijiet ta' l-impatt dettaljati tal-konsegwenzi li jista' jkun hemm għall-kumpaniji bbażati fl-UE u skont il-kriterji stipulati fl-Anness Ia.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tikkonċentra fuq l-ilħuq ta' ftehimiet settorjali internazzjonali li jkunu kwantifikabbli u verifikabbli; l-uniku mod biex ikunu evitati r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetizzjoni inġusta, li jiżvantaġġjaw lis-setturi bbażati fl-UE.*

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid. | *M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid***, ħlief għall-elettriku prodott minn gassijiet tal-iskart minn proċessi ta' produzzjoni industrijali, fejn l-għan huwa li l-elettriku jintuża għall-konsum tal-operatur ta' dawn il-proċessi ta' produzzjoni li, f'dak il-każ, l-allokazzjoni lil dak l-operatur għandha ssir skont il-punti ta' riferenza settorjali maqbula għal dawn il-proċessi ta' produzzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-gassijiet tal-iskart mill-proċess ta' produzzjoni għall-ħolqien tal-elettriku jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tar-riżorsi u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-$CO_2$. L-elettriku prodott f'dawn iċ-ċirkustanzi speċjali għandu jkun eskluż mill-irkantar, u inkluż bl-istess metodoloġija ta' allokazzjoni applikata għall-installazzjonijiet rispettivi tal-produtturi ta' dawn il-gassijiet. Dan jikkorrispondi mal-kontenut ewlieni tal-punt 92 tal-Komunikazzjoni COM(2008)830 tal-Kummissjoni.*

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid. | *M'għandha ssir l-ebda allokazzjoni bla ħlas* fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk li jidħlu ġodda, ***ħlief għall-elettriku prodott minn gassijiet tal-iskart minn proċeduri ta' produzzjoni industrijali****.*<br><br>***Meta gass tal-iskart minn process ta' produzzjoni jintuża bħala fjuwil, l-allokazzjonijiet għandhom jingħataw lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***operatur tal-istallazzjoni li tkun qed tiġġenera l-gass tal-iskart skont l-istess prinċipji ta' allokazzjoni bħal dawk applikati għal dik l-istallazzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija konsegwenza ta' l-emenda ta' qabel għall-Artikolu 10a(1).*

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***80 % tal***-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. | 7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun ***il***-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1***, filwaqt li jitqies, jekk ikun il-każ, l-eżitu tan-negozjati internazzjonali,*** u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti ***sa l-2020***, stallazzjonijiet f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx ta' karbonju ***għandhom jiġu allokati*** kwoti *ningħajr* ħlas ***sa 100 filmija*** tal-kwantità determinata skond il-paragrafi 2 sa *7*. | 8. ***Fir-rigward tal-Artikolu 10b,*** fl-2013 u f'kull sena sussegwenti, ***għal*** stallazzjonijiet f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx ta' karbonju***, l-ammont ta'*** kwoti ***allokati*** *mingħajr* ħlas ***għandu jkun 100%*** tal-kwantità determinata skond il-paragrafi 2 sa *6*. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-effettività ta' sistema ta' kummerċ li tnaqqas l-emissjonijiet jiddependi biss fuq in-numru ta' allokazzjonijiet fis-sistema. Il-mod kif dawn l-allokazzjonijiet jiġu eventwalment allokati - permezz tal-irkantar jew bl-użu ta' punti ta' riferiment - m'għandu l-ebda impatt fuq il-volum totali ta' allokazzjonijiet u għaldaqstant ma jaffettwax l-eżitu ambjentali mfittex mis-sistema. L-allokazzjoni mingħajr ħlas, għaldaqstant, hija effettiva daqs l-irkantar f'dak li huwa tnaqqis tal-emissjonijiet, filwaqt li timponi piż finanzjarju iħfef fuq l-ekonomija.*

~~{AM\en~~

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010*** u mbagħad kull ***3 snin*** ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. | 9. ***Sat-30 ta' Jannar 2010*** u mbagħad kull ***4 snin*** ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom ikunu deċiżi malajr kemm jista' jkun is-setturi meqjusa vulnerabbli għar-"rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju" u l-azzjonijiet adegwati. Li jsir eżami mill-ġdid tas-setturi kkonċernati kull 3 snin se jwassal mingħajr bżonn li jkun hemm l-inċertezza li hija ta' detriment għall-investiment.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni se tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill proposta li tikkunċerna s-setturi msemmija fil-paragrafu 8. L-imsieħba soċjali kollha*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilevanti għandhom jiġu kkonsultati.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista tal-industriji esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi riveduta fl-2016 u r-riżultati għandhom jiġu implimentati fl-2020, jekk dan ikun neċessarju. Din il-proċedura tipprovdi l-ogħla sigurtà f'dak li huwa ppjanar u tipprovdi ċertezza fl-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Il-partijiet interessati milquta għandhom jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.*

*Għandha tiġi evitata d-disaggregazzjoni tas-setturi, peress li dan iwassal għal problemi amministrattivi għall-implimentazzjoni. Fid-determinazzjoni ts-setturi eliġibbli, mhijiex il-kwistjoni rigward l-effiċjenza tal-karbonju li hija rilevanti iżda l-qafas regolatorju tal-ħidma tagħhom, li taffettwa l-effiċjenza.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista tal-industriji esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi riveduta fl-2016 u r-riżultati għandhom jiġu implimentati fl-2020, jekk dan ikun neċessarju. Din il-proċedura tipprovdi l-ogħla sigurtà f'dak li huwa ppjanar u tipprovdi ċertezza fl-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Il-partijiet interessati milquta għandhom jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.*

*Għandha tiġi evitata d-disaggregazzjoni tas-setturi, peress li dan iwassal għal problemi amministrattivi għall-implimentazzjoni. Fid-determinazzjoni ts-setturi eliġibbli, mhijiex il-kwistjoni rigward l-effiċjenza tal-karbonju li hija rilevanti iżda l-qafas regolatorju tal-ħidma tagħhom, li taffettwa l-effiċjenza.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Kull sena, fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida tas-suq, is-setturi mhux inklużi fl-Anness I jistgħu jitlobu lill-Kummissjoni biex tevalwa mill-ġdid il-vulnerabbiltà tagħhom għar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Fid-determinazzjoni ***msemmija fl-ewwel subparagrafu*** l-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew *sotto settur* ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba ***fil***-prezzijiet tal-prodott mingħajr telf ***sinifikanti*** *għas*-sehem *fiq-suq* ***ta' l-istallazzjonijiet anqas effiċjenti fil-karbonju barra l-Komunità, billi*** tqis ***dan li ġej***: | Fid-determinazzjoni ***tas-setturi msemmija fil-paragrafu 8***, il-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew *sottosettur* ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba ***permezz tal***-prezzijiet tal-prodott, mingħajr telf *fis*-sehem *tas*-suq***, jew tal-profittabilità jew tal-opportunitajiet għall-investiment fl-istess settur jew sottosettur f'pajjiżi terzi li ma jimponux restrizzjonijiet paragunabbli fuq l-emissjonijiet***. ***Il-Kummissjoni se*** tqis***, fost l-oħrajn, il-kriterji li ġejjin***: |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali u ekonomika, il-perjodu għandu jiġi estiż għal 5 snin u d-data tal-ewwel evalwazzjoni għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2009. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jipprevedi l-impatt tal-EU ETS rivedut fuq l-industriji koperti mill-iskema fl-UE. Jekk l-informazzjoni tas-suq turi li tassew hemm rilokazzjoni tal-karbonju f'setturi mhux meqjusa bħala vulnerabbli għal rilokazzjoni tal-karbonju, għandu jkun hemm rimedju disponibbli*

*mingħajr ma wieħed ikollu jistenna r-reviżjoni ta' kull 5 snin li jkun imiss. Din l-emenda tiżgura li jitqiesu l-istruttura futura tas-suq kif ukoll l-intensità tal-karbonju ta' prodott u l-ispiża tal-ġarr (fattur importanti fil-kwistjoni sħiħa tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju)*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni; | (a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni ***f'industriji b'emissjonijiet qawwijin ta' $CO_2$ għal kull unità ta' bejgħ***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali u ekonomika, il-perjodu għandu jiġi estiż għal 5 snin u d-data tal-ewwel evalwazzjoni għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2009. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jipprevedi l-impatt tal-EU ETS rivedut fuq l-industriji koperti mill-iskema fl-UE. Jekk l-informazzjoni tas-suq turi li tassew hemm rilokazzjoni tal-karbonju f'setturi mhux meqjusa bħala vulnerabbli għal rilokazzjoni tal-karbonju, għandu jkun hemm rimedju disponibbli mingħajr ma wieħed ikollu jistenna r-reviżjoni ta' kull 5 snin li jkun imiss. Din l-emenda tiżgura li jitqiesu l-istruttura futura tas-suq kif ukoll l-intensità tal-karbonju ta' prodott u l-ispiża tal-ġarr (fattur importanti fil-kwistjoni sħiħa tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju)*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli ta' l-emissjonijiet per eżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti; | (b) safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli ta' l-emissjonijiet per eżempju abbażi tat-tekniki l-aktar effiċjenti***, bi spiża ta' investiment li ma twassalx għal telf*** |

| | |
|---|---|
| | ***sinifikanti tal-kompetittività u/jew ta' sehem tas-suq affavur stallazzjonijiet f'pajjiżi terzi li m'humiex suġġetti għal restrizzjonijiet ekwivalenti fuq l-emissjonijiet tad-$CO_2$;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista tal-industriji esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi riveduta fl-2016 u r-riżultati għandhom jiġu implimentati fl-2020, jekk dan ikun neċessarju. Din il-proċedura tipprovdi l-ogħla sigurtà f'dak li huwa ppjanar u tipprovdi ċertezza fl-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Il-partijiet interessati milquta għandhom jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.*

*Għandha tiġi evitata d-disaggregazzjoni tas-setturi, peress li dan iwassal għal problemi amministrattivi għall-implimentazzjoni. Fid-determinazzjoni ts-setturi eliġibbli, mhijiex il-kwistjoni rigward l-effiċjenza tal-karbonju li hija rilevanti iżda l-qafas regolatorju tal-ħidma tagħhom, li taffettwa l-effiċjenza.*

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-istruttura tas-suq, is-suq tal-*prodotti rilevanti u ġeografiku*, l-esponiment tas-setturi *għal* kompetizzjoni internazzjonali; | (c) l-istruttura ***attwali u mbassra*** tas-suq, is-suq tal-*prodott u dak ġeografiku rilevanti*, ***ir-rilevanza ekonomika u ta' l-impjieg,*** l-esponiment tas-setturi *għall-*kompetizzjoni internazzjonali ***u għall-prezzijiet globali, u, fost l-oħrajn, l-ispejjeż ta' trasport inklużi l-ispejjeż diretti u indiretti tad-$CO_2$***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista tal-industriji esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi riveduta fl-2016 u r-riżultati għandhom jiġu implimentati fl-2020, jekk dan ikun neċessarju. Din il-proċedura tipprovdi l-ogħla sigurtà f'dak li huwa ppjanar u tipprovdi ċertezza fl-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Il-partijiet interessati milquta għandhom jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid tad-*

*deċiżjonijiet.*

*Għandha tiġi evitata d-disaggregazzjoni tas-setturi, peress li dan iwassal għal problemi amministrattivi għall-implimentazzjoni. Fid-determinazzjoni ts-setturi eliġibbli, mhijiex il-kwistjoni rigward l-effiċjenza tal-karbonju li hija rilevanti iżda l-qafas regolatorju tal-ħidma tagħhom, li taffettwa l-effiċjenza.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-effett *tat-tibdil* fil-klima u l-politiki dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati. | (d) l-effett *tal-bidla* fil-klima u l-politiki dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati ***u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività tas-setturi milquta mill-ETS tal-UE;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista tal-industriji esposti għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għandha tiġi riveduta fl-2016 u r-riżultati għandhom jiġu implimentati fl-2020, jekk dan ikun neċessarju. Din il-proċedura tipprovdi l-ogħla sigurtà f'dak li huwa ppjanar u tipprovdi ċertezza fl-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Il-partijiet interessati milquta għandhom jagħmlu parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.*

*Għandha tiġi evitata d-disaggregazzjoni tas-setturi, peress li dan iwassal għal problemi amministrattivi għall-implimentazzjoni. Fid-determinazzjoni ts-setturi eliġibbli, mhijiex il-kwistjoni rigward l-effiċjenza tal-karbonju li hija rilevanti iżda l-qafas regolatorju tal-ħidma tagħhom, li taffettwa l-effiċjenza.*

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt d a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-impatti diretti u indiretti taż-żieda mbassra fil-prezzijiet ta' l-enerġija u ta' ċerta materja prima minħabba l-politika relatata mal-bidla fil-klima;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 – subparagrafu 3 – punt d b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) l-effetti soċjali kollaterali ta' l-ispejjeż li jgħaddu għand il-konsumatur finali.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 9 - subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta ***minn żieda fil-***prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà ***ta' l-istallazzjonijiet ikkonċernati***, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. | Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta ***mill***-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà ***tas-setturi***, jistgħu fost oħrajn jiġu użati. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali u ekonomika, il-perjodu għandu jiġi estiż għal 5 snin u d-data tal-ewwel evalwazzjoni għandha tkun it-30 ta' Ġunju 2009. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jipprevedi l-impatt tal-EU ETS rivedut fuq l-industriji koperti mill-iskema fl-UE. Jekk l-informazzjoni tas-suq turi li tassew hemm rilokazzjoni tal-karbonju f'setturi mhux meqjusa bħala vulnerabbli għal rilokazzjoni tal-karbonju, għandu jkun hemm rimedju disponibbli*

*mingħajr ma wieħed ikollu jistenna r-reviżjoni ta' kull 5 snin li jkun imiss. Din l-emenda tiżgura li jitqiesu l-istruttura futura tas-suq kif ukoll l-intensità tal-karbonju ta' prodott u l-ispiża tal-ġarr (fattur importanti fil-kwistjoni sħiħa tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju)*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u ta' l-estent safejn ***dawn iwasslu għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha,*** il-Kummissjoni ***se tippreżenta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa, li jistgħu jinkludu:*** . | ***Sa Jannar tal-2010***, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u *tal-punt* safejn ***dak l-eżitu jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Anness Ia***, il-Kummissjoni ***għandha tressaq proposta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar is-setturi jew is-sottosetturi li għandhom jitqiesu f'riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Dawn is-setturi jew sottosetturi għandhom ikunu identifikati b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, mal-partijiet interessati milquta, mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill u għandhom iqisu l-fatt li tista' ma tintlaħaqx ftehima internazzjonali li tinkludi tnaqqis mandatorju fl-emissjonijiet tal-karbonju***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskadenzi hemm bżonn li jinġiebu l-quddiem sabiex jingħata element ta' prevedibbiltà lill-industriji milquta mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

*Jeħtieġ li ftehima internazzjonali eventwali tkun kwantifikabbli u verifikabbli u twassal għal tnaqqis ekwivalenti ta' emissjonijiet, kif propost mill-Kummissjoni.*

*Il-Parlament u l-Kunsill jeħtieġ li jkunu infurmati u jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li l-identifikazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi fir-rigward tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jeħtieġ li ssir b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati.*

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati ***għandu jitqies ukoll kull ftehim*** settorjali vinkolanti li ***jwassal*** għal tnaqqis tal-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex *jiġi indirizzat it-tibdil* fil-klima, li *jista' jiġi monitorjat, huwa* verifikabbli u *suġġett* għal arranġamenti ta' infurzar." | Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati ***kif ukoll meta jiġi determinat liema setturi huma esposti għal riskju sinifikanti tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju skont l-Artikolu 10a(8) u (9)***, ***għandhom ikunu determinanti l-ftehimiet*** settorjali vinkolanti li ***jwasslu*** għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex *tiġi indirizzata l-bidla* fil-klima, li *jistgħu jiġu mmonitorjati, li huma* verifikabbli u *suġġetti* għal arranġamenti *mandatorji* ta' infurzar. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Stallazzjoni li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra. | Stallazzjoni li tieqaf topera ma tirċievi l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas oħra ***u għandha ċċedi l-kwoti kollha li jkun għad fadlilha, jew ammont ekwivalenti, lill-awtoritajiet kompetenti***. ***Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni nazzjonali u tiżgura li l-għajnuna Statali u r-regoli tal-kompetizzjoni jkunu applikati kif xieraq, b'mod partikulari biex ikunu evitati l-abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha, kull tliet xhur, tippubblika l-prezz tal-prodotti tal-enerġija għall-konsumatur aħħari, maqsumin skond il-kumpanija, is-settur u l-Istat Membru. Il-komponent tal-ETS tal-*** |

***UE tal-prezz aħħari għall-konsumatur finali għandu jingħata u ddikjarat għalih fil-pubblikazzjoni tal-prezzijiet tal-Kummissjoni.***

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 11a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sakemm *ikun daħal* fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar *it-tibdil* fil-klima, u qabel *l-avvanz ta'* l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 ta' l-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. | 1. Sakemm *jidħol* fis-seħħ ftehim internazzjonali tal-ġejjieni dwar *il-bidla* fil-klima ***jew xi ftehima settorjali internazzjonali***, u qabel l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 ta' l-Artikolu 28, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu. ***Krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju għandhom, madankollu, ikunu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 11a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Ladarba jkun intlaħaq ftehim internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima, is-CERs *biss* ta' pajjiżi terzi li kienu ratifikaw dak il-ftehim għandhom jiġu aċċettati fl-*iskema Komunitarja*. | 7. Ladarba jkun intlaħaq ftehim internazzjonali ***jew xi ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima, is-CERs ta' pajjiżi terzi li jkunu rratifikaw dik il-ftehima *biss* għandhom jiġu aċċettati fl-*ETS tal-UE*. |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 10**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 11b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jawtorizzaw biss attivitajiet ta' proġetti fejn il-parteċipanti kollha ta' proġetti jkollhom il-kwartieri tagħhom jew f'pajjiż li kkonkluda l-ftehim internazzjonali relatat ma' proġetti bħal dawn jew f'pajjiż jew entità *sotto federali* jew reġjonali marbut/a ma' l-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 25." | "Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jawtorizzaw biss attivitajiet ta' proġetti fejn il-parteċipanti kollha ta' proġetti jkollhom il-kwartieri tagħhom jew f'pajjiż li kkonkluda l-ftehim internazzjonali relatat ma' proġetti bħal dawn jew f'pajjiż jew entità *sottofederali* jew reġjonali marbut/a ma' l-iskema Komunitarja skond l-Artikolu 25." ***Il-Krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentaazjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju (carbon leakage) għandhom ikunu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 12**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament għall-monitoraġġ u *r-rappurtar* ta' l-emissjonijiet u, fejn rilevanti, dejta dwar l-attività, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u *r-rappurtar* stabbiliti fl-Anness IV u għandu jispeċifika l-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull *gass serra* fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' l-emissjonijiet għal dak il-gass. | 1. Il-Kummissjoni għandha***, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011,*** tadotta Regolament għall-monitoraġġ u *l-irrappurtar* ta' l-emissjonijiet u, fejn rilevanti, dejta dwar l-attività, mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I li għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u *l-irrappurtar* stabbiliti fl-Anness IV u għandu jispeċifika l-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull *gass b'effett ta' serra* fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' l-emissjonijiet għal dak il-gass. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 12**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-Regolament ***jista'*** jqis l-evidenza xjentifika l-aktar preċiża u aġġornata li tkun disponibbli, b'mod partikolari mill-IPCC, u ***jista'*** ukoll jispeċifika rekwiżiti biex operaturi jirrapportaw dwar emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni ta' oġġetti prodotti minn industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu jkunu suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali, u biex din l-informazzjoni tiġi verifkata indipendentement. | 2. Ir-Regolament ***għandu*** jqis l-evidenza xjentifika l-aktar preċiża u aġġornata li tkun disponibbli, b'mod partikolari mill-IPCC, u ***għandu*** wkoll jispeċifika rekwiżiti biex operaturi jirrapportaw dwar emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni ta' oġġetti prodotti minn industriji intensivi fl-enerġija li jistgħu jkunu suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali, u biex din l-informazzjoni tiġi verifkata indipendentement. ***Ir-Regolament għandu jispeċifika wkoll ir-rekwiżiti tal-irrappurtar għall-istituzzjonijiet finanzjarji mdaħħla fl-iskambji ta' l-emissjonijiet.*** |
| Dawk ir-rekwiżiti ***jistgħu*** jinkludu *r-rappurtar* dwar livelli ta' emissjonijiet mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku koperta bl-iskema Komunitarja assoċjata mal-produzzjoni ta' tali oġġetti. | Dawk ir-rekwiżiti ***għandhom*** jinkludu *l-irrappurtar* dwar livelli ta' emissjonijiet mill-ġenerazzjoni ta' l-elettriku koperta bl-iskema Komunitarja assoċjata mal-produzzjoni ta' tali oġġetti. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 12**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 14 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Kull sentejn wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport li jevalwa kif l-implimentazzjoni ta' l-impenji ta' l-Istati Membri skond din id-Direttiva affettwat il-kompetizzjoni fil-livell nazzjonali, dak*** |

| | |
|---|---|
| | ***Komunitarju u dak internazzjonali.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 13**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 15 – punt b – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament għall-verifikar ta' rapporti dwar l-emissjonijiet u l-akkreditar ta' verifikaturi li fih *tispeċifikail-*kundizzjonijiet għall-akkreditar, ir-rikonoxximent reċiproku u r-revoka ta' akkreditar għal verifikaturi, u għas-superviżjoni u l-valutazzjoni bejn il-pari (*inter pares*) kif ikun jixraq. | "Il-Kummissjoni għandha***, sat-30 ta' Ġunju 2010,*** tadotta Regolament għall-verifikar ta' rapporti dwar l-emissjonijiet u l-akkreditar ta' verifikaturi li fih *tispeċifika l-*kundizzjonijiet għall-akkreditar, ir-rikonoxximent reċiproku u r-revoka ta' akkreditar għal verifikaturi, u għas-superviżjoni u l-valutazzjoni bejn il-pari (inter pares) kif ikun jixraq. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 19**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 24a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Minbarra l-inklużjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu emissjonijiet ta' *gassijiet serra* barra l-iskema Komunitarja. | 1. Minbarra l-inklużjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' proġetti amministrati minn Stati Membri li jnaqqsu emissjonijiet ta' *gassijiet b'effett ta' serra* barra l-iskema Komunitarja. ***Il-Kummissjoni għandha teskludi l-krediti għall-proġetti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) f'setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju (carbon leakage).*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, stallazzjonijiet tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika *kkalkolata* taħt il-***25MW***, emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***10,000*** tunnellata ekwivalenti ta' *dijossidju tal-karbonju*, *eskluż* emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jistgħu jeskludu, mill-iskema Komunitarja, stallazzjonijiet tal-kombustjoni li għandhom kapaċità termika *kkwotata* taħt il-***50MW***, emissjonijiet irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti ta' anqas minn ***25,000*** tunnellata ekwivalenti ta' *$CO_2$*, *esklużi* ***emissjonijiet inevitabbli ta' $CO_2$ minn materja prima*** u emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-3 snin preċedenti, u li huma suġġetti għal miżuri li jiksbu kontribut ekwivalenti għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, jekk l-Istat Membru kkonċernat jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs), biex ikunu evitati l-ispejjeż amministrattivi bla bżonn u l-burokrazija żejda u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, l-istallazzjonijiet iż-żgħar għandu jkollhom il-possibilità li jagħżlu li ma jkunux imdaħħla fis-sistema (opt-out) jekk ikun hemm stabbiliti miżuri ekwivalenti. Terz mill-istallazzjonijiet totali li huma koperti mill-iskema huma stallazzjonijiet żgħar li bejniethom jagħmlu biss 2% mill-emissjonijiet globali rrappurtati.*

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***10 000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; | (b) jikkonferma li fis-seħħ hemm arranġamenti ta' monitoraġġ li jivvalutaw jekk kwalunkwe stallazzjoni tkunx is-sors ta' ***25,000*** tunnellata ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi ***l-emissjonijiet inevitabbli tad-dijossidju tal-karbonju mill-materja prima*** u l-emissjonijiet mill- |

| | |
|---|---|
| | bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja; |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), biex ikunu evitati l-ispejjeż amministrattivi bla bżonn u l-burokrazija żejda u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, l-istallazzjonijiet iż-żgħar għandu jkollhom il-possibilità li jagħżlu li ma jkunux imdaħħla fis-sistema (opt-out) jekk ikun hemm stabbiliti miżuri ekwivalenti. Terz mill-istallazzjonijiet totali li huma koperti mill-iskema huma stallazzjonijiet żgħar li bejniethom jagħmlu biss 2% mill-emissjonijiet globali rrappurtati.*

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe stallazzjoni tkun sors ta' ***10 000*** ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; | (c) jikkonferma li jekk kwalunkwe stallazzjoni tkun sors ta' ***25,000*** *tunnellata* ta' emissjonijiet jew aktar ta' l-ekwivalenti tad-dijossidju tal-karbonju, esklużi ***l-emissjonijiet inevitabbli tad-dijossidju tal-karbonju mill-materja prima*** u l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunwe sena kalendarja jew li l-miżuri ekwivalenti ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fis-sistema; |

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju (SMEs), biex ikunu evitati l-ispejjeż amministrattivi bla bżonn u l-burokrazija żejda u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, l-istallazzjonijiet iż-żgħar għandu jkollhom il-possibilità li jagħżlu li ma jkunux imdaħħla fis-sistema (opt-out) jekk ikun hemm stabbiliti miżuri ekwivalenti. Terz mill-istallazzjonijiet totali li huma koperti mill-iskema huma stallazzjonijiet żgħar li bejniethom jagħmlu biss 2% mill-emissjonijiet globali rrappurtati.*

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*
---|---
Aġġustamenti applikabbli mal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima | Aġġustamenti applikabbli mal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ***u/jew ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*
---|---
1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar *it-tibdil* fil-klima, li jwassal, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet serra* li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4. | 1. Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali ***u/jew ftehimiet settorjali internazzjonali*** dwar *il-bidla* fil-klima, li jwassal, sa l-2020, għal livelli mandatorji ta' tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet b'effett ta' serra* li jaqbżu l-livelli massimi tat-tnaqqqis miftiehma mill-Kunsill Ewropew, għandhom jibdew japplikaw il-paragrafi 2, 3 u 4.

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*
---|---
2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali *msemmija* fil-paragrafu 1, ***il-fattur lineari għandu jiżdied sabiex il-*** kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 ***tkun aktar baxxa minn dik stabbilita skond l-Artikolu 9, minħabba kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-***tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet serra* mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim | 2. Mis-sena wara l-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali *msemmi* fil-paragrafu 1, ***il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill li tkun tiġġustifika tnaqqis ulterjuri fil-*** kwantità Komunitarja tal-kwoti fl-2020 ***ibbażata fuq il-mekkaniżmu ta' fattur lineari u li tqis it-***tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' *gassijiet b'effett ta' serra* mill-Komunità li taqbeż l-20% li l-

| | |
|---|---|
| internazzjonali***, immultiplikat bis-sehem tat-tnaqqis globali ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2020 li l-iskema Komunitarja qed tikkontribwixxi skond l-Artikoli 9 u 9a***. | Komunità tkun impenjata għalih bil-ftehim internazzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reazzjonijiet għall-konklużjonijiet tan-negozjati dwar ftehima internazzjonali ma jkunux proċess awtomatiku iżda suġġetti għal evalwazzjoni u deċiżjoni politika.*

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – Punt 21**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-ftehim internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skond il-paragrafu 2. | 3. L-operaturi jistgħu jużaw is-CERs, l-ERUs jew krediti oħra***, minbarra l-krediti tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) minn setturi esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju***, approvati skond il-paragrafu 4 minn pajjiżi terzi li kkonkludew il-*ftehim* internazzjonali, sa nofs it-tnaqqis li jsir skond il-paragrafu 2. |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a*** |
| | ***Ir-rapport tal-Kummissjoni*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew*** |

***u lill-Kunsill dwar it-twaqqif u t-tħaddim tal-ETS tal-UE. L-ewwel rapport ta' dan it-tip għandu jitressaq sa ...*.***

**** sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness Ia*** |
| | ***Rekwiżiti minimi għal Ftehimiet Internazzjonali*** |
| | ***Ftehima internazzjonali li tinkludi l-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv u li huma esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju, jew ftehima settorjali internazzjonali li tikkonċerna dawn l-industriji, għandhom mill-inqas ikunu konformi mal-kriterji li ġejjin sabiex jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għal industriji bħal dawn:*** |
| | ***(i) il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi trid tirrappreżenta massa kritika ta' mill-inqas 85 % tal-produzzjoni,*** |
| | ***(ii) il-pajjiżi parteċipanti jrid ikollhom objettivi ekwivalenti ta' emissjonijiet tad-$CO_2$;*** |
| | ***(iii) sistemi simili ta' tnaqqis tal-emissjonijiet b'effett ekwivalenti jridu jiġu imposti mill-pajjiżi parteċipanti kollha jew mill-pajjiżi b'objettivi ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mhux ekwivalenti f'setturi koperti mill-ETS tal-UE,*** |
| | ***(iv) il-materjali li qed jikkompetu għandhom ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet ekwivalenti billi jitqiesu ċ-ċikli tal-ħajja,*** |
| | ***(v) sistema ta' sorveljanza u ta' verifika internazzjonali effettiva trid tiġi implimentata.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Konformi mal-emenda għall-Artikolu 10b.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Sistema ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta'serra |
| **Referenzi** | COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ENVI |
| **Opinjoni minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>19.2.2008 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Elisa Ferreira<br>11.3.2008 |
| **Eżami fil-kumitat** | 2.6.2008 16.7.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 9.9.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mariela Velichkova Baeva, Paolo Bartolozzi, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sebastian Valentin Bodu, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Manuel António dos Santos, Christian Ehler, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Robert Goebbels, Donata Gottardi, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Othmar Karas, Christoph Konrad, Guntars Krasts, Kurt Joachim Lauk, Andrea Losco, Astrid Lulling, Gay Mitchell, Sirpa Pietikäinen, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Heide Rühle, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Salvador Domingo Sanz Palacio, Olle Schmidt, Margarita Starkevičiūtė, Ieke van den Burg |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Harald Ettl, Piia-Noora Kauppi, Vladimír Maňka, Gianni Pittella, Bilyana Ilieva Raeva, Margaritis Schinas |

22.7.2008

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex ittejjeb u twessa' s-sistema Komunitarja għall-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra
(COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Kyriacos Triantaphyllides

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-Sistema ta' Skambju ta' l-Emissjonijiet Ewropea (UE ETS) bdiet tiffunzjona fl-1 ta' Jannar 2005 u tirrappreżenta wieħed mill-aktar strumenti importanti tal-politika dwar il-klima ta' l-UE minħabba l-kapaċità tagħha li tilħaq tnaqqis assolut fl-emissjonijiet b'mod ekonomikament effiċjenti. Id-Direttiva li temenda tfasslet mill-Kummissjoni fuq talba tal-Kunsill Ewropew bil-għan li jissaħħu ċ-ċertezza u l-prevedibilità tas-Sistema ta' Skambju ta' l-Emissjonijiet. Id-Direttiva partikolarment għandha l-għan li tikkodifika l-interpretazzjoni ta' l-installazzjoni tal-kombustjoni sabiex ittemm l-applikazzjoni inkonsistenti ta' l-ambitu tad-Direttiva li għandu jkun imwessa' biex jinkludi setturi u gassijiet ġodda għal wara l-perjodu ta' l-2013. L-ikambju ta' Gass b'Effett ta' Serra primarjament jolqot lill-gvernijiet nazzjonali u gruppi reġjonali ta' pajjiżi. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma jidhirx li jolqot lill-awtoritajiet reġjonali sotto-nazzjonali. Madankollu, dan juri viżjoni limitata ħafna. Naturalment l-installazzjonijiet tal-kombustjoni li jitqiegħdu fis-suq jinsabu f'wieħed mir-reġjuni ta' xi Stat Membru u l-effiċjenza ta' l-installazzjonijiet tiegħu f'termini ta' l-isforzi tiegħu biex jadatta għall-bidliet fis-sorsi ta' l-enerġija u d-dipendenza fuq is-suq GHG kif ukoll il-kummerċ kontinwu f'dan is-suq, se jaffettwaw b'mod dirett l-ambjent lokali, l-iżvilupp ekonomiku tiegħu kif ukoll il-koeżjoni soċjali tiegħu u l-livelli tal-impjiegi.

Il-proposta tal-Kummissjoni hi dokument tekniku u preċiż ħafna li jifforma parti mill-ftehimiet internazzjonali.

Bħalma l-Kummissarju Hübner b'mod frekwenti rrimarkat li, skond ir-regoli l-ġodda u l-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-politika ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew għandha rwol importanti biex tiffinanzja u tassisti b'mod sostenibbli, kompetittiv u sigur il-politika ta' Koeżjoni ta' l-enerġija fil-preparazzjoni biex, fil-perjodu 2007-2013, jiżdied il-kontribut diġà

sinifikanti tagħha biex tingħeleb l-isfida sabiex ikunu żgurati sorsi ta' enerġija aktar siguri u sostenibbli. F'termini finanzjarji konkreti "€ 15.2 biljun ta' fondi tal-politika ta' Koeżjoni ġew allokati għall-perjodu tal-investimenti għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija".

Minħabba dawn l-investimenti kbar u sabiex ikun possibbli li r-reġjuni kkonċernati jissorveljaw ir-rabta bejn l-investimenti li saru taħt il-fondi strutturali ta' l-UE u l-prestazzjoni tal-installazzjonijiet tal-kombustjoni fir-reġjun tagħhom waqt li bbenefikaw minn dawn l-investimenti, ir-rapporteur għal opinjoni jipproponi li l-awtoritajiet reġjonali u l-awtoritajiet tal-gvern lokali responsabbli mill-fondi ta' żvilupp reġjonali jkunu infurmati:

- dwar l-operazzjonijiet ta' kummerċ li saru mill-installazzjonijiet fit-territorju tagħhom; sabiex ikunu jistgħu jevalwaw l-effett tal-ispiża tal-fond reġjonali li għandu l-għan li jassisti kumpaniji li joperaw dawn l-installazzjonijiet biex ibiddlu t-teknoloġija użata f'sorsi ta' enerġija nodfa u rinnovabbli.

Il-Parlament reċentement irrimarka[1] l-fatt li ħafna reġjuni ta' l-Unjoni, u partikolarment dawk li s-sors prinċipali tad-dħul tagħhom hu bbażat fuq it-turiżmu, jiddependu ħafna mid-disponibilità ta' vjaġġar bl-ajru b'irħis sabiex jiżguraw is-suċċess kontinwu ta' din l-industrija importanti. Għalhekk pajjiżi bħal Ċipru, il-Greċja, Malta, u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, għandhom interess li jiżguraw li jkun hemm bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jittieħdu miżuri effettivi biex itaffu l-effetti tal-bidla fil-klima u vjaġġar bl-ajru bl-irħis u sostenibbli.

Fl-aħħarnett, l-esperjenza ta' dan il-perjodu ta' kummerċ wriet li l-prezz tal-permessi jvarja sostanzjalment, u jikkawża inċertezza għal dawk li qed jikkunsidraw li jinvestu fi proġetti ta' ffrankar ta' l-enerġija jew fi proġetti rinnovabbli u b'hekk dawn l-investimenti isiru inqas attraenti. Is-sistema l-ġdida għandha tinkludi miżuri biex tiġi skuraġġata l-ispekulazzjoni li, bħal ma qed naraw bħalissa fi swieq oħra li jvarjaw minn dak ta' l-ikel għal dak taż-żejt, jista' jkollhom effetti negattivi ħafna.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

[1] Ara r-Rapport dwar l-istrateġija għar-reġjuni l-aktar imbiegħda tas-Sa. Sudre

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-isforz addizzjonali li trid tagħmel l-ekonomija Ewropea jirrikjedi fost l-oħrajn li l-iskema Komunitarja riveduta topera bl-ogħla livell possibbli *ta* effiċjenza ekonomika u abbażi tal-kundizzjonijiet ta' allokazzjoni kompletament armonizzati ġewwa l-Komunità. ***L-irkant għandu għalehkk ikun il-prinċipju ta' bażi għal allokazzjoni, għaliex huwa l-aktar wieħed faċli u meqjus b'mod ġenerali*** bħala s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament. Dan għandu jelimina wkoll gwadanni mhux previsti u jqiegħed lil dawk li jidħlu ġodda kif ukoll l-ekonomiji li għandhom espansjoni medja fuq l-istess livell ta' l-*istallazzjonijiet* eżistenti. | (13) L-isforz addizzjonali li trid tagħmel l-ekonomija Ewropea jirrikjedi fost l-oħrajn li l-iskema Komunitarja riveduta topera bl-ogħla livell possibbli *ta'* effiċjenza ekonomika u abbażi tal-kundizzjonijiet ta' allokazzjoni kompletament armonizzati ġewwa l-Komunità. ***L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali hija*** s-sistema l-aktar effiċjenti ekonomikament ***li tista' twassal biex jiġu stabbiliti inċentivi għal teknoloġiji li jużaw livelli baxxi ta' karbonju sabiex jintlaħaq l-objettiv tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet.*** Dan għandu jelimina wkoll gwadanni mhux previsti u jqiegħed lil dawk li jidħlu ġodda kif ukoll l-ekonomiji li għandhom espansjoni medja fuq l-istess livell ta' l-*installazzjonijiet* eżistenti. |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titwaqqaf skema ta' skambju ta' l-emissjonijiet li tkun effettiva, effiċjenti f'sens ta' nfiq u li tgħin verament biex jintlaħqu l-objettivi tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet bl-anqas spejjeż, l-irkantar m'huwiex l-aqwa għażla. L-allokazzjoni bbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq l-produzzjoni attwali hija l-aħjar sistema li tagħti effikaċja ekoloġika bl-anqas spejjeż kif ippruvat mill-istudju attwali ECOFYS għall-IFIEC.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) L-Istati Membri kollha se jkollhom jagħmlu investimenti sostanzjali biex sa l-2020 inaqqsu l-intensità tal-karbonju ta' l-ekonomiji tagħhom u f'dawk l-Istati Membri fejn il-livell tad-dħul kull ras għadu notevolment taħt il-medja tal-*** | ***imħassar*** |

***Komunità u li l-ekonomiji tagħhom huma fil-proċess li jlaħħqu ma' l-Istati Membri aktar rikki se jkollhom jagħmlu sforz sinifikanti biex itejbu l-effiċjenza fl-enerġija tagħhom. L-għanijiet ta' l-eliminazzjoni ta' tagħwiġ għal kompetizzjoni intra Komunitarja u biex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' effiċjenza ekonomika fit-trasformazzjoni ta' l-ekonomija ta' l-UE għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jagħmilha xierqa li s-setturi ekonomiċi jiġu ttrattati b'mod differenti skond l-iskema Komunitarji fl-Istati Membri individwali. Għalhekk jeħtieġ li jiġu żviluppata mekkaniżmi oħra li jappoġġjaw l-isforzi ta' dawk l-Istati Membri b'livell ta' dħul relattivament baxx kull ras u bi prospetti ogħla. 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati għandu jitqassam fost l-Istati Membri skond is-sehem relattiv tagħhom ta' l-emmissjonijiet għall-2005 fl-iskema Komunitarja. 10% ta' din il-kwantità għandu jitqassam għall-benefiċċju ta' dawn l-Istati Membri għall-finijiet tas-solidarjetà u t-tkabbir fil-Komunià, biex jintuża għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima. Din id-distribuzzjoni ta' 10% għandha tqis il-livelli ta' dħul kull ras fis-sena 2005 u l-prospetti għat-tkabbir ta' l-Istati Membri,u għandha tkun ogħla għall-Istati Membri b'livell ta' dħul baxx kull ras u bi prospetti ta' tkabbir għoljin. L-Istati Membri b'livell medja ta' dħul kull ras li jkun aktar minn 20% ogħla mill-medja tal-Komunità għandhom jikkontribwixxu għal din id-distribuzzjoni, ħlief meta l-ispejjeż diretti stmati tal-pakkett globali fis-SEC(2008)85 jaqbżu ż-0.7% tal-PGD.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-adattament huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' l-iskema tal-punti ta' riferenza.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(15) Minħabba l-isforzi konsiderevoli għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-adattament għall-effetti inevitabbli tiegħu, huwa xieraq li talanqas 20% tad-dħul mill-irkant tal-kwoti jintużaw għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, għall-iffinanzjar tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, għall-iżvilupp ta enerġiji rinovabbli biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 jintużaw enerġiji rinovabbli ta' 20%, biex jintlaħaq l-impenn ta' l-UE li sa l-2020 tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija b'20%, għall-ġbir u l-ħżin ġeoloġika ta' gassijiet serra, biex issir kontribuzzjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli, għal miżuri li jħarsu mid-deforestazzjoni u jiffaċilitaw l-adattament f'pajjiżi li qegħdin fi żvilupp, u biex jiġu indirizzati aspetti soċjali bħal żidiet possibbli fil-prezzijiet ta' l-elettriku f'entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju. Dan il-proporzjon huwa notevolment taħt id-dħul nett mistenni mill-irkant min-naħa ta' l-awtoritajiet pubbliċi, meta wieħed iqis id-dħul potenzjalment imnaqqas ġej mit-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet. Barraminhekk, id-dħul mill-irkant tal-kwoti għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja. Għal dawn l-għanijiet għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ ta' l-użu tal-fondi mill-irkant. Tali notifika ma teżonerax lill-Istati Membri mill-obbligu stabbilit skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, li jagħtu notifika dwar ċerti miżuri nazzjonali. Id-Direttiva ma tippreġudikax*** | ***imħassar*** |

***ir-riżultat ta' kwalunkwe proċedura għall-għajnuna mill-Istat li tista' tittieħed fil-ġejjieni skond l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-adattament huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' l-iskema tal-punti ta' riferenza.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) ***Bħala konsegwenza, mill-2013 'l quddiem r-regola għandha tkun l-irkant sħiħ għas-settur ta' l-enerġija u għar-raffineriji, minħabba l-kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża żejda tas-CO2, u għandha tingħata allokazzjoni bi ħlas biss għall-ġabra u l-ħażna tal-karbonju għaliex l-inċentiv għal dan joħroġ mill-fatt li ma jkunux hemm il-ħtieġa li dawn jiġu ċeduti fir-rigward ta' l-emissjonijiet maħżuna. Ġeneraturi ta' l-elettriku jistgħu jirċievu kwoti mingħajr ħlas għas-sħana prodotta permezz ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definita bid-Direttiva 2004/8/KE fil-każ li sħana bħal din minn stallazzjonijiet f'setturi oħra kellha tingħata allokazzjonijiet mingħajr ħlas biex jiġi evitat tagħwiġ tal-kompetizzjoni.*** | (16) ***L-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet huwa strument li għandu jgħin biex jintlaħqu l-objettivi rigward is-$CO_2$ bl-anqas spejjeż L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tistabbilixxi l-inċentivi meħtieġa għal titjib fl-effiċjenza. L-ispejjeż li joriġinaw mill-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, kemm għall-installazzjonijiet li jieħdu sehem kif ukoll b'mod indirett għall-konsumaturi, jistgħu għalhekk ikunu limitati għall-ħtiġijiet finanzjarji li jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ skond l-objettiv stabbilit. Konsegwentement, l-emissjonijiet ta' $CO_2$ li għadhom permessi skond il-limitu massimu mhux se joħolqu spejjeż għall-Komunità. Joħolqu l-ispejjeż biss meta jkunu parti minn objettiv futur u msaħħaħ għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. Limitazzjoni bħal din ma tipperikolax l-objettivi tal-politika dwar it-tibdil fil-klima. Punti ta' riferenza stabbiliti kif suppost jissalvagwardjaw il-fatt li jintlaħaq l-objettiv tat-tnaqqis tas-$CO_2$. L-għażla ta' aġġustament 'l isfel tal-punti ta' riferenza fis-snin li ġejjin tagħmilha impossibbli li jintlaħaq l-objettiv globali tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet. Bħala konsegwenza, l-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq*** |

| | |
|---|---|
| | ***punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali għandha tkun ir-regola mill-2013 'il quddiem għall-oqsma kollha u matul il-perjodu kollu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex titwaqqaf skema ta' skambju ta' l-emissjonijiet li tkun effettiva, effiċjenti f'sens ta' nfiq u li tgħin verament biex jintlaħqu l-objettivi tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet bl-anqas spejjeż, l-irkantar m'huwiex l-aqwa għażla. L-allokazzjoni bbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq l-produzzjoni attwali hija l-aħjar sistema li tagħti effikaċja ekoloġika bl-anqas spejjeż kif ippruvat mill-istudju attwali ECOFYS għall-IFIEC.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Għal setturi oħrajn koperti bl-iskema Komunitarja, għandu jkun previst sistema tranżitorja li fiha l-allokazzjoni mingħajr ħlas fl-2013 tkun 80% ta' l-ammont li jikkorrispondi mal-persentaġġ ta' l-emissjonijiet globali madwar il-Komunità kollha matul il-perjodu 2005 sa 2007 fejn dawk l-istallazzjonijiet kienu sorsijiet ta' emissjoni imniżżla bħala proporzjon tal-kwantità annwali ta' kwoti madwar il-Komunità kollha. Minn hemm 'il quddiem, l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena f'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tintlaħaq allokazzjoni bi ħlas biss***. | ***imħassra*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prezz tal-karbonju għandu jkun inkluż kollu fil-prodotti sabiex is-suq ikun iggwidat lejn konsum li jkun aħjar għall-klima. L-allokazzjoni mingħajr ħlas tgħawweġ it-tħaddim tal-mekkaniżmu tas-suq filwaqt li l-irkantar jiffranka ħafna mill-burokrazija u jippremja lil min irendi l-aqwa. Ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetizzjoni inġusta għall-produzzjoni Ewropea minn pajjiżi li ma impenjawx ruħhom fi ftehimiet internazzjonali komprensivi dwar it-tibdil fil-klima, għandhom ikunu bbilanċjati b'rekwiżiti rigward l-importazzjoni ta' allokazzjonijiet.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Allokazzjoni ***tranżitorja*** mingħajr ħlas għal *stallazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità ("punti ta' riferiment") kollha sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-*gassijiet serra* u fl-enerġija, ***is-sostituti, il-proċessi ta' produzzjoni alternattivi, l-użu tal-bijomassa, l-enerġiji rinovabbli u l-ġabra u l-ħażna tal-ġassijiet serra.*** Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet ***u għandha tiżgura li proporzjoni dejjem jiżdied ta' dawn il-kwoti jiġi rkantat. Allokazzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti qabel il-perjodu ta' l-iskambju tal-kwoti sabiex is-suq ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Għandhom jevitaw ukoll tagħwiġ tal-kompetizzjoni fis-swieq ta' l-elettriku u t-tisħin għal stallazzjonijiet industrijali. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal dawk deħlin ġodda li jwettqu l-istess attivitajiet bħal stallazzjonijiet eżistenti li jirċievu allokazzjonijiet tranżitorji mingħajr ħlas. Biex jiġi evitat kull tagħwiġ tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, ma għandha ssir l-ebda allokazzjoni mingħajr ħlas fir-rigward tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn dawk deħlin ġodda fis-suq. Il-kwoti li jifdal fil-kategorija mwarrba apposta għal dawk li jidħlu ġodda fl-2020 għandhom jiġu rkantati.*** | (18) Allokazzjoni mingħajr ħlas għal *installazzjonijiet* għandha tingħata permezz ta' regoli madwar il-Komunità ("punti ta' riferiment") kollha sabiex jinżamm fil-minimu t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni ġewwa l-Komunità. Dawn ir-regoli għandhom iqisu t-tekniki li huma l-aktar effiċjenti fil-gassijiet *b'effett ta'* serra u fl-enerġija. Kwalunkwe regola bħal din ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet ***minn installazzjonijiet ineffiċjenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mekkaniżmu ewlieni ta' l-allokazzjonijiet għandu jkun il-punti ta' riferenza bbażati fuq il-produzzjoni attwali għas-setturi kollha. Għalhekk m'humiex meħtieġa dispożizzjonijiet oħra dwar parteċipanti ġodda eċċ. u jistgħu jitħassru. L-allokazzjoni bbażata fuq il-punti ta'*

*riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tagħti lok għaż-żieda ta' produtturi effiċjenti a skapitu ta' dawk li m'humiex effiċjenti u għall-benefiċċju ta' l-objettiv globali tal-politka dwar il-klima.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż li jikseb l-għan *tal-limitu taż-żieda fit-temperatura globali* għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra *u entitajiet oħrajn li huma sorsijiet kbar* ta' gassijiet serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("*rilaxx* tal-karbonju"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sotto setturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali f'żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' *jiżvaluta* l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-rilaxx tal-karbonju, il-Komunità se ***talloka kwoti mingħajr ħlas sa 100%*** għal setturi jew sotto setturi li jilħqu l-kriterji rilevanti. ***Id-definizzjoni ta' dawn is-setturi jew sotto setturi u l-miżuri meħtieġa jkunu suġġetti għal valutazzjoni mill-ġdid sabiex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fejn meħtieġ u biex jiġi evitat il-kumpens żejjed. Għal dawk is-setturi jew sotto setturi speċifiċi fejn jista' jiġi ppruvat kif dovut li r-riskju tar-rilaxx tal-karbonju ma jistax jiġi evitat, fejn l-elettriku jikkostitwixxi proporzjoni għoli ta' spejjeż ta' produzzjoni u jiġi prodott b'mod effiċjenti,*** | (19) Il-Komunità se tkompli tieħu t-tmexxija tan-negozjar ta' ftehim internazzjonali ambizzjuż li *għandu* jikseb l-għan *li ż-żieda fit-temperatura globali tkun limitata* għal 2°C u hija mħeġġa bil-progress li sar f'Bali f'dan ir-rigward. Fil-każ li pajjiżi żviluppati oħra *partijiet oħra li huma responsabbli minn emissjonijiet* ta' gassijiet *b'effett ta'* serra ma jipparteċipawx f'dan il-ftehim internazzjonali, dan jista' jwassal għal żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra f'pajjiż terzi fejn l-industrija ma tkunx suġġetta għal limitazzjonijiet tal-karbonju paragunabbli ("*rilokazzjoni ta' l-emissjonijiet* tal-karbonju"), u fl-istess waqt jistgħu joħolqu żvantaġġi ekonomiċi għal ċerti setturi u sotto setturi fil-Komunità li huma intensivi fl-enerġija u suġġetti għal kompetizzjoni internazzjonali f'żvantaġġ ekonomiku. Dan jista' *jdgħajjef* l-integrità ambjentali u l-benefiċċju ta' l-azzjonijiet li jsiru mill-Komunità. Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tar-rilokazzjoni *tal-emissjonijiet* tal-karbonju, il-Komunità ***se tadotta wkoll l-iskema ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' punti ta' riferenza f'***setturi jew sottosetturi li jilħqu l-kriterji rilevanti. |

| | |
|---|---|
| | ***l-azzjoni li tittieħed tista' tqis il-konsum ta' l-elettriku fil-proċess tal-produzzjoni, mingħajr ma tinbidel il-kwantità tal-kwoti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-iskema tal-benchmarks fuq il-bażi ta' l-aqwa teknoloġija disponibbli tipprovdi s-soluzzjoni l-aktar effiċjenti u l-aktar effettiva f'sens ta' nfiq.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Għalhekk mhux aktar tard minn ***Ġunju 2011*** *il-*Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sotto setturi ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-*rilaxx* tal-karbonju mhux aktar tard ***mit-30 ta' Ġunju 2010***. Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq lil stallazzjonijiet barra l-UE li ma jieħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. ***Industriji intensivi fl-enerġija determinati li jkunu esposti għal riskju sinifikanti tar-rilaxx tal-karbonju jistgħu jirċievu ammont ogħla ta' allokazzjoni mingħajr ħlas jew tista' tiġi introdotta sistema ta' ekwalizzazzjoni tal-karbonju effettiva bil-għan li jitqiegħdu fl-istess livell stallazzjonijiet mill-Komunità u dawk mill-pajjiżi terzi li jkollhom riskju sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Sistema bħal din tkun tista' tapplika għal*** | (20) Għalhekk mhux aktar tard minn ***Ġunju 2010*** *l-*Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni, tikkonsulta ma' l-isħab soċjali rilevanti kollha, u fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali, tippreżenta rapport akkumpanjat minn proposti adegwati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema setturi jew sotto setturi ta' l-industrija intensivi fl-enerġija x'aktarx li jkunu suġġetti għar-*rilokazzjoni* tal-karbonju mhux aktar tard mit-***30 ta' Ġunju 2009***. Għandha tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-valutazzjoni dwar in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom li jgħaddu l-ispiża tal-kwoti meħtieġa fuq il-prezz tal-prodott bla telf sinifikanti tas-sehem fis-suq lil installazzjonijiet barra l-UE li ma jieħdux azzjoni paragunabbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. |

***importaturi, rekwiżiti li jkunu xejn anqas favorevoli minn dawk applikabbli għal stallazzjonijiet ġewwa l-UE, per eżempju billi tirrikjedi li kwoti jiġu ċeduti. Kull azzjoni li tittieħed jeħtieġ li tkun f'konformità mal-prinċipji ta' l-UNFCCC, b'mod partikolari l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda varjati u l-kapaċitajiet rispettivi, filwaqt li titqies il-qagħda partikolari tal-Pajjiżi Lanqas Żviluppati. Ikun hemm il-bżonn ukoll li tkun f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità inkluż il-ftehim tad-WTO.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-adozzjoni ta' l-iskema tal-punti ta' riferenza se twassal għal minimizzazzjoni tar-riskju ta' "rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju". Madankollu, wieħed ma jistax jifhem għaliex l-identifikazzjoni tas-setturi li jistgħu jintlaqtu mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, m'hijiex prevista qabel l-2010. Dan idewwem biss kull investiment meħtieġ. Sena għandha tkun biżżejjed biex il-Kummissjoni tasal għal deċiżjoni.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) [Fir-rigward ta' l-approċċ għall-allokazzjoni l-avjazzjoni għandha tiġi ttrattata bl-istess mod ***bħal industriji oħra li jirċievu allokazzjoni tranżitorja mingħajr ħlas aktar milli bħala ġeneraturi ta' l-elettriku.*** Dan ifisser li 80% tal-kwoti għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fl-2013, u minn hemm 'il quddiem l-allokazzjoni mingħajr ħlas għall-avjazzjoni titnaqqas kull sena b'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu jilħqu ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni u għandhom jirrevedu s- | (33) [Fir-rigward ta' l-approċċ għall-allokazzjoni, l-avjazzjoni għandha tiġi ttrattata ***b'mod li jirrifletti l-kapaċità tagħha li ssib fjuwils alternattivi f'perjodu medju ta' żmien u għall-futur imbiegħed.*** Dan ifisser li 80% tal-kwoti għandhom jiġu allokati mingħajr ħlas fl-2013, u minn hemm 'il quddiem l-allokazzjoni mingħajr ħlas għall-avjazzjoni titnaqqas kull sena b'ammonti ugwali sakemm fl-2020 tirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jfittxu *li* jilħqu ftehim dwar miżuri globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet *b'effett ta'* serra mill-avjazzjoni u għandhom jirrevedu s-sitwazzjoni ta' dan is-settur bħala parti mir- |

sitwazzjoni ta' dan is-settur bħala parti mir-reviżjoni li jmiss ta' l-iskema Komunitarja.]

reviżjoni li jmiss ta' l-iskema Komunitarja.] ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri kollha meħtieġa biex jittaffew l-effetti negattivi possibbli kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali fuq ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer ta' l-Unjoni Ewropea (inklużi l-Istati Membri li huma gżejjer żgħar) u fuq zoni tat-Tramuntana b'livell baxx ta' popolazzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw għalihom.]***

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (34) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizju *ta' setgħat ta' l-implementazzjoni* mogħtija lill-Kummissjoni. B'mod partikolari għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri għall-***irkant*** tal-kwoti, ***għall-allokazzjoni tranżitorja tal-kwoti madwar il-Komunità kollha***, għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' l-emissjonijiet, għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u għall-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati għal proġetti. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. | (34) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizju *tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni* mogħtija lill-Kummissjoni. B'mod partikolari għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri għall-***allokazzjoni*** tal-kwoti ***fl-iskema tal-punti ta' riferenza,*** għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' l-emissjonijiet, għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u għall-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati għal proġetti. Peress li dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u ġew mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva kif ukoll biex jissupplementaw din id-Direttiva biż-żieda jew modifika ta' elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju kif provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ma teżistix sistema tranżitorja għall-allokazzjonijiet mingħajr ħlas, għaliex l-iskema tal-punti ta' riferenza għandha tkun applikata wkoll għall-industriji li jużaw ħafna enerġija. Fl-iskema tal-punti ta' riferenza, l-irkantar għandu jsir biss jekk impjant ma jissodisfax il-punti ta' riferenza konċernati.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 6**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 9a - paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jekk l-ammont ta' allokazzjonijiet mogħtija żejda lil operaturi f'settur speċifiku minħabba żidiet fil-produzzjoni skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10a(2) jaqbeż l-ammont ta' allokazzjonijiet irritornati minn operaturi f'dak is-settur minħabba tnaqqis skond l-aġġustamenti ex-post, il-punti ta' riferenza għal dan is-settur speċifiku għandhom jitnaqqsu fis-sena wara dik li fiha seħħ l-iżbilanċ skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 23(3) b'mod li jkun żgurat li jinkiseb tnaqqis globali ta' emissjonijiet li jaqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 9. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, sa l-aħħar ta' April ta' kull sena, dwar jekk inqabżitx il-kwantità ta' allokazzjonijiet ta' emissjonijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-allokazzjoni ta' allokazzjonijiet mingħajr ħlas b'aġġustament ex-post għall-produzzjoni attwali tiżgura li jintlaħaq l-objettiv rigward it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta'* $CO_2$ *u li jkun hemm tkabbir effiċjenti kif ukoll li jkun evitat qligħ ta' bla ħsieb (kif jidher mill-istudju ECOFYS dwar il-metodu IFIEC). Fil-każ li tiżdied il-produzzjoni, l-aġġustament ex-post jista' jfisser allokazzjonijiet addizzjonali f'sena waħda. Madankollu, għandu jkun żgurat li jintlaħaq l-objettiv globali. Għalhekk, jekk l-allokazzjonijiet allokati jkunu aktar milli ppjanat, il-punti ta' riferenza differenti jkunu aġġustati 'l isfel skond mekkaniżmu ta' korrezzjoni li*

*għandu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 23(3).*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 7**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10***<br>***L-irkant tal-kwoti*** | ***imħassar*** |
| ***1. Mill-2013 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirkantaw il-kwoti kollha li ma ġewx allokati mingħajr ħlas skond l-Artikolu 10a.***<br>***2. Il-kwantità totali tal-kwoti li għandhom jiġu rkantati minn kull Stat Membru għandha tkun magħmula kif ġej:***<br>***(a) 90% tal-kwantità totali tal-kwoti li għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem ta' l-emissjonijiet verifikati skond l-iskema Komunitarja fl-2005 ta' l-Istat Membru kkonċernat;***<br>***(b) 10% tal-kwantità totali li għandhom ikunu rkantati distribwiti fost ċerti Stati Membri bil-għan tas-solidarjetà u t-tkabbir ġewwa l-Komunità, b'hekk jiżdied l-ammont tal-kwoti li dawn l-Istati Membri jirkantaw skond il-punt (a) bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa.***<br>***Għall-finijiet tal-punt (a) fir-rigward ta' l-Istati Membri li ma pparteċipawx fl-iskema Komunitarja fl-2005, is-sehem tagħhom għandu jiġi kkalkulat billi jintużaw l-emissjonijiet verifikati ta' l-iskema Komunitarja skond l-iskema Komunitarja fl-2007.***<br>***Fejn meħtieġ, il-perċentwali msemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jkun adattat b'mod proporzjonali biex jiġi żgurat li d-distribuzzjoni mill-ġdid tkun 10%.*** | |

***3. Talanqas 20% tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punt (b) tiegħu, għandhom jiġu użati kif ġej:***
***(a) għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluż billli jsir kontribut lill-Fond Dinji għall-Effiċjenza fl-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbliovabbli, għall-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima u għall-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet u l-adattament, inkluż il-parteċipazzjoni f'inizjattivia fi ħdan il-qafas tal-Pjan Ewropew Strateġiku dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija;***
***(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinovabbli biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għall-użu ta' 20% ta' enerġiji rinovabbli, u biex sa l-2020 jintlaħaq l-impenn Komunitarju għaż-żieda ta' l-effiċjenza fl-enerġija b'20%.***
***(c) għall-ġabra u l-ħażna ġeoloġika ta' gassijiet serra, b'mod partikolari minn impjanti ta' l-enerġija tal-faħam.***
***(d) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjon, b'mod partikolari fil-Pajjiżi Lanqas Żviluppati;***
***(e) biex jiġi faċilitat l-adattament tal-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp għall-impatti tat-tibdil fil-klima;***
***(f) biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali fl-entitajiet domestiċi bi dħul baxx jew medju, per eżempju biż-żieda fl-effiċjenza u l-insulazzjoni tagħhom; kif ukoll***
***(g) biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi għall-ġestjoni ta' l-iskema Komunitarja.***
***4. L-Istati Membri għandhom idaħħlu tagħrif dwar l-użu tad-dħul għal kull wieħed minn dawn l-għanijiet fir-rapport ppreżentati skond id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.***
***5. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta Regolament dwar l-istimi taż-żmien, l-aministrazzjoni u aspetti oħra ta' l-irkant***

***biex jiġi żgurat li jitmexxa b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li operaturi, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, jkollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jiżvalutawx l-operat ta' l-irkant. L-irkanti għandhom jiġu mfassla biex jiżguraw li l-operaturi, u b'mod partikolari kull intrapriża żgħira u ta' daqs medju koperti bl-iskema Komunitarja, ikollhom aċċess sħiħ u li kull parteċipant ieħor ma jdgħajjifx l-operat ta' l-irkant. Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata bil-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]."***

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar fis-SSE jfisser spiża massima għall-konsumaturi kollha bla benefiċċji addizzjonali għat-tnaqqis tas-$CO_2$. Dan ifisser biss taxxa ġdida fuq is-$CO_2$ li titħallas mill-konsumaturi. Sabiex ikunu ffrankati sa 55 biljun euro kull sena għall-konsumaturi ta' l-UE u sabiex il-prezzijiet jibqgħu orħos b'madwar 20 – 30 €/MWh bla ma wieħed jiddubita dwar l-effikaċja tas-SSE, m'għandhiex tkun ibbażata fuq l-irkantar. L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tista' tipprovdi strument ekoloġikament effettiv u effiċjenti f'sens ta' nfiq.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. **Sat-30 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 2 *sa 6 u 8*** madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata. | 1. ***Mill-2013 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jallokaw l-allokazzjonijiet kollha mingħajr ħlas għall-perjodu kollu.*** Sat-***30 ta' Ġunju 2009***, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti |

msemmija fil-paragrafi 2 ***u 3*** madwar il-Komunità kollha u f'manjiera armonizzata.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)]. ***Id-definizzjoni tas-setturi li għalihom tapplika d-Direttiva tikkostitwixxi madankollu element essenzjali u kull emenda li ssirilha għandha għaldaqstant tkun is-suġġett ta' regolament.***

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, safejn ikun fattibbli, għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi tqis it-tekniki l-aktar effiċjenti, ***is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tal-gass serra,*** u ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. ***Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku.***

***Mal-konklużjoni mill-Komunità ta' ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima li jwassal għal tnaqqis mandatorju ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra paragunabbli ma' dawk tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawk il-miżuri li jipprovdu li l-allokazzjoni mingħajr ħlas isseħħ biss meta din tkun ġustifkata kompletamenti fid-dawl ta' dak il-ftehim.***

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, safejn ikun fattibbli, għandhom jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tekniki ta' gass *b'effett ta'* serra u ta' effiċjenza fl-enerġija u għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet, billi tqis it-tekniki l-aktar effiċjenti u ma għandhiex tagħti inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet.

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar ta' l-allokazzjonijiet m'huwiex meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' l-UE rigward it-tnaqqis tas-*$CO_2$*. L-irkantar ifisser żidiet enormi tal-prezzijiet ta' l-enerġija, ikun ta' ħsara għall-kompetittività ta' l-Unjoni u jnaqqas il-flus f'idejn il-konsumaturi. L-allokazzjoni mingħajr ħlas marbuta ma' punti ta' riferenza fl-UE kollha b'aġġustament ex-post (filwaqt li titqies il-produzzjoni attwali) hija l-aħjar għażla.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Suġġett għall-paragrafu 3, allokazzjoni bi ħlas biss tingħata għal ġeneraturi ta' l-elettriku, għal stallazzjonijiet għall-ġabra, għal pajpijiet għat-trasport tal-gass jew għal siti tal-ħażna ta' l-emissjonijiet ta' gass serra.*** | 2. ***Għandu jiġi allokat lill-installazzjonijiet l-għadd ta' allokazzjonijiet li jikkorrispondi għall-multiplikazzjoni aritmetika tal-volum medju tal-produzzjoni annwali mistennija, bil-punti ta' riferenza rispettiv ta' l-installazzjoni, kif ukoll bl-għadd ta' snin kalendarji fil-perjodu ta' allokazzjoni mindu bdew jaħdmu. Jekk il-volum ta' produzzjoni f'xi sena kalendarja jvarja mill-produzzjoni medja annwali mistennija, l-operatur, fil-każ ta' tnaqqis tal-produzzjoni u sat-30 ta' April tas-sena ta' wara, għandu jirritorna l-għadd ta' allokazzjonijiet lill-awtorità rilevanti li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-volum ta' produzzjoni mnaqqas bil-punt ta' riferenza allokat lill-impjant. Fil-każ ta' żieda tal-produzzjoni, l-awtorità rilevanti, wara talba u sat-30 ta' April tas-sena ta' wara, għandha talloka allokazzjonijiet addizzjonali fuq il-bażi ta' l-istess kalkolu. Il-punti ta' riferenza għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)]. Għandhom iqisu l-potenzjal ta' tnaqqis tekniku ta' l-impjanti konċernati. Emissjonijiet marbuta mal-proċessi li ma jistgħux ikunu evitati teknikament m'għandhomx jitnaqqsu meta jiġi stabbilit il-punt ta' riferenza . L-istess għandu japplika għal gassijiet ta' skart li ma jistgħux ikunu evitati. Meta gass ta' skart jintuża bħala fjuwil, għandhom jingħataw allokazzjonijiet lill-operatur ta' l-istallazzjoni li tiġġenera l-gass ta' skart skond l-istess prinċipji ta' allokazzjoni kif japplikaw skond dan il-paragrafu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-allokazzjoni għandha tkun mingħajr ħlas skond il-punt ta' riferenza fl-UE kollha, filwaqt li l-aġġustament ex-post ikun skond il-produzzjoni attwali. Dan il-metodu ta' allokazzjoni jipprovdi strument effettiv għat-tibdil fil-klima bi prezz tajjeb għall-ekonomija kollha. Dan il-mudell ta' allokazzjoni huwa implimentat fil-paragrafu 2 il-ġdid.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. a) Jekk ma ġewx stabbiliti punti ta' riferenza għal ċerti prodotti jew proċessi skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu [23(3)], l-installazzjoni konċernata għandha tingħata allokazzjonijiet ta' emissjonijiet skond l-allokazzjoni medja annwali għat-tieni perjodu ta' skambju tas-SSE, aġġustati bil-fattur lineari skond l-Artikolu 9. Il-potenzjal ta' tnaqqis tekniku ta' l-impjanti konċernati għandu jitqies.*** |
| | ***b) Meta prodotti jew proċessi m'humiex koperti mit-tieni perjodu ta' skambju tas-SSE, għandu japplika l-"grandfathering".*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Wieħed għandu jassumi li għalissa l-punti ta' riferenza ma jistgħux ikunu stabbiliti b'mod ġenerali għall-prodotti u l-proċessi kollha. Dan jista' jkun il-każ għal prodotti divrenzjati ħafna li jirrappreżentaw proporzjon żgħir mill-emissjonijiet skond l-SSE. Jeħtieġ li impjanti bħal dawn jingħataw l-allokazzjonijiet tagħhom ta' $CO_2$ skond approċċ ta' "grandfathering".*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE

Atikolu 10a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Allokazzjoni mingħajr ħlas tista' tingħata għal ġeneraturi ta' l-elettriku fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita bid-***Direttiva 2004/8/KE ***għal domanda li tkun ekonomikament iġġustifikata biex jiġi żgurat trattament ugwali fir-rigward ta' produtturi oħra tas-sħana. F'kull sena wara l-2013, l-allokazzjoni totali għal stallazzjonijiet bħal dawn fir-rigward tal-produzzjoni tas-sħana għandha tiġi aġġustata bil-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9.*** | 3. ***Impjanti effiċjenti ħafna tal-koġenerazzjoni tas-sħana u l-elettriku (CHPs) skond it-tifsira tad-***Direttiva 2004/8/KE ***għandhom jingħataw allokazzjonijiet mingħajr ħlas għal perjodu indefinit għas-sħana u l-elettriku li jiġġeneraw, fuq il-bażi ta' punt ta' riferenza .*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-CHP hija pedament tal-protezzjoni tal-klima. Iż-żamma u t-tkabbir ta' CHP effiċjenti ħafna huma meħtieġa u appoġġjati mid-Direttiva 2004/8/KE. Ikun kontroproduttiv li jiddaħħal piż ieħor mill-irkantar. F'ħafna każi, il-promozzjoni rispettiva ta' l-Istati Membri ta' impjanti CHP ma jirnexxilhiex tagħti r-riżultati mixtieqa, il-produzzjoni minn CHP eżistenti tonqos, u t-tkabbir fil-futur jista' ma jseħħx. Fil-każ li l-irkantar ikun il-mekkaniżmu ewlieni ta' allokazzjoni għall-ġeneraturi ta' l-elettriku, eżenzjoni bħal din tas-CHP mill-irkantar tgħin il-protezzjoni tal-klima.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10a – paragrafu 6 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Allokazzjoni bi ħlas biss għandha ssir fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni ta' l-elettriku minn min jidħol ġdid.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar ta' l-allokazzjonijiet tas-$CO_2$ għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku jikkostitwixxi spiża sinifikanti mhux meħtieġa għall-konsumaturi. Mekkaniżmu ta' allokazzjoni mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali jikkostitwixxi SSE aktar effiċjenti.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Suġġett għall-Artikolu 10b, l-ammont ta' kwoti allokati mingħajr ħlas skond il-paragrafi 3 sa 6 ta' dan l-Artikolu [u l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3c] fl-2013 għandu jkun 80% tal-kwantità determinata skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u mbagħad l-allokazzjoni mingħajr ħlas għandha tonqos kull sena b'ammonti ugwali sakemm jirriżulta f'allokazzjoni bi ħlas biss fl-2020.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar fis-SSE jfisser spiża massima għall-konsumaturi kollha bla benefiċċji addizzjonali għat-tnaqqis tas-$CO_2$. Dan ifisser biss taxxa ġdida fuq is-$CO_2$ li titħallas mill-konsumaturi. Sabiex ikunu ffrankati sa 55 biljun euro kull sena għall-konsumaturi ta' l-UE u sabiex il-prezzijiet jibqgħu orħos b'madwar 20 – 30 €/MWh bla ma wieħed jiddubita dwar l-effikaċja tas-SSE, m'għandhiex tkun ibbażata fuq l-irkantar. L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tista' tipprovdi strument ekoloġikament effettiv u effiċjenti f'sens ta' nfiq.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Fl-2013 u f'kull sena sussegwenti sa l-2020, stallazzjonijiet f'setturi esposti għal riskju sinifikanti ta' rilaxx ta' karbonju għandhom jiġu allokati kwoti ningħajr ħlas sa 100 filmija tal-kwantità*** | ***imħassar*** |

***determinata skond il-paragrafi 2 sa 7.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar fis-SSE jfisser spiża massima għall-konsumaturi kollha bla benefiċċji addizzjonali għat-tnaqqis tas-$CO_2$. Dan ifisser biss taxxa ġdida fuq is-$CO_2$ li titħallas mill-konsumaturi. Sabiex ikunu ffrankati sa 55 biljun euro kull sena għall-konsumaturi ta' l-UE u sabiex il-prezzijiet jibqgħu orħos b'madwar 20 – 30 €/MWh bla ma wieħed jiddubita dwar l-effikaċja tas-SSE, m'għandhiex tkun ibbażata fuq l-irkantar. L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tista' tipprovdi strument ekoloġikament effettiv u effiċjenti f'sens ta' nfiq.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Atikolu 10a – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 u mbagħad kull 3 snin ta' wara l-Kummissjoni għandha tiddetermina s-setturi msemmija fil-paragrafu 8.***<br>***Dik il-miżura, maħsuba biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu [23(3)].***<br>***Fid-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Kummissjoni se tqis safejn huwa possibbli għas-settur jew sotto settur ikkonċernat li jgħaddi l-ispiża tal-kwoti mitluba fil-prezzijiet tal-prodott mingħajr telf sinifikanti għas-sehem fiq-suq ta' l-istallazzjonijiet anqas effiċjenti fil-karbonju barra l-Komunità, billi tqis dan li ġej:***<br>***(a) safejn l-irkant ikun iwassal għal żieda sostanzjali fl-ispiża tal-produzzjoni;***<br>***(b) safejn ikun possibbli għal stallazzjonijiet individwali fis-settur ikkonċernat biex jitnaqqsu l-livelli ta' l-emissjonijiet per eżempju abbażi tat-*** | ***imħassar*** |

***tekniki l-aktar effiċjenti;***
***(c) l-istruttura tas-suq, is-suq tal-prodotti rilevanti u ġeografiku, l-esponiment tas-setturi għal kompetizzjoni internazzjonali;***
***(d) l-effett tat-tibdil fil-klima u l-politiki dwar l-enerġija li ġew implimentati, jew li mistennija li jiġu implimentati barra l-UE fis-setturi kkonċernati.***
***Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni jekk iż-żieda fil-prezz li tirriżulta mill-iskema Komunitarja tistax tiġi mgħoddija, stimi ta' bejgħ mitluf li jirriżulta minn żieda fil-prezz tal-karbonju jew l-impatt fuq il-profittabbiltà ta' l-istallazzjonijiet ikkonċernati, jistgħu fost oħrajn jiġu użati.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-irkantar fis-SSE jfisser spiża massima għall-konsumaturi kollha bla benefiċċji addizzjonali għat-tnaqqis tas-$CO_2$. Dan ifisser biss taxxa ġdida fuq is-$CO_2$ li titħallas mill-konsumaturi. Sabiex ikunu ffrankati sa 55 biljun euro kull sena għall-konsumaturi ta' l-UE u sabiex il-prezzijiet jibqgħu orħos b'madwar 20 – 30 €/MWh bla ma wieħed jiddubita dwar l-effikaċja tas-SSE, m'għandhiex tkun ibbażata fuq l-irkantar. L-allokazzjoni mingħajr ħlas ibbażata fuq il-punti ta' riferenza u fuq il-produzzjoni attwali tista' tipprovdi strument ekoloġikament effettiv u effiċjenti f'sens ta' nfiq.*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 8**
Id-Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 10b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 10b*** | ***imħassar*** |
| ***Miżuri li jappoġġjaw ċerti industriji intensivi fl-enerġija f'każ ta' rilaxx tal-karbonju potenzjali*** | |
| ***Mhux aktar tard minn Ġunju 2011, fid-dawl tar-riżultat tan-negozjati internazzjonali u ta' l-estent safejn dawn iwasslu għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u wara li tikkonsulta ma' l-*** | |

***isħab soċjali rilevanti kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport analitiku li jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' setturi jew sotto setturi li huma intensivi fl-enerġija u l-oġġetti li ġew determinati bħala esposti għal riskji sinifikanti ta' rilaxx tal-karbonju. Dan għandu jkun akkumpanjat minn kwalunkwe proposta xierqa, li jistgħu jinkludu: .***

***- l-aġġustament tal-proporzjon tal-kwoti riċevuti mingħajr ħlas minn dawk is-setturi jew sotto setturi taħt l-Artikolu 10a;***

***- inklużjoni fl-iskema Komunitarja ta' importaturi ta' prodotti minn setturi jew sotto setturi determinati skond l-Artikolu 10a.***

***Meta jiġi kkunsidrat liema miżuri huma adegwati għandu jitqies ukoll kull ftehim settorjali vinkolanti li jwassal għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet globali tal-kobor meħtieġ sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jista' jiġi monitorjat, huwa verifikabbli u suġġett għal arranġamenti ta' infurzar."***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-biċċa l-kbira ta' dawn id-diffikultajiet ikunu solvuti mill-iskema tal-punti ta' riferenza. Minħabba li l-prezzijiet ta' l-enerġija qed jiżdiedu sew, il-benchmarks jappoġġjaw ukoll l-attività ta' investiment f'teknoloġiji aktar effettivi. Dan jirrappreżenta vantaġġ kompetittiv ieħor.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE

Atikolu 11 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sat-30 ta' Settembru 2011, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni lista ta' *stallazzjonijiet* koperti b'din id-Direttiva fit-territorju tagħha u kull allokazzjoni mingħajr ħlas għal kull stallazzjoni fit-territorju tagħha kkalkolata skond ir-regoli kif stipulat fl-***Artikolu 10a(1).*** | 1. Sat-30 ta' Settembru 2011, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni lista ta' *installazzjonijiet* koperti b'din id-Direttiva fit-territorju tagħha u kull allokazzjoni mingħajr ħlas għal kull stallazzjoni fit-territorju tagħha kkalkolata skond ir-regoli kif stipulat fl-***Artikolu 10a(2)***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-adattament huwa meħtieġ għall-adozzjoni ta' l-iskema tal-punti ta' riferenza.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 9**
Id-Direttiva 2003/87/KE

**Artikolu 11 - paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | 1a. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet reġjonali jkunu ppovduti bl-informazzjoni relevanti dwar stallazzjonijiet fil-lokalità tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jevalwaw l-effetti tal-Fond ta' Żvilupp Ewropew jew l-iżpiża tal-Fond ta' Koeżjoni li għandhom l-għan li jassistu impriżi li qed iħaddmu stallazzjonijiet biex jikkonvertu t-teknoloġija li jużaw għal sorsi ta' enerġija nodfa u rinnovabbli. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Skambju tal-kwoti ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra |
| **Referenzi** | COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD) |
| **Kumitat responsabbli** | ENVI |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>19.2.2008 |
| **Rapporteur ta' opinjoni:**<br>Data tal-ħatra | Kyriacos<br>Triantaphyllides<br>26.3.2008 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 8.4.2008 26.6.2008 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 16.7.2008 |
| **Riżultat tal-vot finali** | +: 25<br>–: 17<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-vot finali** | Emmanouil Angelakas, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Jana Bobošíková, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Antonio De Blasio, Petru Filip, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Zita Gurmai, Marian Harkin, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Florencio Luque Aguilar, Jamila Madeira, Sérgio Marques, Miguel Angel Martínez Martínez, Yiannakis Matsis, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Jan Olbrycht, Maria Petre, Markus Pieper, Pierre Pribetich, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszewska, Catherine Stihler, Dimitar Stoyanov, Margie Sudre, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák |
| **Sostitut(i) preżenti għall-vot finali** | Jan Březina, Emanuel Jardim Fernandes, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Zita Pleštinská, Samuli Pohjamo, Miloslav Ransdorf |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-vot finali** | Dimitrios Papadimoulis |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Title** | Greenhouse gas emission allowance trading system |
| **References** | COM(2008)0016 – C6-0043/2008 – 2008/0013(COD) |
| **Committee responsible** | ENVI |
| **Opinion by**<br>Date announced in plenary | REGI<br>19.2.2008 |
| **Drafts(wo)man**<br>Date appointed | Kyriacos<br>Triantaphyllides<br>26.3.2008 |
| **Discussed in committee** | 8.4.2008 26.6.2008 |
| **Date adopted** | 16.7.2008 |
| **Result of final vote** | +: 25<br>–: 17<br>0: 5 |
| **Members present for the final vote** | Emmanouil Angelakas, Stavros Arnaoutakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Rolf Berend, Jana Bobošíková, Victor Boştinaru, Wolfgang Bulfon, Antonio De Blasio, Petru Filip, Iratxe García Pérez, Eugenijus Gentvilas, Ambroise Guellec, Zita Gurmai, Marian Harkin, Mieczysław Edmund Janowski, Rumiana Jeleva, Gisela Kallenbach, Tunne Kelam, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Florencio Luque Aguilar, Jamila Madeira, Sérgio Marques, Miguel Angel Martínez Martínez, Yiannakis Matsis, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Maria Petre, Markus Pieper, Pierre Pribetich, Wojciech Roszkowski, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszewska, Catherine Stihler, Dimitar Stoyanov, Margie Sudre, Oldřich Vlasák |
| **Substitute(s) present for the final vote** | Jan Březina, Emanuel Jardim Fernandes, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Zita Pleštinská, Samuli Pohjamo, Miloslav Ransdorf |
| **Substitute(s) under Rule 178(2) present for the final vote** | Dimitrios Papadimoulis |